IL-MIĠJA U L-HIDMA TA'

# L-EWWEL DUMNIKANI F'MALTA

( 1450-1512 )

M. FSADNI O.P.

L

## GĦALFEJN U GĦAL MIN DAN IL-KTIEB

It-tagħrif mitbugħ f'din il-kitba fuq il-Miġja u l-Ħidma ta' l-Ewwel Dumnikani f'Malta hu xogħol imwettaq bl-akbar sabar matul il-medda ta' bosta snin. Bih il-kittieb ried iqiegħed is-sisien sammi għall-kitba sħiħa fuq il-Ġrajjiet tad-Dumnikani matul il-ħames sekli tagħhom f'Malta.

Il-kittieb fittex li jsawwar ix-xogħol tiegħu fid-dawl tal-ġrajjiet li Malta għaddiet minnhom fiż-Żmien Nofsani. B'hekk dan il-ktieb hu ta' siwi mhux ċkejken għal dawk li jixtiequ jkattru t-tagħrif li għandhom mhux biss fuq l-Ewwel Dumnikani f'Malta imma wkoll fuq ġrajjiet Gżiritna.

Ma setax ikun li kitba ta' din is-sura ma tkunx miżgħuda b'riferenzi għal kitba, mitbugħa u mhix, li minnha l-kittieb sawwar ix-xogħol tiegħu. B'hekk dawk li jħobbu jaraw b'għajnejhom is-sewwa jkunu jistgħu jqabbluha mal-kitba fejn tinsab ikkwotata; l-oħrajn jistgħu jħallu barra għal kollox ir-riferenzi u jithennew bil-qari tal-kitba meqjusa, ċara u mexxejja.

**25c**

Lux Press.

# IL-MIĠJA U L-HIDMA TA' L-EWWEL DUMNIKANI F'MALTA (1450-1512)

MIKIEL FSADNI, O.P.

IL-MIĠJA U L-HIDMA TA'

# L-EWWEL DUMNIKANI F'MALTA

## (1450-1512)

MALTA
LUX PRESS
1965

**Nihil Obstat:**

T. M. ZAMMIT, O.P., S.Th.M.
S. L. FORTE, O.P., S.Th.L., B.Litt. (Oxon.).

**Imprimi Potest:**

S. M. ZARB, O.P., S.Th.M., S.S.D., O.B.E.
Prior Provincialis.

Die 2 Februarii, anno 1965.

---

**Nihil Obstat:**

Rev.mus Can. A. BONNICI, D.D., B.A., B.L.Can.,H.E.L.
Cens. Theol.

**Imprimatur:**

† E. GALEA, D.D., B.Litt., J.C.D., Ep. Trall. in Asia,
Vicarius Generalis.

Die 9 Februarii, anno 1965.

---

*Copyright: M. FSADNI, O.P.*

# *WERREJ*


Paġ.

Kelmtejn Qabel ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 7

I. Il-Miġja ta' l-Ewwel Dumnikani f'Malta

1. L-Ewwel Dumnikani ġew madwar is-sena 1450... 19
2. L-Ewwel Patrijiet li waqqfu l-Ordni Dumnikan f'Malta ... ... ... ... ... ... ... ... ... 22
3. Il-Kripta ta' S. Marija tal-Għar f'idejn l-Ewwel Dumnikani ... ... ... ... ... ... ... ... 26
4. L-Ewwel Knisja ta' S. Marija tal-Għar tingħata lid-Dumnikani ... ... ... ... ... ... ... ... 30

II. Il-Ħidma ta' l-Ewwel Dumnikani f'Malta

1. Il-Kripta u l-ħidma tad-Dumnikani fl-ewwel żmenijiet ... ... ... ... ... ... ... ... ... 33
2. Id-Dumnikani jibnu l-ewwel Kunvent u l-ewwel Knisja kbira ... ... ... ... ... ... ... ... 36
3. Kif kien l-ewwel Kunvent ta' S. Marija tal-Għar 45
4. Kif kienet l-ewwel Knisja kbira ta' S. Marija tal-Għar ... ... ... ... ... ... ... ... ... 49
5. Ħidma mwettqa mill-Ewwel Dumnikani ... ... 61
6. Il-Pijunieri ta' l-Ordni Dumnikan f'Malta ... ... 74

Żjidiet:

1. Il-Knisja ta' S. Mark tħalliet lid-Dumnikani ... 79
2. Il-Knisja u l-Kunvent tal-Lunzjata fil-Birgu ... 84

Bibljografija ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 93

# *ILLUSTRAZZJONIJIET*


Paġ.

1. Il-folja bit-titlu għall-opra ta' l-Azzoppardo ... ... 15
2. L-Isqof qiegħed jagħti l-Kripta lill-Ewwel tliet Dumnikani ... ... ... ... ... ... ... ... ... 23
3. Fuħħar misjub quddiem il-Knisja u l-Kunvent f'oqbra li aktarx kienu jagħmlu maċ-Ċimiterju ta' S. Marija tal-Għar ... ... ... ... ... ... 27
4. Id-dehra tal-Madonna lill-Kaċċatur ... ... ... ... 29
5. Id-deċiżjoni tal-Kunsill Popolari li jinkiteb lill-Papa ħalli l-Knisja ta' S. Marija tal-Għar tkun tal-Kunvent ta' S. Duminku ... ... ... ... ... ... 32
6. Id-disinn tal-blata tar-rħam li kienet fuq il-bieb tal-Kripta ... ... ... ... ... ... ... ... ... 35
7. Silta mill-Kunsill Popolari mlaqqa' fis-sena 1472 meta P. Zurki talab l-għajnuna għall-bini tal-Kunvent ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 38
8. L-Isqof Anton d'Alagona ... ... ... ... ... ... 40
9. L-Isqof Ġwann Paternò ... ... ... ... ... ... ... ... 41
10. Id-dokumenti oriġinali tal-għoti tar-raba' mir-Re Ferdinandu u mill-Isqfijiet D'Alagona u Paternò fis-Sala tal-Kunvent ... ... ... ... ... ... 43
11. Il-ħruq tal-Knisja mit-Torok ... ... ... ... ... ... 52
12. Disinn tal-Knisja u tal-Kunvent (1512) ... ... ... 56-57
13. Il-Madonna tar-rħam li nġiebet għall-Kappella tal-Madonna ta' Luretu; din il-lum qiegħda fil-Kripta ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 58
14. Silta mill-fundazzjoni tal-Kappella ta' S. Ursula ... 60
15. Silta mill-kuntratt għall-Kor bejn P. Zurki u l-aħwa Calachura ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 68
16. Xi wħud mill-panej tal-Kor li fis-sena 1482 P. Zurki kien ordna għand l-aħwa Calachura għall-Knisja mibnija minnu ... ... ... ... ... ... ... ... ... 69
17. Ir-Re Ferdinandu qiegħed jagħti l-għajnuna lil P. Pietru Xara ... ... ... ... ... ... ... ... ... 73
18. Il-Kripta kif tidher il-lum mibdula f'Santwarju 77


*L-Illustrazzjonijiet 5 u 7 huma miġjubin bil-korteżija tal-Bibljotekarju, Bibljoteka Rjali ta' Malta, u l Illustrazzjoni 16 bil-korteżija ta' l-Ill.mu u Rev.mu Kapitlu tal-Katidral ta' Malta. Il-cliché ta' l-Illustrazzjonijiet 5 u 7 tahomlna s-Sur E. R. Leopardi; il-bqija l-Benefatturi mniżżla fl-aħħar paġna.*

## *KELMTEJN QABEL*

Mhix ħaġa ħafifa, anzi ta' wisq taħbil il-moħħ, tikteb fuq il-miġja u l-ħidma ta' l-Ewwel Dumnikani fi Gżiritna. Ġrajjiet isseklu nofsani ntilfu. Moħbiet il-ftit li baqa' minnhom qegħdin, aktar ma jgħaddi ż-żmien, jitgħattew. Ftit huma li għandhom sabar ifittxuhom, wisq anqas huma dawk li jirnexxilhom isibu l-ftit ġrajjiet li baqgħu moħbija. U b'hekk it-tifkiriet għeżież ta' Missirijietna huma fix-xifer li jintilfu għal kollox.

Fittixna, qallibna u għarbilna bosta kitba mnejn stajna niġbru għemil l-Ewwel Dumnikani f'Malta. Wara tfittxija twila magħmula bl-akbar reqqa nistgħu ngħidu li l-aqwa għajn hi, u tibqa', it-tagħrif miġbur mid-Dumnikan Malti, P. Franġisk Marija Azzoppardo, Nutar Appostoliku, fl-opra miktuba u msemmija mill-istess kittieb "Descrittione delli tre Conventi che l'Ordine dei Predicatori tiene nell'Isola di Malta — Raccolta dal R.P. F. Francesco Maria Azzoppardo, Notaro Apostolico".

Għalhekk aħna għażilna li naħdmu t-tagħrif miġbur minn dan il-kbir storiku Dumnikan Malti, minsi u mhux magħruf kif jisthoqqlu. Fejn ikun meħtieġ nagħmlu wkoll żjidiet li rnexxielna nsibu. B'hekk nittamaw li nkunu nistgħu nxandru sehem mill-għemil qalbieni li jmiss il-miġja u l-ħidma ta' l-Ewwel Dumnikani għat-twaqqif ta' l-Ordni tagħhom f'Malta. Jidhrilna li dan seħħ għal kollox mhux biss bil-bini tal-Knisja u tal-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar, imma wkoll meta ġie maħsub għall-għixien tal-Patrijiet, prinċipalment bl-għajnuna mogħtija lilhom fis-sena 1512 mir-Re ta' Spanja, Ferdinandu. Għalhekk b'dan l-għoti nagħlqu l-kitba tagħna; iżda, fl-aħħar nagħmlu żewġ żjidiet: waħda fuq il-Knisja ta' S. Mark li tħalliet lid-Dumnikani ftit qabel ma dawn ġew Malta, u l-oħra fuq it-twaqqif tal-Knisja u tal-Kunvent tal-Lunzjata, fil-Birgu, li sar ftit wara li twaqqaf għal kollox l-ewwel Kunvent ta' S. Marija tal-Għar[1].

Aħna nafu li xi tagħrif li sejrin inxandru hu daqsxejn

1. Ma żidniex ukoll it-twaqqif tal-Kunvent u tal-Knisja tal-Portu Salvu, fil-Belt, għaliex hemm żmien twil wisq bejn is-sena 1512, li biha għalaqna l-kitba tagħna fuq l-Ewwel Dumnikani f'Malta, u t-twaqqif tal-Kunvent u l-Knisja msemmija.

dgħajjef; iżda, wara li qallibna u fittixna f'kull moħba, deherilna li m'għandniex inħalluh, dgħajjef kemm hu dgħajjef, mistur qalb ħafna kitba oħra minsija minn ħafna u magħrufa, jekk hi magħrufa, minn ftit. Irridu, fi kliem ieħor, nagħtu l-ħajja lill-għemil Missirijietna midfun għal sekli sħaħ. Ma nixtiqux inkunu ħatjin ta' qtil ta' għemilhom li minħabba xi nuqqas tagħna jintesa jew jintilef. Nixtiequ fuq kollox nagħtu l-ħajja lill-kitba moħbija u minsija tal-kbir storiku Dumnikan Malti, P. F. M. Azzoppardo. Dawn huma l-fehmiet imfissra mill-Azzoppardo fid-daħla għall-kitba tiegħu, u dawn ukoll aħna nteħnu fil-"Kelmtejn Qabel", il-kitba tagħna. Iżda hu wisq xieraq li qabel nagħtu bidu għal din il-kitba, ngħidu xi ħaġa fuq il-ħajja u l-kitba ta' l-Azzoppardo.

* * *

Santorus, iben Ferdinandu u Grazzja Azzoppardo, twieled ir-Rabat, Malta, fl-1 ta' Novembru tas-sena 1626[2]. Qabel kellu 16-il sena fisser xewqtu li jħaddan l-Ordni Dumnikan b'iben tal-Kunvent tal-Madonna tal-Għar, ir-Rabat. Għalhekk il-Majj. P. Pietru Attard, Pirjol tal-Kunvent imsemmi u Vigarju Provinċjali għat-tliet Kunventi Dumnikani f'Malta, fit-2 ta' Frar, 1642, laqqa' l-Kunsill tal-Kunvent fejn kulħadd qabel li l-ġuvni Santorus Azzoppardo jilbes il-libsa bajda u sewda b'iben tal-Kunvent tagħhom[3]. Iżda Santorus ġie mlibbes Dumnikan wara li reġa' ġie aċċettat mill-Kapitlu Provinċjalizju li sar fit-23 ta' Mejju, 1643, fil-Kunvent ta' S. Duminku f'Palermo; il-vestizzjoni saritlu fil-Kunvent tar-Rabat, fis-7.00 a.m. tal-21 ta' Ġunju, 1643, mill-Viżitatur P. Majjistru Filadelfi Machali li tah l-isem ta' Fra Franġisk Marija[4]. Billi l-Kardinali Protetturi ta' l-Ordni

2. Mir-Reġistri ta' l-Imgħammdin tal-Katidral. Niżżuħajr lill-Arċipriet tal-Katidral, Ill.mu u Rev.mu Mons. E. Brincat, li għoġbu jsibilna d-data eżatta. Santorus, sa fejn nafu, kellu tliet ħutu subien, Dun Ġwann Duminku, Ġwann Anton u Vinċenz; u żewġ ħutu bniet, Kornelja, miżżewġa lil Girgor Xerri u Gjonella miżżewġa lin-nutar Ġwann Luqa Mamo.

3. Liber Consiliorum 1629 — 1642, il-kunsill imlaqqa' "Die 2 Februarii 1642". Dan il-Ms. għandu enumerati biss l-ewwel 25 folja; barra l-kunsilji fih ukoll bosta Professjonijiet u listi ta' Inventarji.

**Kull meta nikkwotaw Ms. bla ma ngħidu fejn qiegħed, nifhmu li jkun fl-Arkivju tal-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar, ir-Rabat, Malta.**

4. Lib. Cons. 1643—1690, f. 5v. Dan il-Ms. fih ukoll bosta Professjonijiet u listi ta' Inventarji; codice inverso, ff. 174 — 237, hemm għadd ta' assenjazzjonijiet magħmula fis-snin 1643 — 1692 u listi oħra ta' Inventarji.

Dumnikan, Anton Barberini u Glormu Verospi[5], ħassru l-Atti tal-Kapitlu Provinċjalizju li sar f'Palermo fis-sena 1643 kif ukoll l-Atti tal-Viżitatur Machali[6], Fra Franġisk reġa' ġie mlibbes mill-ġdid quddiem il-Komunità tal-Kunvent tar-Rabat, fit-30 ta' Settembru ta' l-istess sena, mill-Viżitatur P. Basilju Amabile[7]. Innovizz imsemmi għamel is-sena ta' prova fin-Novizzjat tal-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar, ir-Rabat, taħt is-Surmast P. Lett. Bartilmew Azzuppard. B'dispensa speċjali tal-Vigarju Ġenerali u Baccillier P. Bert Moreo għamel il-Professjoni f'għeluq is-sena ta' l-ewwel vestizzjoni, jiġifieri, fil-21 ta' Ġunju 1644, quddiem P. Serafin Zammit, Pirjol tal-Kunvent imsemmi[8].

Fra Franġisk M. Azzoppardo ġie mibgħut jistudja l-filosofija barra l-Kunvent tiegħu, iżda, fit-3 ta' Lulju 1648 reġa' ġie assenjat f'dan il-Kunvent[9] fejn għamel it-tlitt snin tat-teoloġija[10]. Ordna Djaknu qabel it-3 ta' April 1650[11]; fit-8 ta' April 1651 kien għadu Djaknu[12], iżda laħaq Saċerdot qabel is-27 ta' Mejju ta' l-istess sena[13].

L-Azzoppardo wara li ħa l-quddiesa baqa' fil-Kunvent tar-Rabat jitħarreġ fix-xogħol tal-prokura. Għal dan l-uffiċċju kien tassew jinqala' u sab għajnuna sħiħa minn żewġ oħtu Gionella, in-nutar Gwann Luqa Mamo[14]. Għalhekk bil-kemm laħqu għad-

5. S. L. Forte, O.P., The Cardinal-Protector of the Dominican Order, Dissertationes Historicae, fasc. XV, Romae 1959, p. 68.

6. Lib. Cons. 1643—1690, f. 7v.

7. L-istess, f. 7r.

8. L-istess, ff. 10 — 12.

9. L-istess, codice inverso. f. 236.

10. Mir.Reg. D. 31, Esito Ordinario 1617 — 1663 jidher li minn Lulju 1648 sakemm qaddes, Fra Franġisk baqa' dejjem fil-Kunvent tar-Rabat. Dan il-Ms., codice inverso, fih Esito della Fabbrica 1615—1662.

11. Ara Vincenz M. Zammit, O.P., Giuliana e Compendiosa Istoria del Venerabile Convento di S. Maria della Grotta dell'Ordine dei Predicatori, P.I, ff. 318 — 321 fejn hemm illegata kopja miktuba mill-Azzoppardo tar-relazzjoni ta' l-istat tal-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar ir-Rabat, magħmula fit-3 ta' April 1650, mill-Pirjol, P. Ġwann Battista Magro u mill-PP. Nazju Galdes u Onoratu Pullicino; fost l-oħrajn f'din ir-relazzjoni hemm li Fra Franġisk M. Azzoppardo kien Djaknu.

12. Giuliana Antica, P. II, f. 894. Din il-Giuliana tikkonsisti f'ġabra ta' atti notarili u ta' dokumenti oħra li fil-qedem kienu kważi kollha kollazzjonati fil-Giuliana Vecchia u fil-Giuliana Nuova ta' sikwit ikkwotati mill-Azzoppardo fid-Descrittione, Vol. I. Illum dawn id-dokumenti huma llegati f'żewġ volumi magħrufa b'Giuliana Antica, Parte I, ff. 1 — 499, u Parte II ff. 500 — 1075.

13. Ara Reg. D. 31, Esito Ordinario 1617 — 1663, f. 89v fejn fil-kontijiet bejn id-19 u s-27 ta Mejju 1651 hemm li l-Azzoppardo kien Patri.

14. Francesco Maria Azzoppardo, O.P., Notaro Apostolico, Descrittione delli tre Convent

dew erba' snin mindu laħaq Saċerdot, id-Dumnikani tar-Rabat fis-sena 1655 fdawlu dan l-uffiċċju ta' responsabbiltà kbira.

F'Ottubru tas-sena 1658 ġie assenjat fil-Kunvent tal-Lunzjata, il-Birgu [15], fejn ġie maħtur prokuratur tal-Kunvent; din il-ħatra tniżżlet f'Atti pubbliċi tat-23 ta' Jannar 1659 min-Nutar Mikiel Attardi [16]. Waqt li kien fil-Kunvent tal-Birgu kiteb l-ewwel xogħol storiku; iżda fuq dan nitħaddtu aktar 'il quddiem. F'dan il-Kunvent baqa' sa nofs Lulju 1660 [17], meta reġa' ġie maħtur prokuratur għall-Kunvent tar-Rabat.

Biex l-Azzoppardo seta' jaqdi aħjar id-dmirijiet tal-prokura u b'anqas tfixkil iqalleb u jfittex fl-arkivji pubbliċi d-dokumenti storiċi fuq il-Kunventi Dumnikani f'Malta, il-Ġeneral ta' l-Ordni Dumnikan, P. Ġwann Battista de Marinis, fit-13 ta' Awissu 1661, ħatru b'Nutar Appostoliku għall-Provinċja ta' Sqallija skond il-Bulla Appostolika tal-Papa Piju V "Debitum Pastoralis" [18]. Din il-ħatra kellha effett uffiċċjalment fil-5 ta' Marzu 1666 meta l-Azzoppardo ħa ġurament li jaqdi d-dmirijiet kif imiss quddiem il-Provinċjal P. Ġużepp Gigante. Din iċ-ċerimonja saret fil-Kunvent tal-Madonna tal-Għar, ir-Rabat, quddiem ix-xiehda P. Eġidju Fenech, Supprior in Capite, u P. Innocenz Besina, lettur; tniżżlet f'Atti Pubbliċi fit-13 ta' Marzu 1666 min-nutar Ġwann Luqa Mamo [19].

F'Awissu tas-sena 1662 l-Azzoppardo ġie assenjat fil-Kunvent tal-Belt [20]; għalkemm, sa fejn nafu, ma kienx prokuratur fil-Kunvent imsemmi, iżda ma naqasx jagħtihom l-għajnuna fix-xogħol tal-prokura [21]. Fil-bidu tas-sena 1664 reġa' tela' r-Rabat

che l'Ordine Domenicano tiene nell'Isola di Malta, Vol. I, f. 83 fejn l-istess Azzoppardo jist qarr li n-nutar Ġwann Luqa Mamo kien żewġ oħtu Ġjonella. Fuq ix-xogħol li l-Azzoppardo ħadem flimkien man-nutar imsemmi nitħaddtu aktar 'il quddiem.

15. Birgu, Arkivju tal-Kunvent tal-Lunzjata, Reg. Exito del Vestiario 1658 — 1696, f. 8.

16 L-istess Arkivju, Vol. F, f. 2 fejn l-istess Azzoppardo jikteb li l-għażla tiegħu għal prokuratur tniżżlet fl-atti msemmija.

17. L-istess Arkivju, Reg. Vestiario 1658 — 1696, ff. 11r — v; ara wkoll, fl-Arkivju tad Dumnikani tar-Rabat, Reg. D. 31, Esito Ordin. 1617 — 1663, f. 109.

18. Ruma, Archivum Gen. Ordinis Praedicatorum, IV. 116 (Reg. Joannis Baptistae de Marinis 1657 — 70), f. 50.

19. L-aħbarijiet fuq din iċ-ċerimonja ħadnihom mill-atti tan-nutar Ġwann Luqa Mamo miktuba mill-Azzoppardo fid-Descrittione I, ff. 119v — 120v.

20. Arkivju tal-Kunvent tal-Portu Salvu, il-Belt. Reg. Vestiario 1646 — 1688, f. 63 fejn jidher li l-Azzoppardo ġie assenjat fil-Kunvent imsemmi fil-15 ta' Awissu 1662.

21. Fl-Arkivju tal-Kunvent tal-Portu Salvu, il-Belt, sibna indiċi miktub mill-Azzoppardo għall-"Libro delli Contratti del Venerabile Convento dell'Ordine dei Predicatori nella Valletta dell'Isola di Malta della Chiesa Parrocchiale sotto titolo di S. Maria di Porto Salvo".

fejn baqa' sa l-aħħar ta' ħajtu [22]; hawn reġa' kien prokuratur fis-snin 1664 - 1666, 1667 - 1673, 1677 - 1680 [23]. P. Franġisk M. Azzoppardo barra li qatta' għomru fil-prokura kien ukoll Sagristan Maġġur fis-snin 1675 - 1677, u għal bosta drabi Sottopirjol fil-Kunvent tar-Rabat, jiġifieri, fis-snin 1668 - 1670, 1672 - 1677, u mis-sena 1681 sakemm miet [24]. L-Azzoppardo wettaq dawn l-uffiċċji bl-akbar reqqa. Mhix fehma tagħna li nagħtu tagħrif dettaljat fuq hekk biex inkunu nistgħu niktbu aktar fit-tul fuq il-kitba tiegħu li tmiss il-ġrajjiet tat-tliet Kunventi Dumnikani f'Malta.

L-aħħar Kunsill Kunventwali li l-Azzoppardo ħa sehem fih, fejn ukoll ippresieda bħala Supprior in Capite, iġib id-data tal-20 ta' Mejju 1682 [25]. Wara dan iż-żmien marad, iżda l-firma tiegħu tidher fl-inventarju tal-Kunvent magħmul fit-2 ta' Awissu [26] u fil-Quittanza tal-Esito Straordinario magħmula fil-15 ta' Awissu 1682 meta kien Pirjol P. Dumink Giannino [27]. Wara dan iż-żmien ma sibna xejn aktar fuqu ħlief il-kont tal-funeral imniżżel fid-19 ta' Settembru 1682 fejn, fost l-oħrajn, jidher li d-Dumnikani tal-Kunvent tal-Belt ħadu sehem fil-funeral tiegħu [28].

**Il-kitba ta' l-Azzoppardo:** P. Franġisk sa mindu qaddes beda jqalleb u jfittex mhux biss fl-arkivji tal-Kunventi tagħna, imma

22. L-istess Arkivju, Reg. Vestiario 1646 — 1688, f. 68 mnejn nafu li l-Azzoppardo telaq mill-Kunvent tal-Belt fil-bidu tas-sena 1664; li reġa' tela r-Rabat u baqa' hemm sa l-aħħar ta' ħajtu jidher ġew mill-Arkivju tad-Dumnikani tar-Rabat, Reg. Vestiario 1664 — 1738, mill-folji bejn is-snin 1664 — 1682; ara wkoll iż-żewġ kwotazzjonijiet li ġejjin. Fl-Arkivju Gen. Ord. Praed. IV. 163 (Reg. Antonini de Monroy 1677 — 86), f. 47 hemm li P. Franġisk M. Azzoppardo fil-31 ta' Mejju 1680 ġie assenjat fil-Kunvent tar-Rabat. Ċertament ma setax ikun li kien assenjat barra mill-Kunvent tar-Rabat għal aktar minn xahrejn kif wieħed jista' jara sew mir-reġistri ta' l-amministrazzjoni tal-Kunvent imsemmi.

23. Dawn id-dati ġbarnihom mill-Azzoppardo, Descrittione I u II, mill-Liber. Cons. 1643 — 1690 u mill-kotba ta' l-amministrazzjoni tal-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar imsemmija fil-Bibljografija, fl-aħħar ta' dan il-ktieb.

24. Dan it-tagħrif ġbarnih mir-Reg. Introito Spirituale 1675—1783, mill-Liber Cons. 1643—1690 u mir-Reg. D. 31, Esito Ordin. 1617 — 1663. L-Azzoppardo kien aktar minn darba "Supprior in Capite", iżda qatt ma kien Pirjol. Fid-Descrittione I, f. 232v, n. 490 bi żball kiteb ismu minflok isem il-Pirjol P. Tumas Muscat; ara n-numri ta' qabel u ta' wara n-numru 490; ara wkoll Liber in quo scribantur receptiones et Professiones Novitiorum Simplicium 1660 — 1681 ff. 71 — 80.

25. Liber Cons. 1643 — 1690, f. 128v.

26. L-istess, codice inverso, f. 181.

27. Reg. D. 38, Esito Straordinario 1681 — 1698, f. 27v.

28. L-istess, f. 29.

wkoll fl-arkivji pubbliċi u privati, ekkleżjastiċi u ċivili bit-tama li jsib xi tagħrif fuq il-ħidma tad-Dumnikani f'Malta. Irnexxielu jsib bosta dokumenti fuq it-twaqqif tat-tliet Kunventi u fuq l-għemil qalbieni ta' l-Ewwel Dumnikani fi Gżiritna. Dawn ġabarhom u kitibhom f'diversi opri.

1. L-Azzoppardo kiteb l-ewwel xogħol storiku fis-snin 1658-1660 waqt li kien fil-Kunvent tal-Lunzjata, il-Birgu. Għalkemm ma nafux sew kif din il-kitba ġiet imsejħa minnu, iżda naħsbu li t-titlu sħiħ kien **Giuliana del Ven. Convento dell'Ordine dei Predicatori sotto titolo della SS.ma Annunciata eretto nella Città Vittoriosa dell'Isola di Malta.** Dan it-titlu jixbaħ lil dak tat-tieni opra tiegħu fuq il-Knisja u l-Kunvent tal-Belt. Madwar mitt sena wara li kitibha, din l-opra ġiet ikkwotata **Giuliana Vecchia** [29]. Il-fdal tal-folji ta' din l-opra li ħelsu l-qerda taż-żmien, jinsabu fil-Kunvent tal-Birgu llegati f'Volum F. Wara li għarbilna tajjeb il-volum imsemmi, sibna li l-Giuliana ta' l-Azzoppardo kien fiha żewġ taqsimiet: fl-ewwel waħda, minn f.1 sa f.125, l-Azzoppardo kiteb id-dokumenti li jmissu t-twaqqif tal-Knisja u tal-Kunvent tal-Lunzjata u dokumenti oħra li għandhom x'jaqsmu ma' l-istess suġġett [30]; magħhom żied il-**Protocollo Perpetuo dell'Entrate del Venerabile Convento della Santissima Annunciata della Città Vittoriosa di Malta dell'Ordine dei Predicatori.** Hi fehma tagħna li l-Azzoppardo ġieb din iż-żjieda tal-Protocollo minflok il-Cabreo jew ir-Rollo tal-beni tal-Kunvent kif għamel meta kiteb fuq il-Kunvent tar-Rabat. Fit-tieni taqsima, ff.126-327, l-Azzoppardo ġabar id-dokumenti ta' legati, testmenti, donazzjonijiet eċċ. li kienu fl-Arkivju tal-Kunvent tal-Birgu u għaqqadhom mal-kitba tiegħu f'opra waħda. Dan jidher ċar mill-werrej waħdieni għaż-żewġ taqsimiet miktub mill-istess Azzoppardo [31].

2. **Giuliana del Venerabile Convento dell'Ordine dei Predicatori e della Chiesa Parrochiale sotto titolo di Santa Maria di Porto Salvo sito nella Valletta dell'Isola di Malta** hi t-tieni biċċa xogħol ta' l-istorja miktuba minn P. Franġisk M. Azzoppardo, wisq probabbli, waqt li kien assenjat fil-Kunvent tal-Belt fis-snin

29. Birgu, Arkivju tal-Kunvent tal-Lunzjata, Vol. G, pp. 209, 210, 211, 341, 342 u paġni oħra ta' l-istess volum.

30. L-istess Arkivju, Vol. F., ff. 124 — 126 li fil-Giuliana ta' l-Azzoppardo kienu ff. 1 — 3 kif jidher mill-impaġinazzjoni miktuba mill-Azzoppardo fuq l-istess folji.

31. L-istess Arkivju, Vol. F, ff. 127 — 129 fejn hemm l-indiċi tal-Giuliana miktuba mill-Azzoppardo; minnu jonqsu folja jew żewġ folji.

1662 - 1664. Din il-Giuliana kienet fil-Kunvent tal-Belt[32]; jisgħobbina li fl-Arkivju tal-Kunvent imsemmi ma rnexxilniex insibu ħlief il-werrej tagħha mnejn ħadna t-titlu sħiħ kif ktibnih hawn fuq. Skond dan il-werrej l-opra kien fiha ff.165; l-ewwel 65 folja kienu ta' l-akbar interess għall-istorja tal-Kunvent, tal-Knisja, tat-twaqqif tal-Parroċċa, eċċ.; il-bqija kienu atti ta' donazzjonijiet, legati eċċ. imħollija lill-Patrijiet minn bosta benefatturi. Stajna nagħtu l-fehma tagħna fuq din l-opra għaliex l-Azzoppardo kiteb l-istess dokumenti b'żjieda ta' dokumenti oħra fuq l-istess Kunvent u Knisja fl-opra li kiteb fl-aħħar snin ta' ħajtu li fuqha għad irridu niktbu.

3. **Relatio onerum et obligationum Missarum ad quas tenetur Venerabilis Conventus Sanctae Mariae vulgo della Grotta nuncupati Ordinis Praedicatorum fundati extra suburbium sive Rabbatum Notabilis Civitatis Insulae Melitae ex libris et tabellis Sacrristiae eiusdem Conventus fideliter desumpta** hi biċċa xogħol oħra li fis-sena 1672 l-Azzoppardo ħadem flimkien man-nutar Ġwann Luqa Mamo (dan kien żewġ oħtu Gjonella kif ġa għedna) u mal-Pirjol tal-Kunvent P. Eġidju Fenech. Din ir-relazzjoni fiha ff.20 u folja mhux enumerata; il-valur storiku tagħha mhux ċkejken billi minnha wieħed jista' jiġbor ħafna tagħrif fuq l-ewwel żmenijiet tad-Dumnikani f'Malta. Din ir-relazzjoni tniżżlet f'Atti pubbliċi tat-18 ta' Marzu 1672 min-nutar Ġwann Luqa Mamo. Fl-Arkivju tal-Kunvent tar-Rabat għad hemm il-kopja magħmula min-nutar imsemmi. L-Azzoppardo ma naqasx iniżżel kopja ta' dawn l-atti fid-Descrittione delli tre Conventi[33].

4. Fl-istess sena 1672 il-Patrijiet tal-Kunvent tal-Portu Salvu, il-Belt, qabbdu lill-Azzoppardo biex flimkien ma' P. Ġakbu Bezzula,O.P., Nutar Appostoliku, u prokuratur tal-Kunvent, mal-Pirjol P. Gjaċint Maccapagani, u man-nutar Ġwann Luqa Mamo, jagħmel l-istorja tal-legati tal-quddies tal-Kunvent tagħhom. Din ġiet imsejħa **Obblighi di Messe Perpetue del Venerabile Convento di Santa Maria di Porto Salvo dell'Ordine dei Predicatori della Città Valletta dell'Isola di Malta.** Tniżżlet f'Atti pubbliċi tas-16 ta' April 1672 min-nutar Ġwann Luqa Mamo; l-Azzoppardo għamel

32. Għandna f'idejna lista ta' ftit mill-Mss. ta' l-Arkivju tal-Kunvent tal-Portu Salvu, il-Belt, miktuba aktar minn 40 sena ilu minn P. Daniel Callus, O.P., fejn fost l-oħrajn fiha: "Giuliana del Convento raccolta dal P. Azzoppardo (Frammentaria), Ms. nel Convento di Valletta".

33. Vol. I, ff. 363 — 378.

kopja ta' dawn l-atti fid-Descrittione delli tre Conventi [34]. F'din l-istorja wieħed isib ħafna tagħrif meħtieġ fuq l-ewwel żmenijiet tad-Dumnikani fil-Knisja u fil-Kunvent tal-Portu Salvu tal-Belt.

5. **Descrittione delli tre Conventi che l'Ordine dei Predicatori tiene nell'Isola di Malta — Raccolta dal R.P.F. Francesco Maria Azzoppardo, Notaro Apostolico** hi l-aħħar u l-aħjar xogħol storiku ta' l-Azzoppardo, li jinsab fl-Arkivju tad-Dumnikani tar-Rabat. Kif diġà għedna, dan l-istoriku Dumnikan beda jiġbor id-dokumenti li jmissu lid-Dumnikani f'Malta sa minn meta qaddes; bissaħħa t'hekk kiteb l-opri li diġà ktibna fuqhom. Iżda fil-waqt li kiteb dawn l-opri, kellu ħafna tagħrif ieħor miġbur bil-fehma li jiktbu aktar 'il quddiem. Ġara li fis-sena 1676 f'Malta kien hawn epidemija kbira tal-pesta; minħabba f'hekk l-Azzoppardo kellu jħalli għal bosta xhur it-tfittxija fl-arkivji għal aktar dokumenti kif ukoll it-taħbit li kellu bil-bini tal-Kunvent ġdid ta' S. Marija tal-Għar. Din kienet l-isbaħ okkażjoni biex jibda jikteb l-opra sħiħa fuq il-ġrajjiet tat-tliet Kunventi Dumnikani f'Malta; filfatt hekk għamel. Jekk wieħed iħares ftit lejn il-bijografiji tal-Patrijiet, il-lista tal-benefatturi, il-ġabra tal-piżijiet tal-quddies eċċ. jara kemm hi minnha t-tifsira li l-Azzoppardo beda jikteb din l-opra fiż-żmien imsemmi [35], u li ssokta jiktibha, tista' tgħid, sa l-aħħar ta' ħajtu [36]. Fost l-aħħar kitba ta' mportanza, insibu l-lista tal-beni tal-Kunvent tar-Rabat magħmula mill-Azzoppardo fis-sena 1671, iżda, li hu nnifsu jistqarr li reġa' taha daqqa ta' għajn, f'Settembru 1680, qabel ma kitibha [37]. Fl-aħħar sena u nofs ta' ħajtu ma kiteb xejn ta' importanza; f'dan iż-żmien sibna biss żjidiet ċkejknin, speċjalment fil-bijografiji tal-Patrijiet, fejn żied l-aħħar tagħrif madwar xahrejn biss qabel miet. Għalhekk nistgħu bla tlaqliq ngħidu li l-Azzoppardo kiteb id-Descrittione delli tre Conventi fis-snin 1676-1681.

P. Azzoppardo kiteb din l-opra fuq folji u qasamha fi tliet taqsimiet. Fl-Ewwel Taqsima kiteb it-tagħrif li jmiss lid-Dumnikani tar-Rabat, barra li fil-lista tal-bijografiji tar-Reliġjużi Dumnikani jġib ukoll lil dawk li kienu fiż-żewġ Kunventi l-oħra. Fit-Tieni Taqsima ġabar it-tagħrif li għandu x'jaqsam mad-Dumni-

34. Vol. II Parte, III, ff. 39—52v.

35. Azzoppardo I, ff. 233—234, nn. 496—508; II, P. II, f. 46v, n. 240, ff. 57v u 63v; II, P. III, ff. 93 u 96v.

36. L-istess Ms., I, ff. 234v—236v, nn. 511—532; II, P. II, f. 57v; u II, P. III, ff. 93—96.

37 L-istess Ms. I, f. 317.

kani tal-Birgu, u fit-Tielet Taqsima dak li jmiss lid-Dumnikani tal-Belt. L-Ewwel Taqsima hi llegata f'Volum I, li fih ff.438 enumerati, u ff.19 mhux enumerati; f'dawn hemm it-Titlu, id-Daħla għall-opra u l-Indiċi tal-Volum kollu. Minn dan il-volum jonqsu ff.34 - 37 fejn skond l-indiċi kien hemm "Fundatione del Convento di S. Maria della Grotta" u "Confirmatione della fundatione del


Descrittione delli tre conuenti che l'ordine de' predicadori tiene nell' isola di Malta. Raccolta dal R. P. Fran. M.a Azzoppardo Notar' Apostolico

Il-folja bit-titlu għall-opra ta' l-Azzoppardo

Convento"; jonqsu wkoll ff. 202 - 219 li kien fihom 127 bijografija oħra ta' Reliġjużi Dumnikani, fosthom dik ta' l-istess Azzoppardo. Bejn ff.167 - 168 kien hemm folja mhux enumerata li maż-żmien ġiet enumerata 167 bis. It-Tieni u t-Tielet Taqsima huma llegati flimkien f'Volum II. Kull Taqsima jew Parti għandha enumerazzjoni tagħha. Parte II fiha ff.64 barra folja oħra bit-titlu u oħra

bl-indiċi. Parte III fiha ff.97 barra l-ewwel folja li fiha disinn maħżuż bil-linka fejn jidher S. Duminku qiegħed jirċievi l-bastun u l-ktieb minn għand S. Pietru u S. Pawl, u folja oħra bl-indiċi. Fuq id-dahar ta' kull volum hemm miktub **De Statu Trium Conv. O.P., Melitae, Fr. Azzoppardo.**

L-Azzoppardo sawwar id-Descrittione delli tre Conventi b'kitba tad-dokumenti li rnexxielu jsib fuq id-Dumnikani f'Malta; dawn kitibhom sħaħ jew imqassra skond l-importanza tagħhom. Dawk li jmissu t-twaqqif tal-Kunventi kollha huma miktuba sħaħ kif sabhom f'diplomi oriġinali jew f'kopji awtentiċi; oħrajn, bħalma huma legati u donazzjonijiet, kitibhom biss imqassra u f'ħafna minnhom qiegħed riferenza mnejn ħadhom biex wieħed ikun jista' jara d-dokument sħiħ [38]. Fost il-kitba ta' dan l-istoriku Dumnikan, il-lista "Delli Frati che sono stati nelli tre Conventi di quest'Ordine nell'Isola di Malta", li fiha hemm miġbura 532 bijografija, hija, kif naħsbu aħna, waħda mill-aħjar u li swietlu xogħol kbir [39]. Xi wħud mill-bijografiji tant huma miktubin tajjeb li meta P. Daniel Callus, O.P. xandar il-ħajja ta' P. G. M. Rispolis, O.P. stqarr li l-għajn ewlenija tal-kitba tiegħu hi l-bijografija miktuba mill-Azzoppardo [40].

Aħna naraw differenza bejn il-kitba ta' l-Ewwel Taqsima u dik tat-Tieni u t-Tielet Taqsima. Din id-differenza ġejja mill-fatt li l-Azzoppardo qatta' għomru kollu fil-Kunvent tar-Rabat; għalhekk kellu faċilità li jikteb tagħrif aktar dettaljat fuq dan il-Kunvent, filwaqt li fil-Kunventi tal-Birgu u tal-Belt kien għal ftit żmien biss. Għaldaqstant fit-Tieni u t-Tielet Taqsima, li huma fuq dawn iż-żewġ Kunventi, hemm anqas dettalji. Sa fejn stajna naraw meta l-Azzoppardo fid-Descrittione delli tre Conventi kiteb fuq il-Kunvent tal-Belt ma żiedx wisq mal-Giuliana ta' dan il-Kunvent miktuba minnu fl-imgħoddi. Fil-waqt li żied fid-dokumenti li jmissu t-twaqqif tal-Knisja u tal-Kunvent, naqqas minn dawk tad-donazzjonijiet, legati eċċ. billi kitibhom imqassra, iżda għamel riferenza għall-Giuliana fejn wieħed ikun

38. L-istess Ms. I, ff. 242v — 282, 317 — 332, u 334 — 345; II, P.II, ff. 52 — 55; II, P. III, ff. 62—80; l-Azzoppardo jġib riferenzi wkoll f'diversi mkejjen oħra ta' l-opra tiegħu barra l-kwotazzjonijiet li tajna hawn fuq

39. L-istess I, ff. 181 — 236; il-ff. 202 — 219 fejn kien hemm 127 bijografija oħra, intilfu maż-żmien.

40. Daniele M. Callus, O.P., Un Illustre Sengleano del Seicento, P. Gio. Matteo Rispolis, O.P., Empire Press 1929, ara l-bibljografija fl-aħħar tal-ktieb ikkwotat.

jista' jsibhom aktar fit-tul [41]. L-istess għamel meta kiteb fuq il-Kunvent tal-Birgu.

Il-valur tal-kitba ta' l-Azzoppardo hu mill-aqwa, speċjalment jekk wieħed iqis li dan kien l-ewwel li kiteb l-istorja tal-Kunventi Dumnikani f'Malta. Il-valur tal-kitba tiegħu ġej mill-fatt li hu għaraf jimxi fuq dokumenti oriġinali jew kopji awtentiċi. Kull meta kiteb xi dokument fil-qosor hu qies li jkun fidil kemm jista' jkun. Aħna qattajna żmien twil inqabblu u ngħarblu l-kitba tiegħu ma' l-oriġinali u kopji awtentiċi li għadhom jinsabu fl-arkivju tagħna tar-Rabat [42]; tista' tgħid ma sibna ebda żball fil-kitba tiegħu. L-iżball ewlieni li sibna hu fejn jikteb li l-Kunvent tar-Rabat twaqqaf f'Kunvent Formali fil-Kapitlu ta' Venezja fis-sena 1486 [43], waqt li dan twaqqaf f'Kunvent Formali fis-sena 1473 fil-Kapitlu ta' Basilea [44]. In-nuqqas imsemmi, però, ma jnaqqas xejn mill-valur kbir tal-kitba ta' l-Azzoppardo; dan aħna nistgħu nistqarruh bla ebda tlaqliq wara li qattajna żmien twil infittxu t-tagħrif meħtieġ għall-kitba tagħna fuq il-miġja u l-ħidma ta' l-Ewwel Dumnikani f'Malta. Fehmitna fissirha tajjeb ħafna l-Majj. D. Callus, O.P. meta kiteb "Merita anche onorevole menzione il cronista del Convento di Notabile, P. Francesco M. Azzoppardo, Notaro Apostolico, il quale con pazientissime e faticose ricerche seppe raccogliere le notizie dei conventi maltesi e compilarne la storia con esatezza, fedeltà e criterio, abbastanza raro in quei tempi, lasciandoci di se imperitura memoria nella sua preziosa opera: Descrittione delli tre Conventi che l'Ordine dei Predicatori tiene nell'Isola di Malta [45]."

* * *

Qabel nagħlqu dawn il-kelmtejn irridu niżżu ħajr lil

41 Ara l-Azzoppardo II, P. III, f. 62 u l-folji ta' wara; meta l-Azzoppardo f'dawn il-folji jirriferixxi għall-"Giuliana" jifhem għall-Giuliana li hu kien kiteb fuq il-Kunvent tal-Portu Salvu waqt li kien assenjat hemm, kif stajna naraw bil-li qabbilna l-kwotazzjonijiet li hu ta ma' l-indiċi tal-Giuliana tiegħu li hemm fl-Arkivju tal-Kunvent imsemmi.

42. Il-parti kbira ta' dawn id-dokumenti huma llegati fil-Giuliana Antica, Parte I u Parte II.

43. Azzoppardo I, f. 33.

44. Dan l-iżball ħassru S. L. Forte, O.P., meta fis-sena 1964 sab u xandar li l-Kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat twaqqaf f'Kunvent Formali fis-sena 1473 fil-Kapitlu ta' Basilea; ara Archivum Fratrum Praedicatorum XXXIV (1964), Prior of Valletta and Vicar of Malta, p. 278; ara wkoll p. 63 ta' din il-kitba.

45. I Domenicani in Malta, Malta 1921, 2a ed., p. 22.

P. Stiefnu Forte, O.P. li, imħarreġ għal bosta snin fil-kitba taż-żmien nofsani fl-Istitut Storiku Dumnikan ġewwa Ruma, għinna mhux ftit fit-tifsil u tiswir ta' kitbitna; fost din l-għajnuna nsemmu t-tagħrif li tana fuq l-Ewwel Dumnikani f'Malta miġbur minnu mill-Arkivju Ġenerali ta' l-Ordni Dumnikan, S. Sabina, Ruma. Nżżu ħajr ukoll lill-Professur, P. Daniel Callus, O.P., li bis-saħħa ta' sehem min-noti li hu kien ġabar biex jikteb ġrajjiet id-Dumnikani f'Malta — li ksibna minn għand neputih D. Filipp Callus — tħeffitilna ħafna t-tfittxija fl-arkivji, l-aktar fost il-Mss. tal-Bibljoteka Rjali ta' Malta. Jisthoqqilhom ukoll tiżżijiet ta' ħajr: Il-Majjistru P. Tumas Zammit, O.P., għas-suġġerimenti ta' siwi li tana; P. Dward Bezzina, O.P., li kkorreġilna l-Malti; l-Istudent Dumnikan, Fra Piju Mamo, għad-disinn tal-kopertina u s-Sur Fredu Fsadni għad-disinn tal-Knisja u tal-Kunvent. Fl-aħħarnett inroddu ħajr lil kull min b'xi sura jew oħra għinna biex niktbu u nistampaw dan il-ktieb.

**MIKIEL FSADNI, O.P.**

**Kunvent ta' S. Marija tal-Għar,**
**Ir-Rabat — Malta,**
**Nhar il-Kunċizzjoni, 1964.**

# I. IL-MIĠJA TA' L-EWWEL DUMNIKANI F'MALTA

## 1. L-Ewwel Dumnikani ġew madwar is-sena 1450

Id-Dumnikani kienu magħrufa f'Malta żmien twil qabel ġew iwaqqfu l-Ordni tagħhom [1]. Ħajjithom ħajret ukoll lil xi wħud mill-Maltin iħallu art twelidhom u jmorru jħaddnu l-Ordni Dumnikan fi Sqallija. Wieħed minnhom, P. Mattew minn Malta, fis-sena 1433 messitu x-xorti li jkun l-ewwel Inkwiżitur Reġjonali għal Malta u Għawdex [2]. Bosta oħrajn, fosthom Dun Mikiel De Fabro Kanonku tal-Katidral, xtaqu wkoll li l-Patrijiet imsemmija jwaqqfu kunvent tagħhom f'Malta. Għal dan il-għan l-imsemmi Mons. De Fabro, fit-testment li għamel qabel miet fl-atti tan-nutar Luqa Sillato tas-17 ta' Mejju 1431, ħalla biex il-Knisja ta' S. Mark u l-ġid imniżżel fl-istess testment jingħataw lill-Provinċjal tad-Dumnikani ta' Sqallija; iżda l-werrieta ma wettqux din ix-xewqa qaddisa [3]. B'hekk il-Patrijiet Dumnikani Sqallin, li bil-ħeġġa li kellhom f'dak iż-żmien għat-tixrid ta' l-Ordni tagħhom żgur kienu jilqgħu din l-offerta [4], tilfu l-isbaħ okkażjoni li jwaqqfu l-ewwel kunvent tagħhom f'Malta żmien qabel is-sena li ġew fiha.

Fis-sena 1443 il-Kunvent tad-Dumnikani f'Katanja ngħaqad mal-Kunventi li kienu qed jiġu riformati mill-Beatu Pietru Geremia, O.P., Vigarju Ġenerali ta' dawn il-Kunventi [5]. Il-Geremia, f'Katanja, ħadem ħafna mhux biss għad-Dumnikani

1. Ara P. Galea, O.P., Pre-Dominican Malta, Scientia, Vol. IX (1943), n. 3, pp. 129 — 132; A. Vella, O.P., The University of S. Maria Portus Salutis, Journal of the Faculty of Arts, Vol. II, n. 2 (1962), p. 169; l-istess kittieb, The Tribunal of the Inquisition in Malta, Royal University of Malta, 1964, pp. 8 — 9.

2. A. M. Coniglione, O.P., La Provincia Domenicana di Sicilia, Catania 1937, p. 295; Azzoppardo, Descrittione I, f. 164.

3. Ara fl-aħħar ta' dan il-ktieb, Żjidiet, 1. Il-Knisja ta' S. Mark tħalliet lid-Dumnikani, pp. 79 - 84.

4. Fuq il-ħeġġa tad-Dumnikani Sqallin f'dan iż-żmien ara Coniglione, La Provincia Domenicana, p.15 u l-paġni ta' wara.

5. L-istess, p. 21.

imma għall-Kataniżi kollha[6]; fuqhekk kien maħbub minnhom ilkoll. Għaldaqstant l-għażla tas-Santa Sede ma setgħetx tkun aħjar meta fit-13 ta' Frar 1447 għażlitu biex iħoll it-tħaqqiqa bejn Mons. Ġakbu, Isqof ta' Malta, u l-Kataniż Uniċju De Naro li kien kera dar f'Katanja ta' dan il-veskovat (ta' Malta) u li l-Isqof imsemmi qal li kien jeħtieġha għat-tmexxija tad-Djoċesi tiegħu[7]. L-Isqof Ġakbu miet ftit xhur wara, b'mod li fil-21 ta' Ġunju ta' l-istess sena 1447 laħaq minfloku Mons. Anton d'Alagona, O.S.B. minn Katanja[8]. Sewwa sew f'dan iż-żmien il-Patrijiet Dumnikani Riformati mill-B. Geremia kienu qed jagħmlu ħilithom kollha biex jagħtu ħajja ġdida lill-Provinċja tagħhom mit-tigrif li din ġarrbet bix-Xiżma l-Kbira tal-Knisja; il-frott ewlieni ta' ħidmithom deher fil-ftuħ ta' Kunventi ġodda u fit-twaqqif ta' Kunventi Formali[9]. F'dawn il-fatti magħqudin flimkien naraw l-isbaħ okkażjoni li d-Dumnikani qatt seta' jkollhom biex iwaqqfu l-Ordni tagħhom f'Malta. Għalhekk naħsbu li ressqu x-xewqa tagħhom quddiem l-Isqof ta' Malta, Mons. D'Alagona; u dan b'wirja ta' qima u tiżżija ta' ħajr lejn il-Geremia ma naqasx jilqa' xewqithom. Dan mhux tibsir fieragħ speċjalment jekk wieħed igħaqqdu mal-fatti li ġbarna mill-kitba ta' l-Azzoppardo.

Fil-fehma tagħna nistgħu bla ebda tlaqliq ngħidu li d-Dumnikani ġew Malta madwar is-sena 1450. Is-sensiela ta' ġrajjiet miġbura mill-Azzoppardo magħqudin maċ-ċirkustanzi mfissra hawn fuq ma jħallulna ebda dubju fuq dan. L-Azzoppardo fost l-Atti tan-nutar Luqa Sillato sab żewġ legati: wieħed magħmul fis-26 ta' Novembru 1452 minn ċertu Thomeo Bonello li ħalla b'werrieta universali lil Pawlu u lil Manfredu bil-kundizzjoni li, jekk imutu bla wlied, il-ġid li jkunu wirtu minn għandu jingħata lill-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar[10]. Il-legat l-ieħor imsemmi

6. L-istess, pp. 21 — 22; ara wkoll ta' l-istess kittieb, Pietro Geremia, Catania 1952, pp. 125 — 126.

7. Bullarium Ordinis Praedicatorum, T. III, Romae 1731, pp. 207 — 208; D. M. Callus, O.P., Giaimo Vescovo di Malta, fl-Archivum Melitense, Vol. III (1918), pp. 104 — 107.

8. C. Eubel, Hierarchia Catholica Medii Aevi, 1431 — 1503, Monasteri 1914, p. 192. Li l-Isqof Anton d'Alagona kien minn Katanja nafuh minn G. F. Abela, Della Descrittione di Malta Isola nel mare Siciliano con le sue antichità ed altre notitie, Malta 1647, lib. III, not. I, p. 317.

9. Coniglione, La Provincia Domenicana di Sicilia, p. 15.

10. Azzoppardo, Descrittione I, f. 242v, n. 2. Mons. A. Mifsud fir-reċensjoni li għamel għall-ktieb ta' L. M. Muscat, O E.S.A., Antichità e priorità del Convento di S. Agostino della Notabile, Malta 1913, fl-Archivum Melitense, Vol. II nn. 13 — 16 (1912 — 14), pp. 104 — 105,

mill-Azzoppardo ġie magħmul fl-20 ta' Diċembru 1458 minn Mattew Curmi Slampa b'risq il-Knisja ta' S. Marija tal-Għar. Dan ħalla lill-Knisja msemmija tmint ewieq għall-kwadru u qanpiena, u mitt uqija biex jinxtraw raba' għall-għixien tas-Saċerdot li jieħu ħsieb il-Knisja msemmija. Fl-istess legat Slampa ried li l-Isqof ma jitlobx il-Quarta, u f'każ li dan jitlobha, il-legat li għamel ikun imħassar [11].

Mit-tagħrif qasir li l-Azzoppardo jagħtina fuq dawn iż-żewġ legati ma jidhirx li huma ġew magħmula b'risq il-Kunvent u l-Knisja tad-Dumnikani, iżda b'risq il-Kunvent u l-Knisja tal-Madonna tal-Għar. Nafu li ġew magħmula lid-Dumnikani jew aħjar lill-Kunvent u lill-Knisja tagħhom, jew għallanqas fdata f'idejhom, mill-fatt li l-Azzoppardo jniżżilhom fil-lista, anzi f'ras il-lista, tal-benefatturi ta' l-Ewwel Dumnikani [12]. Barra minn hekk il-kittieba kollha tal-ġrajja ta' Malta jaqblu li l-Kunvent u l-Knisja ta' S. Marija tal-Għar dejjem kienu magħrufa b'Kunvent u bi Knisja tad-Dumnikani.

Fehmitna mfissra hawn fuq tissokta tissaħħaħ mill-kitba ta' l-istess Azzoppardo fejn iġib il-proċess li sar fis-sena 1537 fuq il-Knisja ta' S. Mark. F'dan il-proċess ix-xhud Wistin Callus jistqarr li l-Kunvent ta' S. Duminku, magħruf b'Kunvent ta' S. Marija tal-Għar, inbeda fl-1457, u l-Knisja ta' dan il-Kunvent kienet dik ta' S. Marija tal-Għar mibnija minn Slampa [13]. Minn din ix-xhieda jidher ċar li, madwar iż-żmien li saru l-legati minn Thomeo Bonello u Mattew Curmi Slampa, il-Kunvent tad-Dumnikani kien magħruf bl-isem ta' S. Marija tal-Għar u l-Knisja ta' S. Marija tal-Għar kienet, għallanqas fil-fehma popolari, tad-Dumnikani.

Ta' min jistqarr li bis-saħħa tal-legat ta' Slampa sewwa sew ġiet ibbenefikata l-Knisja ta' S. Marija tal-Għar mibnija minnu; iżda, kif diġà fissirna u għad infissru aktar, din kienet sa mill-bidunett f'idejn id-Dumnikani jew aħjar amministrata minnhom. Għalhekk ma nitqarrqux jekk ngħidu li dan il-legat ġie

isemmi wkoll dan il-legat ta' Thomeo Bonello. Hu wisq probabbli li A. Mifsud ma ħax dan it-tagħrif mill-Azzoppardo: kieku kien isemmi wkoll il-legat ta' Curmi Slampa li qiegħed wara dak ta' Bonello. Dan il-fatt jissokta jsaħħaħ il-kitba ta' l-Azzoppardo u l-fehma tagħna li d-Dumnikani ġew Malta qabel is-sena 1452.

11. Azzoppardo, Descrittione I, f. 241v, n. 3.

12. L-Azzoppardo jġib dawn il-benefatturi immedjatament wara Mons. Mikiel de Fabro li fis-sena 1431 kien ħalla lid-Dumnikani l-Knisja ta' S. Mark; ara Descrittione I, f. 241v.

13. Azzoppardo, Descrittione, I, ff. 19v — 20r.

magħmul b'risq il-Knisja tad-Dumnikani speċjalment meta nafu li, madwar tlitt snin biss mindu ġiet ibbenefikata minn Slampa, il-Kunsill Popolari ra l-ħtieġa li din il-Knisja mhux biss tkun amministrata mill-Patrijiet Dumnikani, imma li tingħata lilhom [14].

Il-fatti msemmija magħqudin flimkien ma jħallulna ebda dubju li d-Dumnikani ġew Malta madwar is-sena 1450. Dawn, miġbura fil-qosor, huma:

a) Ir-relazzjonijiet mill-aħjar bejn l-Isqof ta' Malta Mons. Anton d'Alagona u l-Vigarju Ġenerali tad-Dumnikani Riformati, Pietru Geremia; u l-ħeġġa ta' dawn li jiftħu Kunventi ġodda.

b) Il-legat li għamel Thomeo Bonello fis-sena 1452 b'risq il-Kunvent tad-Dumnikani ta' S. Marija tal-Għar.

c) Ix-xhieda ta' Wistin Callus, li l-Kunvent tad-Dumnikani kien mibdi madwar is-sena 1457; skond l-istess xhud kienet ukoll mibdija l-Knisja ta' S. Marija tal-Għar tal-Kunvent imsemmi.

d) Il-benefiċċju mħolli fis-sena 1458 minn Mattew Curmi Slampa għall-Knisja ta' S. Marija tal-Għar li kien bena jew qed jibni.

e) Il-fatt li l-Azzoppardo jġib lil Thomeo Bonello u lil Mattew Curmi Slampa f'ras il-lista tal-benefatturi.

f) Id-deċiżjoni tal-Kunsill Popolari biex il-Knisja ta' Santa Marija tal-Għar tingħata lill-Kunvent ta' S. Duminku.

Għalkemm mit-tifsir li tajna jidher sewwa ħafna li l-Ewwel Dumnikani waqqfu l-Ordni tagħhom f'Malta madwar is-sena 1450, iżda, ma nistgħux inħallu barra l-possibilità, ċkejkna kemm hi ċkejkna, li setgħu ġew ftit snin, iżda mhux ħafna, qabel is-sena msemmija.

## 2. L-Ewwel Patrijiet li waqqfu l-Ordni Dumnikan f'Malta

Fil-kitba ta' l-Azzoppardo mnejn rajna li l-Ordni Dumnikan twaqqaf f'Malta madwar is-sena 1450 ma jissemma ebda Dumnikan Jista' jkun li jissemmew fl-Atti oriġinali tal-legati magħmula minn Thomeo Bonello u minn Mattew Curmi Slampa, iżda, dawn ma stajna nsibuhom imkien. L-istess nuqqas jidher fid-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Popolari biex il-Knisja ta' S. Marija tal-Għar tkun tal-Kunvent ta' S. Duminku. L-eqdem

14. Ara t-tifsir fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill Popolari biex il-Knisja ta' S. Marija tal-Għar tingħata lid-Dumnikani f'pp. 30 - 32.

dokument fejn hemm l-ismijiet ta' l-Ewwel Dumnikani jġib id-data 1466. Dan hu d-diploma tal-għoti ta' raba' mill-Isqof ta' Malta, Mons. Anton III d'Alagona, O.S.B., lill-Patrijiet Pietru Zurki, Indrì de Morisea u Pietru de Plathea (di Piazza) [15]. Iżda bejn is-sena tal-miġja tagħhom f'Malta u dan id-dokument hemm qabża ta' 16-il sena; żmien, ftit u xejn twil, biex wieħed igħid malajr li dawn, u mhux oħrajn, waqqfu l-ewwel Kunvent tagħhom f'Malta.



**L-Isqof qiegħed jagħti l-Kripta lill-Ewwel tliet Dumnikani**

L-istoriku G. F. Abela jikteb li P. Pietru Zurki msieħeb mill-Patrijiet Indrì de Morisea u Pietru de Plathea ġew Malta fis-sena 1456 bil-ħsieb li jwaqqfu Kunvent ta' l-Ordni tagħhom [16]. Għal-kemm l-Abela ma qalilniex mnejn ħa dan it-tagħrif, iżda, ta' min joqgħod fuq il-kitba tiegħu sakemm wieħed ma jkollux tagħrif

15. L-oriġinal ta' dan id-diploma jinsab fi gwarniċ tal-kcwba fis-sala tal-Kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat; ara p. 37, kwot. 26.

16. Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p. 402

ieħor imsaħħaħ bi provi. Il-kittieba l-oħra kollha huma tal-fehma li dawn it-tliet Patrijiet kienu li waqqfu l-Ordni Dumnikan f'Malta. Fl-ebda kitba, mitbugħa u le, ma sibna li hemm l-iċken tħaqqiqa fuq dan.

L-Azzoppardo, li qalleb aktar minn ħaddieħor fuq il-ġrajjiet tad-Dumnikani f'Malta, igħid li l-Ewwel Patrijiet kienu t-tlieta msemmija hawn fuq, iżda, kif hu nnifsu stqarr, dan it-tagħrif ħadu mid-diploma oriġinali tal-għoti tar-raba' lid-Dumnikani fis-sena 1466 mill-Isqof ta' Malta Anton d'Alagona [17]. Jista' jkun li dan l-istoriku Dumnikan, meta kiteb fuq it-twaqqif u l-konferma tat-twaqqif ta' l-Ordni Dumnikan f'Malta, isemmi dokumenti eqreb lejn is-sena 1450 biex juri li l-pijunieri kienu t-tliet Patrijiet imsemmija, iżda l-folji fejn kien hemm din il-kitba huma neqsin mill-opra tiegħu [18]; imma ma naħsbux li semma' oħrajn barra P. Zurki u sħabu, imsemmija minnu fl-istess opra [19].

Għalkemm, sa fejn nafu, id-Dumnikani li waqqfu l-Ordni tagħhom f'Malta kienu t-tliet Patrijiet imsemmija, iżda P. Zurki biss baqa' Malta sa l-aħħar nifs ta' ħajtu jissokta jsaħħaħ it-twaqqif ta' l-ewwel Kunvent ta' S. Marija tal-Għar; iż-żewġ Patrijiet l-oħra, Indrì de Morisea u Pietru de Plathea, iltaqgħu ma' xi tfixkil u telqu lejn arthom [20]. B'hekk wieħed ifisser għaliex f'waħda miċ-ċelel ta' l-ewwel Kunvent kien hemm miktub "Fr. Petrus Zurki, Melitensis, hujus Conventus Fundator, et eiusdem Filius, Primus Magister" [21]. Din il-kitba m'għandhiex tiftiehem li P. Zurki biss kien li waqqaf il-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar, li hu l-ewwel Kunvent tad-Dumnikani f'Malta; iżda għandha tiftiehem li l-ewwel Kunvent prinċipalment twaqqaf bis-saħħa tiegħu. Aktar 'il quddiem naraw kemm kellu raġun min kiteb l-iskrizzjoni msemmija, għaliex waqt li ż-żewġ Dumnikani li ġew Malta ma' P. Zurki mis-sena 1467 'il quddiem ma

17. Descrittione I, f. 181, n. 1.

18. Mill-indiċi tad-Descrittione delli tre Conventi, Vol. I, nafu li l-folji 34 — 37 kienu fuq it-twaqqif tal-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar u l-konferma ta' dan it-twaqqif; fost l-oħrajn kien fihom kopja tad diplomi tal-għoti tar-raba' lid-Dumnikani mill-Isqfijiet, Anton d'Alagona u Ġwann Paternò; ara r-riferenzi marġinali magħmula mill-istess Azzoppardo, fid-Descrittione I, ff. 241v — 242r. Jista' jkun li l-Azzoppardo fil-ff. 34 — 37, li huma neqsin mill-opra tiegħu, żied xi tagħrif ieħor fuq it-twaqqif tal-Kunvent imsemmi barra l-kitba tad-diplomi msemmija.

19. Descrittione I, f. 181, n.1.

20. Dan jiktbu n-nutar Indrì Allegritto fil-Cabreo tal-Kunvent; ara Giuliana Antica I, f. 31; Azzoppardo, Descrittione I, f. 313.

21. Azzoppardo, Descrittione I, f. 181, n. 1.

ssemmewx aktar, dan baqa' Malta jaħdem bla ħeda għal mhux anqas minn 36 sena oħra.

L-Ewwel Patrijiet Dumnikani ġew Malta mill-Provinċja ta' Sqallija. Iżda f'dak iż-żmien din kienet maqsuma bejn il-Patrijiet Riformati mill-Beatu Geremia u bejn dawk li baqgħu jħaddnu ċerti drawwiet ġodda, b'mod partikolari l-ħajja privata, li kienu daħlu biċ-ċirkustanzi taż-żmien [22]. Ir-Riformati kienu mmexxija minn Vigarju Ġenerali; dan, fis-snin 1433-1452, kien Pietru Geremia [23]. L-ewwel Patrijiet Dumnikani, Pietru Zurki, Indrì de Morisea u Pietru de Plathea, li ġew iwaqqfu l-Ordni tagħhom f'Malta, kienu jagħmlu mal-Kongregazzjoni tal-Patrijiet Riformati mill-Geremia. Dak li ġegħlna ngħidu dan, hu l-fatt li sewwa sew ftit qabel il-miġja tad-Dumnikani f'Malta, il-Geremia kien maħtur Viżitatur Appostoliku u Riformatur tal-Kleru Sekulari u Regulari ta' Sqallija; ċertament Malta kienet inkluża billi din id-djoċesi kienet tiddependi minn ta' Palermo. Bis-saħħa ta' hekk il-Geremia seta' wisq aħjar jirriforma u jiftaħ Kunventi ġodda, kif difatti għamel [24]. Il-ħidma tiegħu waslet sa wara biebna meta fis-sena 1443 il-Kunvent ta' Katanja ma baqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Provinċjal ta' Sqallija, imma, mar taħt il-ġurisdizzjoni tal-Geremia bħala Vigarju Generali fuq il-Kunventi ta' l-Osservanza ta' Sqallija [25]. F'din il-Belt ta' Katanja l-Geremia kien maħbub minn kulħadd mhux biss minħabba l-ħajja twajba tiegħu, imma wkoll għall-ħidma tiegħu b'risq din il-Belt. Ċertament ma naqasx jiġbed ukoll l-imħabba ta' l-Isqfijiet ta' Malta, speċjalment ta' l-Isqof Ġakbu, billi l-Geremia fis-sena 1447 ġie mqabbad minn Ruma biex jaqta' t-tħaqqiqa li dan kellu ma' Uniċju De Naro [26]. Dan il-pjaċir ma nsiħx l-Isqof Anton d'Alagona li fis-sena msemmija, li fiha wkoll miet Mons Ġakbu, ġie maħtur Isqof ta' Malta; anzi dan l-Isqof bħala Kataniż kellu raġuni oħra li jqim lil Geremia. Fid-dawl tar-raġunijiet kollha msemmija aħna ma naraw ebda dubju li t-twaqqif ta' l-Ordni Dumnikan f'Malta mwettaq madwar is-sena 1450 kien frott tal-ħidma tal-Geremia, u li l-Ewwel Patrijiet ġew

22. Coniglione, La Provincia Domenicana, pp. 15 — 26; l-istess kittieb, Pietro Geremia, pp. 54 ss.
23. L-istess kittieb, Il Beato Giovanni Liccio, Palermo 1955, p. 78.
24. L-istess kittieb, La Provincia Domenicana, p. 20, u Pietro Geremia pp. 105 — 107.
25. L-istess kittieb, La Provincia Domenicana, p. 21.
26. Ara pp. 19 - 20.

mill-Patrijiet Riformati minnu. Fehmitna tissokta tissaħħaħ mill-fatt li P. Zurki, fis-snin 1470 u 1471, għamel kopji legali ta' xi privileġġi ta' l-Ordni[27]; fi tnejn minnhom in-nutar Ġakbu Sabbara de Sansone jistqarr li Zurki ried jibgħat l-oriġinali taddiplomi fi Sqallija lill-Vigarju Ġenerali[28]. Iżda fis-snin 1468 - 1472 il-Provinċja ta' Sqallija kellha b'Superjur il-Provinċjal P. M. Reginaldo Bellassai[29]. Għalhekk il-Vigarju Ġenerali msemmi kien is-Superjur tar-Riformati li minnu kien jiddependi P. Zurki u sħabu.

Mit-tliet Patrijiet Dumnikani li ġew iwaqqfu Kunvent ta' l-Ordni tagħhom f'Malta, Pietru de Plathea u Indrì de Morisea kienu Sqallin waqt li Pietru Zurki kien Malti. Li dan kien Malti kitbuh l-Abela[30] u warajh il-kittieba kollha tal-ġrajja ta' Malta. L-Azzoppardo ssokta jżid li Zurki kien mill-Imdina[31]. L-ebda kittieb, lanqas l-Azzoppardo, ma jgħid mnejn ħa dan it-tagħrif, għalkemm naħsbu li dan sar jaf bih mill-kopja li hemm fl-opra tiegħu tal-kuntratt fejn P. Zurki fis-sena 1482 ordna l-Kor għall-Knisja li kien qiegħed jibni[32]; f'dan il-kuntratt l-istess nutar Giovanni Enrico Candacha jgħid li Zurki kien "de Civitate Meliveti ibidem praesentis"[33].

Mela fehmietna miġbura fil-qosor huma: L-Ewwel Patrijiet li waqqfu l-Ordni Dumnikan f'Malta kienu, Pietru Zurki, Malti mill-Imdina, Indrì de Morisea u Pietru de Plathea, li ġew mill-Provinċja ta' Sqallija, sewwa sew mill-Kongregazzjoni tal-Patrijiet Riformati mill-P. Pietru Geremia.

### 3. Il-Kripta ta' S. Marija tal-Għar f'idejn l-Ewwel Dumnikani

L-Insara Maltin fi żmien il-qedem kienu jidfnu f'għerien imħaffrin fil-blat u minfudin ma' xulxin; l-għadd tagħhom ġie li kien hekk kbir li kont tintilef iddur, iddur fihom; xi wħud kienu qieshom bliet taħt l-art. Dawn iċ-ċimiterji llum huma magħrufin b'Katakombi. Barra s-swar ta' l-Imdina kien hemm ħafna minn-

27. Ara pp. 62 - 63.
28. Azzoppardo, Descrittione I, ff. 39 u 54.
29. Coniglione, La Provincia Domenicana, p. 410.
30. Descrittione di Malta, lib.III', not. IX, p. 402.
31. Descrittione I, ff. 33, 181 n. 1, u 241 n. 4.
32. L-istess, f. 101.
33. Ara l-kopja awtentika tal-kuntratt fil-Giuliana Antica I, ff. 47 - 48, jew traskrizzjoni tagħha fl-Azzoppardo, Descrittione I, f. 101.

hom, fosthom dak ta' S. Marija tal-Għar 34.

Iċ-Ċimiterju ta' S. Marija tal-Għar kien kbir ħafna, jixbaħ fl-għamla liċ-Ċimiterji l-oħra ta' S. Pawl, Sant'Agata u oħrajn li kienu barra s-swar tal-Belt ta' l-Imdina; kif f'dawn kien hemm Kripta, hekk ukoll fiċ-Ċimiterju ta' S. Marija tal-Għar kien hemm Kripta wkoll. Ta' min iqis, però, li meta l-Abela jitħaddet fuq din il-Kripta jgħid li "din minn dejjem kienet ta' l-akbar



Fuħħar misjub quddiem il-Knisja u l-Kunvent f'oqbra li aktarx kienu jagħmlu maċ-Ċimiterju ta' S. Marija tal-Għar

devozzjoni u venerazzjoni fost l-Insara ta' l-imgħoddi, kif ukoll hi miżmuma fi żminijietna" 35. Din il-qima tal-Maltin lejn il-Kripta, jikteb l-Azzoppardo, tnisslet mid-dehra tal-Madonna lill-kaċċatur; din ma kenitx fehma tiegħu biss, imma kienet tradizzjoni miżmuma mill-Patrijiet u mill-Poplu Malti 36. Id-dehra tal-Madonna lill-kaċċatur kif kienet irrakkontata fi żmien

34. Ara l-Abela, Descrittione di Malta, lib. I, not. IV, pp. 36 - 55; M. Armellini, Gli Antichi cimiteri cristiani di Roma e d'Italia, Roma 1893, p. 739; A. A. Caruana, Ancient pagan tombs and christian cemeteries in the Islands of Malta, Malta 1898, pp. 14, 38, 40 u 69; l-istess kittieb, Ancient Pottery from Ancient pagan tombs and christian cemeteries in the islands of Malta, Malta 1899; T. Zammit, Malta, The Islands and their history, 2nd. ed. Malta 1929, pp. 81 - 84; l-istess kittieb, Archaeological Discoveries in Malta during the year 1911 — 1912, fl-Archivum Melitense, Vol. II, nn. 13 - 16 (1912 — 1913), pp. 68 - 69. Fuqhekk kiteb tajjeb ħafna P. Galea, O.P. fil-ktieb, Sidtna Marija tal-Għar, Malta 1949, pp. 9-10.

35. Abela, Descrittione di Malta, lib. I, not. IV, p. 48.

36. Azzoppardo, Descrittione I. f. 32v.

l-Azzoppardo hi din: "żewġ ġuvintur nobbli mill-Imdina ta' Malta li kellhom in-namra tal-kaċċa, darba waħda telqu mill-Belt (mill-Imdina) bħas-soltu għall-kaċċa. Meta waslu fil-post fejn illum jinsab l-Għar imqaddes mill-Verġni Mqaddsa raw fenek u minnufih marru għalih; dan biex jeħles minn idejhom u mill-klieb tagħhom daħal ġo ħofra tal-għar, kenn li soltu jidħlu fih l-annimali mbeżżgħin. Iż-żewġ kaċċaturi għamlu kemm setgħu biex iġegħluh joħroġ, iżda kollu ta' xejn. Għalhekk wieħed xeba' u telaq; l-ieħor webbes rasu li jaqbdu, daħal ġewwa l-għar, u kif kien għajjien ħafna nxteħet jieħu ngħasa ħalli jistrieħ xi ftit. Sieħbu, wara li stennih fejn soltu kienu jiltaqgħu biex jerġgħu lura d-dar, mar ifittxu għand il-ġenituri tiegħu, iżda ma sabux. Għalhekk kemm huwa, kemm niesu nkeddu ħafna; kienu ħosbiena sew fejn seta' mar, jekk kienx ħaj jew mejjet. Meta raw li ma ġiex lura wara tliet ijiem, bkewh u qisuh li miet. Gara li wara ħmistax-il xahar dan il-kaċċatur waqt li kien għaddej minn ħdejn il-Għar Imqaddes lemaħ lil sieħbu ħiereġ minnu. Għall-ewwel ħasbu fatat jew li kien qiegħed jara ħaġa b'oħra; imma ma damx ma ntebaħ li dak ir-raġel kien tabilħaqq sieħbu. Baqa' mistagħġeb meta semgħu jgħid li raqad għal ftit sigħat waqt li kien ilu aktar minn ħmistax-il xahar; wisq aktar stagħġeb meta żied igħidlu li ra Sinjura l-aktar nobbli mlibbsa wisq tajjeb, b'tarbija qisha xemx f'dirgħajha. Din id-dehra nisslet fih ħlewwiet is-sema tant li ma setax ma jistqarrx li dik is-Sinjura kienet il-Verġni Mqaddsa Marija, Omm Alla" 37.

Ma nafux sew meta ġrat id-dehra tal-Madonna lill-kaċċatur; aktarx qabel il-miġja tad-Dumnikani, difatti l-Abela jgħid li l-Kripta ta' S. Marija kienet devotissma qabel ma ġie P. Zurki u sħabu 38. Iżda ma naħsbux li ġrat żmien twil qabel ma ġew dawn il-Patrijiet, għaliex kieku l-Maltin kienu jagħtu rkabtu jibnu xi Kappella qabel dik mibnija minn Mattew Curmi Slampa fis-snin 1457 - 1458. U kieku kien hemm diġà Kappella mibnija

37. L-istess kwotazzjoni. Hu wisq probabbli li maż-żmien, kif aktarx dejjem jiġri, il-Maltin żiedu u żejnu din il-ġrajja. L-istess ġrajja bħalma hi fl-Azzoppardo sibniha kkupjata kelma b'kelma fir-R.M.L., Ms. 635, Miscellanea di documenti, Memoria della Madonna della Grotta nella Chiesa dei PP. Domenicani della Notabile, f. 223v. Il-kittieb ta' dan il-Ms. ikkopja bosta dokumenti oħra mill-Azzoppardo; b'daqqa ta' għajn lejn iż-żewġ Mss. malajr wieħed jara dan li għedna. Ara wkoll R.M.L., Ms. 4, Stromatum Melitensium lib. XVI collecta a Rev. Ignatio Mifsud, Relazione della Madonna della Grotta, pp. 71 - 74.

38. Descrittione di Malta, lib. I, not. IV, p. 48. u lib. III, not. IX, p. 402.

f'post hekk devot, kien ikun hemm Saċerdot li jieħu ħsiebha; f'dan il-każ kien ikun wisq diffiċli li jeħdulu postu. Fit-tfittxija li għamilna ma sibna ebda ħjiel ta' Kappella oħra ta' S. Marija tal-Għar barra dik mibnija minn Slampa.

Billi P. Pietru Zurki kien Malti mill-Imdina [39] kien jaf tajjeb bil-qima tal-Kripta ta' S. Marija; għalhekk naħsbu li l-Ewwel Dumnikani għażlu dan il-post fuq il-parir tiegħu bil-ħsieb li



Id-dehra tal-Madonna lill-Kaċċatur

jkattru aktar il-qima tal-Maltin lejn l-Għar, imqaddes bid-dehra tal-Madonna [40]. Ma rnexxielna nsibu mkien l-għoti tal-Kripta lid-Dumnikani. Iżda, mill-kitba li semmejna u għad insemmu, jidher li din mill-bidunett kienet tagħhom jew għallanqas f'idejhom. Mhux ta' xejn li fis-sena 1452, sewwa sew meta kienu għadhom kemm ġew Malta, il-post tagħhom kien magħruf b'Kunvent

39. Ara p. 26.
40. Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p. 402.

ta' S. Marija tal-Għar [41]. F'dan iż-żmien ma kienx hemm Knisja jew Kappella fejn iwettqu l-ministeru appostoliku tagħhom ħlief il-Kripta. Il-Kappella jew Knisja żgħira ta' Slampa nbniet fis-snin 1457-1458, jiġifieri, madwar seba' snin wara li ġew il-Patrijiet Dumnikani [42]. Meta din il-Knisja ngħatat lid-Dumnikani, dawn ma warrbux l-Għar, kif lanqas ma warrbuh, anzi qegħduh fl-aktar post prominenti meta bnew il-Knisja kbira. U fl-aktar post prominenti, fil-bidu tal-Knisja, għadu sal-lum.

## 4. L-ewwel Knisja ta' S. Marija tal-Għar tingħata lid-Dumnikani

Madwar seba' snin mill-miġja ta' P. Zurki u sħabu f'Malta, ċertu Mattew Curmi Slampa kien qiegħed jibni, ħdejn il-Patrijiet imsemmija, l-ewwel Knisja ta' S. Marija tal-Għar [43]. Billi din kienet ċkejkna tlestiet malajr, tant li l-istess Slampa, fl-atti tan-nutar Luqa Sillato tal-20 ta' Diċembru 1458, ibbenefikaha bi tmint ewieq għall-kwadru u qanpiena, u b'mitt uqija biex jinxtraw raba' għall-għixien tas-Saċerdot li jieħu ħsiebha [44]. Fil-waqt li Slampa kien qed jibni l-Knisja msemmija, id-Dumnikani wkoll kienu qegħdin itellgħu ħdejha sehem mill-ewwel Kunvent tagħhom [45]. Billi dawn kien għad ma kellhomx Knisja, ġara li kien hemm min tqarraq billi ħaseb li l-Knisja ta' Slampa kienet tal-Kunvent ta' S. Duminku li kien ukoll magħruf, bl-istess isem tal-Knisja, ta' S. Marija tal-Għar [46].

Naħsbu li l-ewwel Knisja ta' S. Marija tal-Għar mibnija u bbenefikata minn Slampa ġiet fdata sa mill-bidunett f'idejn il-Patrijiet Dumnikani. Certament l-għażla ma setgħetx tkun aħjar billi dawn diġa' kellhom f'idejhom it-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Madonna u l-Għar, imqaddes bid-dehra tagħha. Fost tant kitba li qallibna ma sibna ebda ħjiel li kien hemm Saċerdot jew Saċerdoti oħrajn, barra d-Dumnikani, li kienu jieħdu ħsieb il-Knisja ta' Slampa. Għalhekk l-Azzoppardo jġib lil Mattew Curmi Slampa f'ras il-lista tal-benefatturi tad-Dumnikani [47], u fil-Cabreo

41. Azzoppardo, Descrittione I, f. 241v, n. 2.

42. Ara pp. 19 - 22 u l-kitba li ġejja.

43. Mix-xhieda ta' Wistin Callus fil-proċess fuq il-Knisja ta' S. Mark, ara Azzoppardo, Descrittione I, f. 20.

44. L-istess, f. 241v, n. 3.

45. Mix-xhieda ta' Wistin Callus, ara l-istess, f. 20.

46. Omm Wistin Callus kienet waħda fost dawk li tqarrqu; ara l-istess Ms., l-istess folja.

47. L-istess, f. 241v, n. 3.

jew Rollo tal-beni tal-Kunvent miktub minnu jgħid li xi wħud mir-raba' ta' quddiem il-Knisja tagħhom ġej mill-legat ta' Slampa [48].

Id-Dumnikani, però, kienu jeħtieġu Knisja akbar minn dik ta' Slampa. Din, kif għad naraw aktar 'il quddiem [49], bnewha fejn kienet il-Knisja ta' Slampa u l-Kripta ta' S. Marija tal-Għar. Għalhekk kienu jeħtieġu li l-ewwel Knisja żgħira tkun tagħhom u mhux biss f'idejhom bħala benefiċċju. Għal dan il-għan l-Università permezz tal-Kunsill Popolari mlaqqa' fil-15 ta' Marzu 1462 (1461 ab Incarn.) qatgħet unanimament "Li jinkiteb lill-Papa ħalli l-Knisja ta' S. Marija tal-Għar tkun tal-Kunvent ta' S. Duminku". Minħabba l-importanza kbira ta' din id-deċiżjoni, niktbuha kollha kif inhi fl-atti tal-Kunsill Popolari miżmuma fil-Bibljoteka Rjali ta' Malta:

"*XV marcii X Indictionis*

*Consilium super facto quod scribatur sanctissimo patri quod ecclesia sancte marie de gructa fiat conventus sancti dominici*

*Nobilis angaraldus desguanes — Magnificus johannes de guyvara — Nobilis petrus de la habica — Egregius matheus de manuele — Nobilis antonius falca — Nobilis simon de li nasio — honorabilis lionardus calava — honorabilis salvus rapa — honorabilis ottavianus ravellu — philippus piganu alter judicum curie civilis — honorabilis pinus de manuele — Nicolaus de sarlo — Micael zarb — Nobilis paulus de biglera — Nobilis stephanus de perera — Nobilis Nicolaus vera — Nobilis georgius di la habica — Nobilis notarus antonius de fauzono alter juratorum — Nobilis petrus de caxario alter juratorum*

*Conclusum per omnes supradictos unanimes et concordes quod scribatur sanctissimo patri et fiat ecclesia predicta de gructa cònventus sancti dominici*" [50].

P. Stiefnu L. Forte, O.P. fittex fl-Arkivju Vatikan it-talba li kellha tintbagħat Ruma fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill Popolari ħalli l-Knisja ta' S. Marija tal-Għar tingħata lid-Dumnikani; s'issa għadu ma nstab xejn [51]. Lanqas ma rnexxielna nsibu meta

48. L-istess, f. 317v.
49. Ara pp. 49 - 50.
50. R.M.L., Ms. Univ. 11, f. 144v. Din id-deċiżjoni ġiet imxandra minn Mons. A. Mifsud fir-rivista La Diocesi di Malta, Anno III, n. 3 (1918), p. 84, u minn E. R. Leopardi fir-rivista "Scientia", Vol. 23, n. 3 (1957), p.105.
51. Ara S. L. Forte, O.P., Prior of Valletta and Vicar of Malta, fl-Archivum Fratrum Praedicatorum XXXIV (1964), p. 278.



Id-deċiżjoni tal-Kunsill Popolari li jinkiteb lill-Papa ħalli l-Knisja ta' S. Marija tal-Għar tkun tal-Kunvent ta' S. Duminku

l-Knisja msemmija ngħatat lil dawn il-Patrijiet; iżda nafu żgur li dan l-għoti sar qabel Gunju tas-sena 1466 meta diġà kienet mibdija l-Knisja l-kbira [52]. Minn din is-sena 'l quddiem il-Knisja ta' Slampa ma ssemmietx aktar; xhieda qawwija li din ingħatat lid-Dumnikani u dawn minflokha tellgħu oħra aħjar u akbar.

52. Li fis-sena 1466 kienet diġà mibdija l-Knisja l-kbira nafuh mid-diploma tal-għoti tar-raba' lid-Dumnikani mill-Isqof ta' Malta Anton d'Alagona; ara d-diploma ta' dan l-għoti għand id-Dumnikani tar-Rabat.

## II. IL-HIDMA TA' L-EWWEL DUMNIKANI F'MALTA

### 1. Il-Kripta u l-ħidma tad-Dumnikani fl-ewwel żmenijiet

Il-Kripta ta' S. Marija fiż-żmien li ġew Malta l-ewwel Patrijiet Dumnikani, Pietru Zurki, Indrì de Morisea u Pietru de Plathea, kienet f'post kollu għelieqi mbiegħed madwar mil fuq ix-xaqliba ta' nofsinhar ta' l-Imdina, milħuq minn trejqa ħierġa minn triq li mir-Rabat kienet tgħaddi minn ħdejn tal-Virtù għall-Gonna ta' l-Isqof, u minn trejqa oħra li mill-Kripta kienet tasal sa "Gar Barke" 1. Il-pożizzjoni tagħha xejn ma kienet tħajrek billi kienet barra s-swar tal-Belt ta' l-Imdina, u għalhekk kollha perikli għall-ħbit ta' sikwit mit-Torok.

P. Zurki u sħabu, imrawma tajjeb mill-B. Pietru Geremia fl-ispirtu dumnikan, imsejjes fil-qima speċjali lejn Marija SS.ma, ma ħarsux lejn il-Kripta fid-dawl tar-raġunijiet imsemmija, imma, bħala post imbierek bid-dehra tal-Madonna; għalhekk qiesu li l-ħidma appostolika tagħhom kellha tagħti frott bil-bosta. U tabilħaqq hekk kien, tant li l-Abela fis-sena 1647 kiteb li din l-għażla kienet ta' l-akbar suċċess 2. U wara aktar minn ħames mitt sena nistgħu nixhduh aħna wkoll.

Għalkemm il-Kripta ta' S. Marija kienet miqjuma mill-Maltin sa minn qabel il-miġja tal-Patrijiet Dumnikani 3, iżda, dawn fittxew li jkattruha mill-aħjar li setgħu. Għaldaqstant barra milli kienu jżommu l-altar kif jixraq bix-xbieha tal-Madonna, żejnu l-Għar b'ħafna pitturi sbieħ 4. Mingħajr tlaqliq it-tħabrik tagħhom għat-tixrid tal-qima lejn il-Kripta, lejn il-Madonna, ħajru lil Mattew Curmi Slampa jibni u jibbenefika

1. Ara l-oriġinal tad-diplomi tal-għoti tar-raba' lid-Dumnikani fis-snin 1466 u 1480 mill-Isqfijiet Anton d'Alagona u Gwann Paternò; dawn jinsabu fis-sala tal-Patrijiet Dumnikani tar-Rabat. Kopji ta' dawn iż-żewġ dokumenti jinsabu fil-Giuliana Antica, P. I, ff. 37 - 40 u fl-Arkivju tal-Katidral, Ms. 2, Documenta Serie A, T. II, pp. 59 - 62 u 67 - 69. L-Azzoppardo kitibhom ukoll fid-Descrittione, I, ff. 34 - 37, iżda dawn il-ff. huma neqsin mill-opra msemmija.

2. Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p. 402; it-tagħrif li kiteb l-Abela fuq il-Kripta ta' S. Marija nsibuh ukoll fl-Azzoppardo, Descrittione I, f. 32.

3. L-istess ktieb, lib I, not. IV, p. 48.

4. L-istess kwotazzjoni.

l-ewwel Knisja ddedikata lil S. Marija tal-Għar, u jafdaha f'idejhom biex jeħdulu ħsiebha [5]. Il-Patrijiet, però, għalkemm kellhom din il-Knisja fejn iwettqu l-ħidma tagħhom ma ħallewx l-Għar li kien tant devot. Huma lanqas ma warrbuh meta l-Knisja ta' Slampa ġiet mogħtija lilhom jew meta bnew il-Knisja l-kbira; anzi meta ftit qabel Ġunju tas-sena 1466 bdew jibnu l-Knisja kbira ta' S. Marija tal-Għar fittxew li jqiegħdu l-Kripta fil-bidu tal-Knisja, bħala post l-aktar prominenti, mnejn wieħed seta' jinżel b'taraġ [6]. Kif tinżel, sewwa sew fil-bieb tal-Kripta kien hemm żewġ kolonni tal-ġebel bi blata tar-rħam fuqhom skolpita b'ordni kompost [7], twila tmint ixbar, għolja xiber u wiesa' xibrejn u nofs [8]; din fil-fehma ta' l-Abela kienet fdal ta' xi tempju Ruman [9].

Il-Kripta kienet ftit akbar milli hi llum; din iċċekknet xi ftit bil-pedamenti tal-faċċata tal-Knisja li nbniet mill-ġdid fil-bidu tal-1700, bil-pedamenti ta' l-antiporta li saret fil-Knisja ftit snin wara [10], u bis-seba' oqbra li saru wara l-altar tal-Kripta fl-aħħar tal-1700 [11]. Il-lum dawn ma jidhrux billi ġie mtella' ħajt wara l-artal biex jifred l-oqbra għalihom. Naħsbu li l-parti fejn hemm l-oqbra kienet tintuża billi fiha hemm daħla mħaffra fil-blat, bħal passaġġ ċkejken, li probabbilment kienet tintuża fejn iqiegħdu xi ħwejjeġ li kien ikollhom bżonn għall-użu fil-Grotta [12]. Fil-qedem il-Kripta kienet imniffda mal-Katakombi ta' S. Marija tal-Għar; għalhekk in-nutar Luqa Sillato fis-sena 1467 stqarr li l-post fejn inbniet il-Kappella ta' Sant'Ursula kien imsejjaħ "Gar il chibir" [13]. Iżda maż-żmien, minħabba xi nkonvenjenti, il-Patrijiet għalqu l-bieb li mill-Grotta kien jagħti għaċ-Ċimiterju jew

5. Ara pp. 30 - 31.

6. Abela, Descrittione di Malta lib. I, not. IV, p. 48.

7. L-istess ktieb. lib. III, not. IX, p. 408; ara d-disinn tal-blata f'lib. II, not. VI, p. 220,B. Li l-blata fil-bieb tal-Grotta kellha dan id-disinn, nafuh mill-paġna mhux enumerata miżjuda mill-Abela fl-aħħar tal-ktieb ikkwotat; il-qisien però li jagħti l-Abela huma żbaljati, ara l-kwotazzjoni ta' wara din.

8. Dawn il-qisien ħadhom l-istess Azzoppardo, u wara li qabbilhom mal-qisien li jagħti l-Abela, sab li dawn huma żbaljati, ara Azzoppardo, Descrittione I, f. 32.

9. Descrittione di Malta, lib. II, not. VI, pp. 218 u 220 B; ara wkoll l-istess ktieb lib. III, not. IX, p. 408.

10. Għal aktar dettalji fuq il-bini tal-frontispizju u ta' l-antiporta tal-Knisja, ara P. Galea, O.P., Sidtna Marija tal-Għar, pp. 34 - 36.

11. V. Żammit, O.P., Giuliana del Convento di S. Maria della Grotta, P. II, f. 325.

12. Dan rajnih aħna stess meta fis-sena 1959 fetħu l-ħajt li jifred l-oqbra għalihom bil-ħsieb li jirranġaw il-Grotta aħjar.

13. Ara Giuliana Antica, P. I, ff. 117 u 118, u l-kwotazzjoni ta' wara din.

Katakombi, u llum tidher biss il-Kripta [14].

Billi fl-ewwel snin tat-twaqqif ta' l-Ordni Dumnikan f'Malta P. Zurki u sħabu ma kellhom ebda Knisja, huma wettqu l-ħidma appostolika fl-istess Kripta: fiha kienu jqaddsu, jqarru, jippridkaw u jtemmu funzjonijiet u devozzjonijiet oħra partikulari skond iċ-ċirkustanzi taż-żmien u tal-post. Għal dan l-għan, kif diġà għedna, żejnu l-Kripta b'bosta pitturi sbiħ u kienu jżommu b'mod l-aktar xieraq l-altar bix-xbieha tal-Madonna li naħsbu



Id-disinn tal-blata tar-rħam li kienet fuq il-bieb tal-Kripta

kienet impittra [15]. Din ir-rabta tal-ħidma tal-Patrijiet b'risq il-Kripta jew l-Għar ta' S. Marija kienet ir-raġuni li fis-sena 1452 id-Dar tagħhom kienet magħrufa b'Kunvent ta' S. Marija tal-Għar, u l-Kunvent li kienu bdew itellgħu madwar is-sena 1457 ġie magħruf ukoll b'dan l-isem [16]. Din ir-rabta ħelwa mal-Madonna ma ħallewhiex, imma żammewha, billi meta bnew il-Knisja kbira ddedikawha lil S. Marija tal-Għar.

14. Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p. 408.

15. Billi x-xbieha tal-Madonna li llum tinsab fil-Kripta hi maħduma fuq l-istil Sansovino li beda jinħadem fil-bidu ta' l-1500, ma setgħetx tkun fil-Kripta mill-ewwel żmenijiet tad-Dumnikani f'Malta. Aħna tal-fehma li x-xbieha msemmija ġibitha l-familja De Nava għall-Kappella tagħha u maż-żmien tqegħdet fil-Grotta; ara pp. 58 - 59.

16. Azzoppardo, Descrittione I, ff. 241v, n. 2, u 19v - 20r.

## 2. Id-Dumnikani jibnu l-ewwel Kunvent u l-ewwel Knisja kbira

Meta l-Patrijiet Dumnikani, Pietru Zurki, Indrì de Morisea u Pietru de Plathea, ġew iwaqqfu l-Ordni tagħhom f'Malta, la sabu Knisja u lanqas Kunvent. Huma kellhom idabbru rashom kif setgħu u jwettqu l-ħidma appostolika fiċ-ċokon tal-Kripta ta' S. Marija, u aktar tard fil-Knisja żgħira mibnija minn Slampa. Certament huma sa mill-bidunett kellhom iberren f'rashom il-bini ta' Kunvent kbir fejn mis-skiet tal-post, u mill-ħarsien tal-ħajja regolari, jimtlew bl-imħabba t'Alla. U biex ikunu jistgħu jdawlu u jkebbsu lill-oħrajn bl-istess imħabba raw ukoll il-bżonn ta' Knisja kbira li jkun fiha kull ħtieġa għalihom, bħalma hu l-Kor fejn jitolbu, u kull ħtieġa oħra li tressaq lill-erwieħ aktar lejn il-Knisja, lejn Alla. Dawn, kif naraw, wettquhom mill-aktar fis.

L-Ewwel Dumnikani bdew jibnu l-ewwel "Monasteru jew Kunvent ta' l-Ordni ta' S. Duminku taħt l-isem ta' S. Marija tal-Għar" ftit snin biss wara l-miġja tagħhom f'Malta [17]. Sehem minnu kien diġa mibni f'Ġunju tas-sena 1466 tant li l-Isqof ta' Malta, Mons. Anton d'Alagona f'diploma li ġġib id-data msemmija jgħid li huma kienu joqogħdu f'Dar ġdida "In Domo nova" [18]. Id-Dumnikani bilkemm laħqu lestew sehem mill-Kunvent li ma bdewx jibnu l-Knisja kbira kif nafu mill-istess diploma msemmija [19]. Dawn il-Patrijiet kienu tassew ta' kuraġġ liema bħalu biex fl-istess waqt itellgħu Knisja u Kunvent meta l-popolazzjoni ta' Malta kienet ċkejkna ħafna u fqira aktar [20], u l-Knejjes kbar f'Malta kienu waħdiet [21]. Nistgħu nieħdu idea tal-kobor tal-Knisja, u b'xi mod tal-Kunvent ukoll, mid-daqs tal-kor, b'għoxrin

17. L-istess Ms. ff. 19v - 20r. Mons. A. Mifsud, fl-La Diocesi di Malta, Anno II (1917), n. 3, p. 69, jikteb li l-Kunsill Popolari, fit-13 ta' Lulju 1462, ħatar prokuratur "che attendesse ai bisogni della fabbrica di San Domenico, della Cattedrale e del Vescovato...". Il-ħatra ta' dan il-prokuratur kienet issir biex dan jieħu ħsieb li l-beni tal-Kunventi, tal-Knejjes eċċ. ikunu mħarsa kif imiss, kif hemm imfisser fid-Doc. X B, imxandar mill-imsemmi Mons., fl-istess rivista msemmija, Anno III, (1918), n. 4, p. 100.

18. Ara l-oriġinal fis-sala tad-Dumnikani tar-Rabat; ara l-kwotazzjoni n. 26 ta' dan il-Kapitlu.

19. L-Isqof Anton d'Alagona f'dan id-diploma jsemmi "In ipsa ecclesia incepta"; b'dan il-kliem ma kienx qed jifhem il-Knisja ta' Slampa li kienet ilha mibnija, iżda l-Knisja l-kbira li kien beda jtella' P. Zurki; ara l-oriġinal fis-sala tad-Dumnikani tar-Rabat.

20 A. Ferris, Storia Ecclesiastica di Malta, Malta 1877, p. 121.

21. L-istess ktieb, pp. 147 - 148

siġġu f'kull naħa, li P. Zurki fis-sena 1482 ordna f'Katanja [22]. Jidhrilna li l-kobor tal-kor b'erbgħin siġġu jissoponi Knisja kbira; difatti dan ingħata lill-Katidral u l-Patrijiet ħadu dak tal-Katidral għall-Knisja tagħhom [23]. Mid-daqs tal-kor nistgħu nobsru l-kobor tal-Kunvent li kienu qegħdin itellgħu l-Patrijiet Dumnikani, billi dan aktarx ikun maħdum mhux biss fuq il-kobor tal-Knisja imma wkoll fuq l-għadd tar-Reliġjużi li jkunu jridu jużawh.

Ċertament id-Dumnikani kienu mħeġġin iwettqu f'salt il-bini tal-Knisja u tal-Kunvent mill-għajnuna kbira li sabu mill-Awtorità Ekkleżjastika u Ċivili, mill-Familji Nobbli u mill-Maltin kollha. F'ras il-lista ta' dawn il-benefatturi nsibu lill-Università (Awtorità Ċivili) li permezz tad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Popolari fil-15 ta' Marzu 1462 ressqet talba biex il-Knisja ta' S. Marija tal-Għar tkun tal-Kunvent ta' S. Duminku [24]; insibu wkoll lill-Awtorità Ekkleżjastika li laqgħat din it-talba [25]. Ftit żmien wara, l-Isqof ta' Malta, Mons. Anton d'Alagona, O.S.B., bl-approvazzjoni tal-Kanonċi tal-Katidral, ta widen għal talba oħra li għamlu l-Patrijiet, Pietru Zurki, Indrì de Morisea u Pietru de Plathea flimkien man-nobbli ta' l-Imdina; għalhekk b'diploma tas-27 ta' Ġunju 1466, miktuba fuq il-pergamena, ta lid-Dumnikani msemmija bċejjeċ ta' raba' "juxta seu ante portam conventus et ecclesie predicte.. " [26].

22. Ara l-kopja awtentika tal-kuntratt fil-Giuliana Antica, P. I, ff. 47 - 48, jew traskrizzjoni tagħha fl-Azzoppardo, Descrittione I, f. 101.

23. Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. II, p. 334; Azzoppardo, Descrittione I, f. 102; ara wkoll pp. 68 - 69.

24. Ara pp. 31 - 32.

25. Għalkemm ma sibniex id-degriet tal-għoti tal-Knisja ż-żgħira lid-Dumnikani, iżda naħsbu li din ġiet mogħtija lilhom minn Ruma bir-rakkomandazzjoni u bl-approvazzjoni ta' l-Isqof ta' Malta Mons. Anton d'Alagona.

26. Mill-oriġinal tad-diploma li hemm fis-sala tad-Dumnikani tar-Rabat: "Nos Antonius Divina Miseratione Episcopus melivetanus Venerabilibus nobis in christo filiis Religiosis conventualibus ordinis predicatorum dei et virginis Mariae devotissimi sancti dominici fratribus petro zurki andree de morisea et petro de plathea in domo nova beate marie di la grupta extra muros Civitatis meliveti Nostre diecesis salutem et benedictionem sempiternam. Digna laude illis qui se ad sanctam Religionem et vitam castam summo studio mundanis desideriis omnibusque mundi hujus deliciis deiectis atque remotis suosque gressus continua exercitatione preparantur moribus et vita atque exemplo animas salutari via conversas diriguntur ad salutem aliquali subventione et suffragio subvenire debet. His igitur omnibus in vos inspicientes et considerantes ut loculum fructiferum transportationis honesti solatii omnium vestrorum et successorum fratrum in eodem ordine et domo per vos et in ipsa ecclesia incepta ad vestrorum tamen et Nobilium huius Civitatis virorum petitionem cum deliberatione matura Venera-

L-Awtorità Ċivili ssoktat tgħinhom kif iġegħluna naħsbu t-talba għall-għajnuna tal-bini magħmula mill-Kunvent lill-Università fit-2 ta' Marzu tas-sena 1470, u talba oħra għal tlitt ewleq għall-bini tal-Kunvent imressqa minn P. Pietru Zurki lill-istess Awtorità fit-28 ta' Novembru 1472 27.



Silta mill-Kunsill Popolari mlaqqa' fis-sena 1472 meta P. Zurki talab l-għajnuna għall-bini tal-Kunvent

L-għajnuna msemmija mogħtija mill-Awtorità Ekkleżjastika u Ċivili kienet, tista' tgħid, l-ewwel ħolqa ta' katina twila ta' donazzjonijiet oħra mogħtija mill-istess Awtoritajiet, mill-Familji Nobbli, mill-Maltin kollha u saħansitra mill-barranin. Din il-katina ta' donazzjonijiet għall-bini tal-Knisja u tal-Kunvent bl-għoti ta' flus, raba', ikel, bini, art u saħansitra bini ta' kappelli

bilium canonicorum et fratrum nostrorum illorum precipue de consilio et capitulo in ecclesia nostra Cathedrali petiam unam de terra iuxta seu ante portam conventus seu ecclesie predicte...". Wieħed jista' jara kopja sħiħa ta' dan l-oriġinal fil-Giuliana Antica I, ff. 37 - 38, fl-Arkivju tal-Katidral, Ms. 2, pp. 59 - 62.

27. R.M.L., Ms. Univ. 11, ff. 588v u 230v ss.; A. Mifsud, La Cattedrale e l'Università, ossia il Comune e la Chiesa in Malta, f'La Diocesi di Malta, Anno II, n. 3 (1917), pp. 70 - 71; E. R. Leopardi, Santa Maria de la Gructa, fix-Scientia, Vol. XXIII, n. 3 (1957), pp. 105 - 108; fl-aħħar kwotazzjoni hemm traskrizzjoni sħiħa tad-dokumenti kkwotati magħmula bl-akbar sabar mill-istess E. R. Leopardi.

sħaħ fil-Knisja ġdida, tagħlaq fis-sena 1503 [28]. F'dawn id-donazzjonijiet jidher sew kemm ħadmu ż-żewġ Patrijiet, Pietru Zurki u Bartilmew Pachi, biex jibnu l-Knisja u l-Kunvent; tista' tgħid kull għoti ġie magħmul lil wieħed minnhom. L-Ewwel Patrijiet Dumnikani ħarsu bl-akbar għożża l-atti notarili ta' dawn id-donazzjonijiet; bosta minnhom illum jinsabu fl-Arkivju tad-Dumnikani tar-Rabat miġbura fil-Giuliana Antica, Parte I, u fil-Frammenti della Giuliana Antica [29]. Insemmu ftit mid-donazzjonijiet magħmula fl-ewwel żmenijiet.

Fis-sena 1467 Mons. Amator Ziguchi, fl-atti tan-nutar Luqa Sillato tat-18 ta' Ottubru, ta lill-prokuratur tal-Kunvent P. Indrì de Amorosa (de Morisea) ħamest ewieq li missieru Gulju, żewġ Katerina, kien daħħal minn biċċa art u li martu Katerina riedet li jingħataw lill-Kunvent tad-Dumnikani [30]. Fis-17 ta' Marzu tas-sena 1468 (1467 ab Incarn.), fl-atti tan-nutar Luqa Sillato, ċerta Carsona Bindini tat lil P. Pietru Zurki, Vigarju u Ekonomu, għalqa għall-bini tal-Knisja u tal-Kunvent [31]; għall-istess fini ċertu Baldus Xiclune offra biċċa raba' kif jidher mill-atti tan-nutar imsemmi magħmula fit-28 ta' Jannar 1469 (1468 ab Incarn.) [32]. Id-Dumnikani kisbu bċejjeċ oħra ta' raba' minn għand Parisio Falcone fl-atti tan-nutar Luqa Sillato tas-26 ta' Frar 1471 (1470 ab Incarn.) [33]. Waħda mill-isbaħ donazzjonijiet ġiet magħmula minn Wistin Burg fis-16 ta' Awissu tas-sena 1468 fl-atti tan-nutar Luqa Sillato li ħalla lil P. Zurki, Vigarju u Ekonomu, sitt għelieqi għall-bini tal-Kunvent, b'qima lejn il-Patrijiet u b'mod partikulari għax kellu ħsieb jidħol u jqatta' ħajtu fl-Ordni Dumnikan [34].

Bis-saħħa tal-benefatturi msemmija, u ta' oħrajn li t-tifkira tagħhom tħassret maż-żmien, il-Patrijiet Dumnikani fis-sena 1472 mhux biss lestew biċċa sew mill-Kunvent fejn setgħu jgħammru tnax-il Reliġjuż, imma wkoll kien b'xi mod maħsub għall-għixien tagħhom, tant li fis-sena 1473 twaqqaf l-ewwel Kunvent Formali;

28. Ara l-Azzoppardo, Descrittione I, ff. 241 - 248 fejn hemm miġbura fil-qosor, iżda bl-akbar reqqa, il-lista ta' l-ewwel benefatturi. Min jixtieq aktar tagħrif fuqhom, jista' jara l-kopji awtentiċi fil-Giuliana Antica, Parte I, u fil-Frammenti della Giuliana Antica.

29. L-Abela jfaħħar lid-Dumnikani fuq il-ħarsien ta' dawn id-dokumenti, ara Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p. 406.

30. Giuliana Antica I, f. 144; Azzoppardo, Descrittione I, f. 242, n. 8.

31. Frammenti della Giuliana Antica, f. 527; Giuliana Antica I, f. 360.

32. Giuliana Antica I, f. 54; Azzoppardo, Descrittione I, f. 243, n. 14.

33. Azzoppardo, Descrittione I, f. 242, n. 6.

34. Giuliana Antica I, ff. 108 u 111; Azzoppardo, Descrittione I, f. 243, n. 16.



L-Isqof

Anton d'Alagona

Il-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar [35]. Naħsbu li f'dan iż-żmien kienet tlestiet biċċa sew mill-Knisja kbira mibdija madwar is-sena 1466. In-nuqqas ta' donazzjonijiet, mis-sena 1473 'il quddiem, iġegħluna naħsbu li d-Dumnikani waqqfu xi ftit mix-xogħol tal-bini wara li l-Kunvent tagħhom twaqqaf Kunvent Formali. L-ewwel għoti li nafu li sar wara dan iż-żmien għall-bini tal-Knisja u tal-Kunvent ġie magħmul minn Wistin Burg lil P. Zurki, Vigarju u Ekonomu, fl-atti tan-nutar Ingomes de Brancato tat-12 ta' Diċembru 1476 [36]. Ftit xhur wara, in-nobbli Margerita, mart Gwann de Mazara, fl-atti tat-12 ta' Mejju 1477 magħmula minn-nutar Pawlu Bonello, tathom għall-istess fini tal-bini tal-Knisja

35 S. L. Forte, O.P., Prior of Valletta and Vicar of Malta, fl-Archivum Fratrum Praedicatorum XXXIV (1964), p. 278; ara wkoll p. 63 ta' dan il-ktieb.

36. Giuliana Antica I, f. 110; Azzoppardo, Descrittione I, f. 243, n 19. In-nutar f'dawn l-atti jsemmi biss l-indizzjoni, iżda din ma setgħetx tkun ħlief is-sena 1476 għax 15-il sena qabel, meta taħbat l-istess indizzjoni, in-nutar ma kienx beda jaħdem, u 15-il sena wara, Zurki kien Pirjol u mhux Vigarju.

u tal-Kunvent is-somma sabiħa ta' għaxart ewieq 37. Bis-saħħa tal-għajnuna li kisbu, id-Dumnikani komplew il-bini tal-Kunvent tant li fis-sena 1479 kienu diġà bnew il-post għan-Novizzjat 38, u fl-istess żmien kienu qrib it-tmiem fil-korsija tal-Knisja, difatti P. Zurki fit-2 ta' Jannar 1482 ordna f'Katanja l-kor tal-Knisja msemmija 39.

Mons. Ġwann Paternò, O.S.B., li kien għadu kemm laħaq Isqof ta' Malta wara l-Isqof Anton d'Alagona, imqanqal mill-ħeġġa tad-Dumnikani li "kienu qegħdin ikabbru u jibbenefikaw il-Knisja u l-Kunvent", mhux biss ikkonferma l-għoti tar-raba' li tahom l-Isqof ta' qablu, iżda ssokta jagħtihom biċċa raba' oħra




L-Isqof Ġwann Paternò

37. Giuliana Antica I, f. 50; Azzoppardo, Descrittione I, f. 243v, n. 26.

38. R. Pirro — A. Mongitore, Sicilia Sacra Disquisitionibus et notitiis illustrata, ed. III, T. II (Panormi 1733), p. 923.

39. Giuliana Antica I, f. 47; Azzoppardo, Descrittione I, f. 101.

"għall-bżonnijiet tagħhom u biex ikunu jistgħu jkabbru aktar il-Kunvent"; dan l-għoti ġie kkonfermat mill-Kanonċi tal-Katidral u mogħti lil P. Pietru Zurki, P. Bartilmew Pachi u lil sħabhom permezz ta' diploma miktuba fuq il-pergamena li ġġib id-data tat-8 ta' Mejju tas-sena 1480 [40]. L-istess Isqof fis-26 ta' l-istess xahar u sena msemmija bagħat iwissi lill-Kappillani biex ma jeħdux ix-xema' mill-funerali tas-Servi u Minuri li jsiru fil-Knisja tad-Dumnikani għax "il-Patrijiet kienu qed iħabirku jibnu u jibbenefikaw il-Kunvent tagħhom" [41].

Madwar is-sena 1485 id-Dumnikani komplew ikabbru l-Knisja bil-bini tal-Kappelli fil-ġnub tagħha. F'din il-biċċa xogħol sabu għajnuna sħiħa mill-Imħallef u nobbli Pietru Caxaru li bena l-Kappella tal-Madonna tal-Għajnuna, mill-Fewdatarju u Mħallef tal-Kastell (Sant'Anġlu) in-nobbli Ġwann de Nava u martu Isabella li bnew il-Kappella tal-Madonna ta' Luretu, u aktar tard minn familji oħra nobbli li bnew xi Kappelli għalihom [42]. F'din l-okkażjoni l-Patrijiet niffdu l-Knisja żgħira ta' S. Ursula li kienu kisbu minn għand Randino u Pawla Vella, u minn Pawlu u Isolda Tabuni, mal-Kappella tal-Madonna ta' Luretu mibnija mill-Familja De Nava; b'hekk din il-Knisja żgħira nbidlet f'Kappella tal-Knisja kbira [43]. Bil-bini ta' tmien Kappelli, erbgħa f'kull naħa, tlestiet il-Knisja kbira ta' S. Marija tal-Għar.

P. Zurki waqt li ħaseb biex ilesti l-bini tal-Knisja ma baqax lura li jtemm ukoll il-bini tal-Kunvent. Għal dan l-għan kiseb bosta għajnuna oħra, fosthom dik ta' ċerta Granata Mallia magħmula fis-6 ta' Ġunju tas-sena 1487 fl-atti tan-nutar Ingomes de Brancato [44], ta' Chanchia Fercacheni magħmula fit-22 ta'

40. L-oriġinal ta' dan l-għoti jinsab fis-sala tad-Dumnikani tar-Rabat; tista' tara kopja tiegħu fil-Giuliana Antica I, ff. 38 - 40 u fil-Katidral, Ms. 2, Documenta, pp. 67 - 69. Id-Dumnikani tar-Rabat b'wirja ta' qima lejn iż-żewġ Isqfijiet, Anton d'Alagona u Gwann Paternò, benefatturi kbar tagħhom, għamlu żewġ kwadri mpittra fuq it-tila u qegħduhom fis-Sagristija tal-Knisja.

41. Ara Azzoppardo, Descrittione I, ff. 38 u 57 fejn hemm żewġ kopji ta' dan ir-reskritt; ara wkoll R.M.L., Ms. 635, ff. 218r - v, u l-Arkivju tal-Katidral Ms. 2, Documenta, Privilegio dei frati di S. Domenico di pigliar tutte le candele che si fanno attorno il feretro nella chiesa loro, p. 65. Fl-Arkivju tad-Dumnikani tar-Rabat hemm kopja legali ta' dan ir-reskritt magħmula min-nutar Gwann Battista Dorbesio.

42. Biex ma niktbux darbtejn l-istess ħaġa nitolbu lill-qarrejja jaraw pp. 49 - 60 fejn hemm tagħrif fit-tul fuq il-Kappelli li kienu fl-ewwel Knisja kbira ta' S. Marija tal-Għar.

43. Għal aktar tagħrif ara pp. 59 - 60.

44. Ara Frammenti della Giuliana Antica, f. 506; Azzoppardo, Descrittione I, f. 245 n. 52.

Mejju 1492 fl-atti tan-nutar imsemmi [45], u ta' Ġwanna Fava (?) magħmula fit-2 ta' Mejju 1495 fl-atti wkoll ta' l-istess nutar imsemmi [46]. Bħalma kien għamel fl-imgħoddi, P. Zurki f'dan iż-żmien reġa' ressaq talba għall-għajnuna lill-Università; din fis-sena 1488 qatgħet li tagħti lill-Patrijiet tnax-il uqija, iżda dawn il-flus ġew mogħtija lil P. Zurki aktar tard billi fis-sena 1495 bdew jagħtuh tlitt ewieq kull sena għal erba' snin [47].



Id-dokumenti oriġinali tal-għoti tar-naba' mir-Re Ferdinandu u mill-Isqfijiet D'Alagona u Paternò fis-Sala tal-Kunvent

Il-Ġeneral ta' l-Ordni Dumnikan Gwakkin Turriani għaraf iwieżen tajjeb il-ħidma ta' P. Zurki li qatta' għomru kollu jħabrek kemm jiflaħ biex jibni l-Knisja kbira u l-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar; għalhekk meta dan ma felaħx aktar ikun Pirjol [48], il-Ġeneral imsemmi, fl-20 ta' Ġunju 1500, taħ kull setgħa li jonfoq xi flus fil-bini tal-Kunvent bla ma jkollu ħtieġa jitlob

45. Frammenti della Giuliana Antica, f. 520; Azzoppardo, Descrittione I, f. 243v n. 24.
46. Frammenti della Giuliana Antica, f. 502; Azzoppardo, Descrittione I, f. 243v n. 27.
47. Ara l-oriġinal tal-għoti fil-Giuliana Antica I, f. 49 jew kopja tiegħu fl-Azzoppardo, Descrittione I, f. 103v, u fir-R.M.L., Ms. 635, ff. 214v - 215r.
48. P. Zurki qatta' kważi għomru kollu Superjur, ara pp. 77 - 78.

permess lill-Pirjol jew lill-Patrijiet ta' l-istess Kunvent [49].

L-aħħar donazzjoni, li nafu biha, mogħtija għall-bini tal-Kunvent ingħatat minn Isolda Callus lil P. Zurki; iżda billi dan laħaq miet irċeviha minnfloku P. Bartilmew Pachi, kif jidher mill-atti tan-nutar Mattew de Vassallo tat-2 ta' Novembru tas-sena 1503 [50]. Din kienet kumbinazzjoni tassew sabiħa li fl-aħħar għoti għall-bini tal-Kunvent kellhom jissemmew iż-żewġ Patrijiet, Zurki u Pachi, li l-aktar ħadmu biex jarawh mibni, bħallikieku l-ħidma tagħhom flimkien għal aktar minn ħamsa u għoxrin sena ma kellhiex tinfired b'mewthom. Wara dan l-għoti P. Pachi ma jissemmiex aktar; aktarx mar jissieħeb fil-premju flimkien ma' Zurki għall-ħidma tagħhom bla heda b'risq il-Knisja u l-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar.

Wara s-sena 1503 saru bosta offerti lid-Dumnikani, iżda dawn kważi kollha kienu legati ta' quddies, għad-difna fil-Knisja, funerali eċċ. u mhux għall-bini tal-Knisja u tal-Kunvent [51]. Minn dan jidher ċar li dawn l-opri tlestew sewwa sew malli ntemmet ħajjet il-Patrijiet Zurki u Pachi li tawhom il-ħajja. Iżda billi P. Zurki kien wieħed mill-ewwel Dumnikani li ġew Malta jwaqqfu l-Ordni tagħhom, u li prinċipalment bil-ħidma tiegħu nkisbet l-għajnuna meħtieġa għall-bini tal-Knisja u tal-Kunvent, bir-raġun kollu l-Patrijiet naqqxu fil-ħajt tal-faċċata tal-Knisja l-kitba: "Fr. Petrus Zurc Vir Religiosus aelemosinis condidit hanc aedem anno 1505"; min-naħa l-oħra (ta' wara l-faċċata jew tal-ġemb tal-Knisja) kien hemm "1506" [52]; u f'waħda miċ-ċelel tal-Kunvent naqqxu "Fr. Petrus Zurchi melitensis huius Conventus Fundator, et eiusdem conventus Filius Primus Magister" [53].

Nistgħu niġbru dan li għedna fil-qosor: L-ewwel Kunvent tad-Dumnikani f'Malta nbeda fis-sena 1457; fis-sena 1466 kien hemm sehem minnu lest fejn bdew igħammru l-ewwel tliet Patrijiet, Pietru Zurki, Indrì de Morisea u Pietru de Plathea; f'din is-sena kienet ukoll mibdija l-ewwel Knisja kbira ta' S. Marija tal-Għar. Fis-sena 1473 kienet lesta biċċa sew mill-Kunvent fejn setgħu jgħammru tnax-il Reliġjuż. Il-Kunvent u l-Knisja ssoktaw jitkabbru u jkunu bbenfikati b'mod partikulari fis-snin

49. Arch. Gen. O.P., IV. 13 (Reg. Joachimi Turriani 1500), f. 90.
50. Giuliana Antica I, f. 162; Azzoppardo, Descrittione I, f. 245 n. 50.
51. Azzoppardo, Descrittione I, f. 247v u l-folji ta' wara.
52. L-istess, f. 129; Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p. 404.
53. Azzoppardo, Descrittione I, f. 181.

1479 - 1481. Fis-sena 1485 bdew jinbnew il-Kappelli fil-ġemb tal-Knisja. Bl-għajnuna ta' l-Isqfijiet ta' Malta, tal-Kanonċi tal-Katidral, tal-Gvern u tal-Maltin kollha, bil-ħidma kbira tal-Patrijiet, speċjalment ta' Zurki u Pachi, il-Kunvent u l-Knisja ta' S. Marija tal-Għar tlestew madwar is-sena 1505.

### 3. Kif kien l-ewwel Kunvent ta' S. Marija tal-Għar

Meta nqisu n-nuqqas li għandna fi Gżiritna tad-dokumenti fuq iż-żmien nofsani, jidhrilna li t-tagħrif li ktibna fuq il-bini ta' l-ewwel Kunvent ta' S. Marija tal-Għar mhux dgħajjef wisq. Iżda ma nistgħux ma nistqarrux b'sogħba li ma sibniex deskrizzjoni, imqar ta' sehem minnu, magħmula fiż-żmien li tlesta jew ftit wara. Irnexxielna nimlew dan in-nuqqas b'deskrizzjoni ġuramentata magħmula meta kien diġà beda jinbena l-Kunvent kbir tal-lum u kien wasal iż-żmien biex jiġġarraf għal kollox l-ewwel wieħed [54]. Minnha, kif naraw, stajna naslu biex ikollna idea tajba kif kien il-Kunvent mibni minn P. Zurki.

Id-deskrizzjoni msemmija ġiet magħmula fit-3 ta' April tas-sena 1650 mill-Pirjol tal-Kunvent, P. Gwann Battista Magro, u miż-żewġ Patrijiet imqabbdin għalhekk, Nazju Galdes u Onoratu Pullicino, fuq l-ordinazzjoni tal-"Constitutio circa statum Regularium in Italia et Insulis adiacentibus" maħruġa mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Innoċenz X fis-sena 1649 [55]. Fiha hemm li "Il-Kunvent min-naħa ta' nofs in-nhar imiss mal-Knisja; fih tliet dormitorji: wieħed wiesa' disat ixbar, twil tmin qasbiet u fih hemm sitt kmamar; ieħor twil għaxar qasbiet, wiesa' qasbtejn u sitt ixbar, u fih ħames kmamar; l-ieħor twil għaxar qasbiet, wiesa' disat ixbar u fih seba' kmamar. Il-Kunvent għandu żewġ friegħi ta' Kjostru li fihom dawn l-uffiċini: refettorju, twil ħames qasbiet u wiesa' tlitt ixbar [56]; ospizju, twil erba' qasbiet u wiesa' qasbtejn; kċina, twila erba' qasbiet u sebat ixbar, wiesa' tliet qasbiet u erbat ixbar; post għall-injam; dispensa, tliet qasbiet

54. Il-kopja li għandna kitibha l-Azzoppardo; għalhekk ta' min joqgħod fuqha. P. Vincenz Zammit, O.P. għaraf l-importanza tagħha; għalhekk illegaha fil-Giuliana li kiteb f'Vol. I, ff. 318 - 321.

55. P. V. Zammit, O.P. illega kopja stampata ta' din il-kostituzzjoni immedjatament qabel il-kopja tar-relazzjoni mibgħuta Ruma mill-Patrijiet; ara Giuliana miktuba minnu, Vol. I, bejn il-ff. 317 - 318.

56. Dan il-qies hu żbaljat; naħsbu li minflok "tre palme" ried jikteb "tre canne"; dan il-qies jaqbel mal-qisien ta' l-uffiċini l-oħra.

f'kull naħa; maħżen għall-qamħ u għall-ħwejjeġ oħra ta' l-ikel, twil erba' qasbiet u wiesa' tliet qasbiet; u żewġ kmamar għall-annimali. Jidher ukoll mibdi bini ieħor ta' Kunvent ġdid li jmiss mal-Knisja min-naħa tal-Punent......" 57.

Minn din ir-relazzjoni dettaljata jidher li l-ewwel Kunvent kien iċken ħafna mill-Kunvent tal-lum; kellu għamla kwadra b'naħa minnhom ta' nofs in-nhar tmiss mal-Knisja; kien jokkupa biss il-post tal-ġnien tan-nofs tal-Kunvent tal-lum, tant li sehem mill-Kunvent ġdid (tal-lum) li jmiss mal-Knisja man-naħa tal-punent kienet diġà bdiet tiela' waqt li l-Kunvent il-qadim kien għadu hemm. Kellu żewġ friegħi ta' kjostru bl-uffiċini meħtieġa għall-għixien flimkien tal-Patrijiet, bħalma huma: kċina, refettorju, ospizju, dispensa, maħżen għall-qamħ eċċ. Kien fih tliet dormitorji; dawn, skond l-inventarji li kienu jsiru f'dawk iż-żmenijiet, kienu magħrufa b'dormitorju ġdid, dormitorju qadim, u dormitorju tan-Novizzjat jew fejn kien in-Novizzjat 58. Id-dormitorju tan-Novizzjat kien fuq in-naħa tal-lvant; taħtu kien hemm fergħa tal-kjostru b'xi uffiċini tal-Kunvent. Dan nafuh mill-Kunsill tal-Kunvent imlaqqa' mill-Viżitatur, P. Majjistru Mattew Rispoli, fis-26 ta' Jannar 1631, fejn ġie determinat biex il-Kunvent jinbena mill-ġdid rigward id-dormitorju fuq ix-xaqliba tal-lvant bl-uffiċini u n-Novizzjat 59. Id-dormitorju l-qadim kien fuq in-naħa tat-tramuntana. In-nutar Indrì Allegritto fil-Cabreo tal-Kunvent li għamel fl-atti tiegħu tas-16 ta' Marzu 1610 (1609 ab Incarn.) isemmi li kien hemm dormitorju fuq in-naħa tat-tramuntana 60; dan ma setax ikun ħlief id-dormitorju l-qadim billi d-dormitorju l-ġdid inbena madwar is-sena 1614 61. Hu wisq probabbli li l-fergħa l-oħra tal-kjostru bl-uffiċini kienet taħt dan id-dormitorju. Id-dormitorju l-ġdid ma setax ikun ħlief fuq in-

57. Giuliana miktuba minn P. V. Zammit, O.P., Vol. I, f. 318.

58. Lib. Cons. 1629 - 1642, Inventario delle robbe del Convento di S. Maria della Grotta quali si trovano hoggidì che sono 11 di Maggio 1636 ad uso del Convento essendo Priore il P. Fra Ignazio Galdes. Dan il-Ms. mhuwiex impaġinat, iżda l-inventarju msemmi qiegħed sew sew wara l-kunsill tat-28 ta' Lulju 1635. Ara wkoll l-Inventarju magħmul fit-12 ta' Lulju 1639 fi żmien il-Pirjol P. Duminik Farrugia, fl-istess ktieb tal-Kunsilji, wara l-Kunsill tal-15 ta' Jannar 1639.

59. L-atti oriġinali ta' dan il-kunsill intilfu, iżda hemm kopja tiegħu fil-Giuliana miktuba minn P. Zammit, Vol. I, f. 227v n. 27.

60. Azzoppardo, Descrittione I, f. 298.

61. Reg. D. 32, fejn hemm Esito Ordinario 1591 - 1614, Quittanza magħmula fil-25 ta' Mejju 1614 mill-Viżitatur P. Ġwann Battista Cappello.

naħa tal-punent kif jagħtina nifhmu l-kont imħallas lil Ġwann Bonnici, gennien tal-Kunvent, talli sewwa l-ħajt tal-għalqa taħt id-dormitorju l-ġdid [62].

Għalkemm fid-deskrizzjoni tal-Kunvent kif inhi hawn fuq ma jissemmiex il-post tal-Kapitlu, iżda, nafu li ġa mis-sena 1484 kien hemm post "di lu capitulo", li jerġa' jissemma' fis-sena 1499 meta l-Kunvent ta' P. Zurki kien kważi lest għal kollox [63]. Nafu wkoll li l-Patrijiet fis-27 ta' Ġunju tas-sena 1592 ħallsu kontijiet għall-bieb u għat-twieqi tal-Kapitlu [64]. Għedna dan kollu minħabba l-importanza li l-liġijiet dumnikani kienu jagħtu lil dan il-post. Naħsbu li r-raġuni għaliex ma ssemmiex il-post tal-Kapitlu fid-deskrizzjoni tal-Kunvent mibgħuta Ruma hi għax dan kien f'kamra f'dormitorju.

M'għandniex naħsbu li l-ewwel Kunvent kif inhu deskritt hawn fuq kien jixbaħ għal kollox lil dak li tlesta minn P. Zurki madwar is-sena 1505; iżda, bla tlaqliq, nistgħu mid-deskrizzjoni li tajna nieħdu idea tajba tiegħu. Jidhrilna li mija u ħamsin sena mhumiex żmien twil biżżejjed biex wieħed jgħid malajr, bla ebda provi, li l-Kunvent deskritt mill-Pirjol P. Ġwann Battista Magro fir-relazzjoni msemmija kien Kunvent ieħor u mhux dak ta' Zurki. Aħna m'aħniex inqisu dan fuq il-bini tal-lum li hu wisq aħjar minn ta' dak iż-żmien meta s-soqfa saru bl-injam jew bil-qasab u t-tajn, u t-twieqi bit-tila ċerata u mhux bil-ħġieġ. Qegħdin inqisu wkoll il-ħsarat li saru fil-Kunvent ta' P. Zurki mill-ħbit tat-torok fis-snin 1551 u 1565. Fis-sena 1551 il-Ġeneral Sinam Bascià u l-armata torka nqdew bil-Kunvent ħalli jaħbtu għall-Imdina [65]; nistgħu nobsru xi ħsara għamlu; mill-kitba ta' l-Azzoppardo nafu li huma ħarqu l-orgni u l-kor tal-Knisja tad-Dumnikani [66]. Fl-Assedju l-Kbir tas-sena 1565 il-Kunvent ta' Zurki reġa' ġarrab ħsarat oħra, aktarx akbar minn ta' qabel [67].

62. Reg. D. 31, codice inverso, Esito della Fabbrica 1615 - 1662, f. 54.

63. Giuliana Antica I, ff. 101 u 93.

64. Reg. D. 32 fejn hemm Esito Straordinario e Speciale 1591 - 1614, taħt id-data 27 ta' Ġunju 1592.

65. Azzoppardo, Descrittione I, f. 124; Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p. 407; R. Pirro — A. Mongitore, Sicilia Sacra, T. II, p. 915.

66. Azzoppardo, Descrittione I, ff. 102 u 125v.

67. H. Scicluna, The Institute of Historical Research, Bullettin No. 4, Malta 1932 p. 18, n. 19: "Conventui B.M. de Crypta Meliten. Ord. Praedicatorum applicat ad 5 annos fructus duarum parrochiarum scilicet Sebucce et Nasciareo Melevitan 5 Febbraio 1567 qui Conventus pene dirutus fuerat in proxima oppugnatione dictae Insulae. 44 B. 13, f. 15t".

Sa ħdax-il sena wara l-Assedju l-uffiċini, bħalma huma ospizju, refettorju ecc. kienu għadhom ma ssewwewx; għalhekk il-Viżitatur P. Tumas de Bisbona fil-Viżta Kanonka magħmula minnu fis-sena 1576 ordna lill-Patrijiet li jonfqu ċerta somma ħalli jsewwuhom [68]. Sentejn wara, dawn il-ħsarat, għallanqas sehem minnhom ta' ċerta mportanza, ġew imsewwija minn Ġakbu Xerri kif nafu mill-kitba misjuba fuq ġebla waqt li fis-sena 1680 kien qed jinħatt il-ħajt tad-dormitorju l-qadim tal-Kunvent [69].

Minkejja l-ħsarat kollha li ġarrab il-Kunvent mibni minn P. Zurki, mill-ftit tifsir li tajna jidher sew li dawn il-ħsarat qatt ma qerduh għal kollox. Iżda barra l-ħsarat u t-tiswijiet, fil-Kunvent imsemmi, saru wkoll xi tibdiliet jew aħjar, żjidiet; l-akbar fosthom kienet il-bini tad-dormitorju l-ġdid; f'dan aħna naraw ukoll il-possibilità li nbena minflok ieħor li kien sejjer jiġġarraf. B'dan kollu jibqa' li mid-deskrizzjoni tal-Kunvent imniżżla fir-relazzjoni li ntbagħtet Ruma nistgħu nieħdu idea tajba tiegħu kif kien fis-sena 1505 meta tlesta minn P. Zurki. Dan jissokta jissaħħaħ mill-kitba li fi żmien l-Azzoppardo kien hemm fiċ-ċelel tad-dormitorju l-qadim: "Fr. Petrus Zurchi melitensis huius conventus Fundator, et eiusdem conventus Filius Primus Magister" [70], u "Fr. Petrus Xara melitensis huius conventus Filius, maximae doctrinae, et probitatis Quintus Magister" [71]. Jissokta jissaħħaħ ukoll mill-"Mergoli Reali" li l-ewwel Patrijiet għamlu fil-faċċata tal-bieb tal-Kunvent l-antik għall-għajnuna li P. Pietru Xara kiseb minn għand ir-Re Ferdinandu fis-sena 1512, u li baqgħu sħaħ sas-sena 1672 meta ġew meqruda flimkien mal-faċċata tal-Kunvent l-antik biex il-Patrijiet setgħu jkomplu jibnu l-Kunvent ġdid tal-lum [72].

Fiż-żmien li nbena l-Kunvent ta' P. Zurki, ir-raba' ta' madwar il-Kunvent (u l-Knisja) kien kollu tal-Patrijiet; dawn kisbuh mill-benefiċċju tal-Knisja ta' Slampa [73], mill-legat ta' Thomeo Bonello [74], u mid-donazzjonijiet ta' l-Isqfijiet ta' Malta, Anton

68. Reg. J. 27, Introito Temporale 1572 - 1611, f. 11.
69. Azzoppardo, Descrittione I, f. 130v.
70. L-istess, f. 181 n. 1.
71. L-istess, f. 182.
72. L-istess, f. 182v.
73. L-istess, f. 317v fejn hemm deskrizzjoni dettaljata ta' din l-art; ara wkoll ir-riferenza li jagħmel l-Azzoppardo għall-f. 241v n. 3, fl-aħħar tad-deskrizzjoni msemmija.
74. L-istess, f. 317v; ara wkoll il-cross reference ta' l-Azzoppardo għall-istess opra tiegħu, f. 241v n. 2.

d'Alagona u Ġwann Paternò[75]. Billi r-raba' kollu msemmi kien diġà għandhom sa mis-sena 1480, huma, sakemm tlesta l-Kunvent, laħqu ħadmuh u qassmuh f'ġonna tas-siġar tal-frott, ħaffru u sabu l-ilma ġiri taħt it-twieqi tad-dormitorju fuq in-naħa tat-tramuntana; b'hekk biddlu l-post xagħri u żejnu l-Kunvent bil-ħdura tal-għelieqi u tal-ġonna[76], fejn ir-Reliġjużi Dumnikani għad-dell tas-siġar kienu jsibu l-mistrieħ tagħhom qalb il-fwieħa tal-ward tas-siġar tal-frott u l-għana ħelu ta' kull xorta ta' għasafar. Din is-sbuħija pittoreska ta' l-ewwel Kunvent imdawwar bil-ġonna inqerdet maċ-ċirkustanzi taż-żmien billi l-art ġiet mogħtija għall-bini.

## 4. Kif kienet l-ewwel Knisja kbira ta' S. Marija tal-Għar

Mhux ħsieb tagħna niktbu fuq il-Knisja beneficcjali ta' S. Marija tal-Għar mibnija minn Slampa u mogħtija lill-Patrijiet Dumnikani bejn is-snin 1462 - 1466. Għalkemm din swiet ħafna lill-Patrijiet, iżda kienet ċkejkna ħafna u m'hemmx wieħed xi jgħid fuqha ħlief li kienet fl-istess post fejn inbniet il-Knisja ta' P. Zurki, iżda l-faċċata tagħha kienet tħares lejn il-lvant[77] u l-ġenb tat-tramuntana jmiss ma' l-ewwel Kunvent tad-Dumnikani li kien diġà beda jinbena qabel ma din ġiet imġarrfa. L-għoti ta' din il-Knisja bil-beneficcju mħolli lis-Saċerdot li jieħu ħsiebha swew ħafna biex il-Patrijiet, Pietru Zurki, Indrì de Morisea u Pietru de Plathea, setgħu jibdew jibnu Knisja akbar li fuqha bi ħsiebna niktbu.

Il-Knisja ta' S. Marija tal-Għar mibnija minn P. Pietru Zurki kienet fl-istess post tal-Knisja tad-Dumnikani kif tidher il-lum; bil-faċċata tħares lejn il-punent, u bin-naħa tat-tramuntana tmiss mal-Kunvent tal-Patrijiet imsemmija[78]; iż-żewġ

75. Ara pp. 37 u 41 - 42.

76. Wieħed jista' jieħu idea tat-taqsim f'għelieqi u f'ġonna ta' madwar il-Kunvent mid-deskrizzjoni tagħhom magħmula min-nutar Indrì Allegritto miktuba fl-Azzoppardo, Descrittione I, ff. 298 - 299, u mid-deskrizzjoni li għamel l-istess Azzoppardo fl-opra msemmija f. 317v.

77. Għamilna din il-konklużjoni wara li għaqqadna d-deskrizzjoni tar-raba' magħmula fid-diplomi tal-għoti tar-raba' lid-Dumnikani mill-Isqfijiet Anton d'Alagona u Ġwann Paternò, mad-deskrizzjoni tar-raba' ta' madwar il-Kunvent magħmula mill-Azzoppardo fid-Descrittione I, f. 317v.

78. Kull meta fil-Knisja ta' S. Marija tal-Għar mibnija minn Zurki saru xi tiswijiet, din qatt ma nħattet kollha kemm hi, iżda biċċa biċċa, kif wieħed jista' jara mir-Reġistri D.31 u D.32. Il-faċċata tal-Knisja u l-ewwel żewġ Kappelli fil-bidu tas-seklu tmintax ġew maħtuta u mibnija fejn kienu; ara P. Galea, O.P., Sidtna Marija tal-Għar, Malta 1949, pp. 33 - 35.

naħiet l-oħra kienu mdawrin b'ġonna u b'għelieqi. Fuq il-faċċata tal-Knisja kien hemm minqux fil-ġebel, b'ittri gotiċi, karatteristiċi ta' dak iż-żmien, il-kliem "Fr. Petrus Zurc Vir Religiosus aelemosinis condidit hanc aedem anno 1505" [79]; l-iskrizzjonijiet li kien hemm fuq il-bieb tal-Knisja fi żmien l-Azzoppardo "Ordo Regulis veriticus atque fidelis" u "Dominus custodiat introitum tuum et exitum tuum" ma kienux hemm meta tlestiet il-Knisja ta' Zurki, iżda saru aktar tard, fis-sena 1610 [80]. Barra l-bieb prinċipali, fuq in-naħa tax-xellug tal-faċċata tal-Knisja kien hemm bieb żgħir; dan kien tal-Kappella ta' S. Ursula li fl-imgħoddi kienet Knisja għaliha [81]. Quddiem il-Knisja kien hemm Cimiterju twil disa' qasbiet u wiesa' tmienja [82].

Il-Knisja kien fiha korsija wiesa' daqs il-korsija tal-lum, iżda ftit aqsar billi l-Knisja kellha erba' kappelli anqas. F'ras il-korsija kien hemm il-Kappellun tal-kor [83], fil-ġnub tagħha erba' Kappelli f'kull naħa, u fil-bidu, taħt l-art, kien hemm il-Kripta tal-Madonna. Wara l-kor kien hemm is-sagristija u l-kampnar [84]. Il-Knisja, għalkemm spazjuża, kienet bla koppla, aktar baxxa, mudlama, u msaqqfa bl-injam [85]. Il-Kappelli kienu sbiħ, aktarx ftit akbar minn tal-lum billi kellhom għamla kwadra; kienu bħal Knisja msaqqfin bl-injam, baxxi u mudlami; kollha kien fihom qabar jew aktar; xi wħud barra l-artal mal-faċċata, kellhom ieħor fil-ġenb. Il-Kappelli kollha kienu jinfdu mal-korsija tal-Knisja, barra l-Kappella ta' Sant'Ursula, li ma kenitx tinfed

79. Azzoppardo, Descrittione I, f. 129; Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p. 404.

80 Azzoppardo, Descritione I, f. 129v; Reg. D.32, Fabbrica 1595 - 1613 (fl-aħħar tal-Ms.) taħt id data 11 ta' April 1610.

81. Ara pp. 59 - 60.

82. Azzoppardo, Descrittione I, f. 129.

83. In-Nobbli Imperja Inguanes fis-sena 1512 ħalliet biex tinbena Kappella fil-Knisja tad-Dumnikani tar-Rabat; din inbniet fuq in-naħa tal-lemin tal-Kor, iżda lanqas kienet lesta sal-Viżta ta' Mons. Duzzina; ara Azzoppardo, Descritione I, f. 248r u v; R.M.L., Ms. 643, Visitatio Apostolicae Duzzinae 1575, p. 282. Pawla Tabone, armla tan-nobbli Ġirgor Xerri, fis-sena 1559 waqqfet il-Kappella fuq in-naħa tax-xellug tal-kor; ara Azzoppardo, Descrittione I, f. 255v n.133. Billi dawn iż-żewġ Kappelli nbnew wara ħafna li tlestiet il-Knisja ta' P. Zurki mhux sejrin indaħħluhom fid-deskrizzjoni tal-Kappelli waħda waħda.

84. Fl-okkażjoni tat-tibdil li sar fil-Knisja fis-snin 1614 - 1629 is-Sagristija nħattet fil-bidu tax-xogħol; iżda l-kampnar kif jidher mir-Reg. D. 31, f. 67 inħatt f'Ġunju tas-sena 1626.

85. Dawn id-difetti, komuni fil-bini ta' dak iż-żmien, tneħħew bit-tibdil li sar fil-Knisja fis-snin 1614 - 1629 meta nbniet il-koppla, saqqfu l-Knisja bl-arkati u bix-xorok, u bis-saħħa ta' hekk is-saqaf ma baqax baxx u setgħu jsiru aktar twieqi ħalli jdawlu l-Knisja; ara P. Galea,O.P., Sidtna Marija tal-Għar, p. 33.

direttament magħha, iżda, permezz ta' bieb imniffed minnha għall-Kappella ta' ma ġenbha tal-familja De Nava [86]. Għal dawk li jixtiequ jkollhom idea aktar sħiħa tal-Knisja ta' S. Marija tal-Għar mibnija minn P. Zurki, sejrin nagħtu dettalji aktar fuq il-Kappellun tal-kor u l-Kappelli waħda waħda; fuq il-Kappella ta' taħt l-art tal-Korsija, fil-bidu tal-Knisja, jew aħjar fuq il-Kripta ta' S. Marja, diġà ktibna fit-tul [87].

**Il-Kappellun tal-kor.** F'ras il-korsija tal-Knisja mibnija minn P. Zurki kien hemm Kappellun jew Kor spazjuż fejn il-Patrijiet, kif titlob ir-regula tagħhom, setgħu ta' sikwit jiltaqgħu biex jitolbu flimkien. Kien fih kor ta' l-injam li qabel kien fil-Katidral ta' l-Imdina; il-Patrijiet irċevew dan il-kor minflok ieħor kbir u tassew sabiħ li huma fis-sena 1487 kienu offrew lill-Kanonċi tal-Katidral [88]. Fil-kor kien hemm ukoll orgni kbir; dan, flimkien mal-kor, ġie maħruq fis-sena 1551 meta t-Torok inqdew bil-Knisja u l-Kunvent għall-ħbit tagħhom fuq l-Imdina [89].

Fil-faċċata tal-Kappellun tal-kor kien hemm il-kwadru titular tal-Knisja; dan kien wisq antik u devot, impitter fuq l-injam bi stil grieg. Kien jirrappreżenta lill-Madonna bil-Bambin, b'tiżjin ta' bosta figuri tal-qaddisin skond l-istil grieg antik u ta' ndura-tura mill-aktar mirquma. Fuq ras il-Madonna kien hemm miktub bil-grieg "Omm Alla", fuq ras il-Bambin "Kristu", u taħt kien hemm xi ittri oħra bil-grieg. Fuq in-naħa tal-lemin tal-Madonna kien hemm S. Pietru Appostlu, fuq in-naħa l-oħra S. Duminku b'ġilju f'idu l-leminija u bi Knisja f'idu l-oħra; taħt idu l-leminija kien hemm skudella b'kuruni tar-Rużarju fiha. Aktar 'l isfel, taħt il-Madonna, kien hemm Kristu Rxoxt bil-kelma "Kristu" miktuba fuq rasu; fuq in-naħa tal-lemin ta' l-Irxoxt kien hemm S. Ġwann Battista, S. Tumas ta' Akwinu u S. Pietru Martri, u fuq in-naħa tax-xellug kien hemm S. Franġisk, S. Nikola minn Tolentino u S. Vinċenz Ferreri. Fuq il-biċċa ta' fuqnett tal-kwadru kien hemm Kristu Kurċifiss; fuq naħa kien hemm S. Ġwann u l-Madonna li kellha miktub bil-grieg "Omm Alla", u fuq in-naħa l-oħra kien hemm l-Anġlu Gabriel b'xi kliem grieg.

86. Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p. 407.
87. Ara pp. 26 - 30 u 33 - 35.
88. Ara pp. 68 - 69.
89 Azzoppardo, Descrittione I. ff. 102 u 125v.

Fil-quċċata tal-kwadru, fuq kollox, kien hemm il-Missier Etern [90]. Il-kitba antika u kważi mħassra għal kollox biż-żmien fuq il-pedestal ta' kolonna ta' dan il-kwadru — li l-Azzoppardo ma rnexxilux jagħraf xi tfisser [91] — tħassrilna kull dubju li dan il-kwadru ma kienx fil-Knisja ta' Zurki mindu tlestiet. Is-sena



Il-ħruq tal-Knisja mit-Torok

"1607" li kienet tidher miktuba fil-kwadru taħt sieq il-Madonna bil-Bambin, fi żmien l-Azzoppardo, ġiet miżjuda mill-pittur "Fra Giovanni" li rrestawra l-kwadru ta' l-artal maġġur fis-sena msemmija [92]. Minflok dan il-kwadru llum hemm ieħor; ma nafux x'sar mill-ewwel wieħed.

Il-Kappellun tal-kor ma kellux Kappelli fil-ġnub fiż-żmien li

90. Azzoppardo, Descrittione I, f. 125v.

91. Ara l-istess kwotazzjoni.

92. Ara Reg. D. 32, Fabrica 1595 - 1613, fl-aħħar tal-Ms., il-kont imħallas fit-23 ta' Ġunju 1607 lil "Fra Giovanni pittore et indoratore per renovare il quatro magiore unczi trenta doi come apare per atto nelli atti di notar ferendo cippara". Milli jidher l-Azzoppardo ra l-irċevuta tal-kont imsemmi fl-atti tan-nutar Ferdinandu Ciappara; ara Azzoppardo, Descrittione I f. 125v.

tlestiet il-Knisja mibnija minn Zurki, iżda dawn inbnew aktar tard: tan-naħa tal-lemin tal-kor twaqqfet min-nobbli Imperja Inguanes [93] u l-oħra minn Pawla Tabone, armla tan-nobbli Girgor Xerri [94]. Mhux ħsieb tagħna li ndaħħlu dawn il-Kappelli fit-tifsir li sejrin nagħtu fuq il-Kappelli waħda waħda minħabba li nbnew wara ħafna li tlestiet il-Knisja ta' Zurki.

Barra l-Kappellun tal-kor, fil-Knisja mtellgħa minn P. Zurki, kien hemm tmien Kappelli, erba' f'kull naħa. Fuq in-naħa tal-Vanġelu, minn fuq għal isfel, kien hemm il-Kappella: a) tal-Madonna tal-Għajnuna, b) ta' S. Kosma u S. Damjan, c) tar-Rużarju, u c) oħra ma nafux lil min kienet iddedikata. Fuq in-naħa ta' l-Epistola, minn fuq għal isfel, kien hemm il-Kappella: a) ta' S. Pietru Martri, b) ta' S. Brandanu, c) tal-Madonna ta' Luretu, u d) ta' Sant'Ursula. Ma laħaqx għadda żmien wisq mindu tlestiet il-Knisja li ma bediex isir xi tibdil f'dawn il-Kappelli, p.e. minflok l-ewwel Kappella meta nidħlu l-Knisja, fuq in-naħa tal-Vanġelu, fis-sena 1537 twaqqfet il-Kappella tal-Madonna ta' Luretu min-nobbli Lawrenz Baglio [95]. Mhux ħsieb tagħna li fit-tifsir fuq il-Kappelli waħda waħda ndaħħlu tibdil, żjidiet eċċ. li saru wara ż-żmien li fuqu qed niktbu, jiġifieri, wara s-sena 1512, jekk ma jkunx tassew meħtieġ.

**Il-Kappella tal-Madonna tal-Għajnuna** twaqqfet mill-Imħallef u nobbli Pietru Caxaru fis-sena 1485 bit-testment li għamel ftit qabel miet fl-atti tan-nutar Pawlu Bonello [96]. Pietru Caxaru ma laħaqx bena l-Kappella f'ħajtu; din inbniet mill-Patrijiet u ħallasha Mattew Caxaru, wieħed mill-legatarji ta' Pietru Caxaru [97]. Il-kwadru tal-Kappella kien jirrappreżenta lill-Madonna tal-Għajnuna, S. Duminku u S. Gakbu Appostlu [98]; ma nafux sew meta tqiegħed fil-Kappella; naħsbu li sar bis-saħħa ta' l-istess legat li kien għamel Pietru Caxaru, għalhekk fih kien hemm l-armi tiegħu. Fehmitna, li dan il-kwadru kien antik ħafna, tissaħħaħ mill-fatt li fil-bidu tas-sena 1600, f'qabar ta' din il-Kappella nstabet kuruna antika ħafna, ta' l-ebbanu, li kellha

93. Giuliana Antica I, f. 157; Azzoppardo, Descrittione I, f. 248 n. 85.
94. Azzoppardo, Descrittione I, f. 255v. n. 133; Giuliana Antica I, ff. 418 - 419.
95. Giuliana Antica I, f. 216; Azzoppardo, Descrittione I, ff. 126v - 127, u f. 251 n. 108.
96. Azzoppardo, Descrittione I, ff. 126 u 244 n. 32; Abela, Descrittione di Malta, lib III, not. IX, p. 405.
97. Giuliana Antica I, ff. 68, 71 u 75; Azzoppardo, Descrittione I, ff. 244 nn. 35 u 36.
98. Azzoppardo, Descrittione I, f. 126.

domna wkoll ta' l-ebbanu bl-istess xbihat tal-kwadru. Li din id-domna kellha wkoll preġju kbir għall-antikità tagħha m'hemm l-ebda dubju; l-istess G. F. Abela talabha b'ħerqa lill-Patrijiet u qiegħdha fost l-affarijiet l-aktar antiki u prezzjużi li kellu [99]. Maż-żmien fil-kwadru tal-Kappella żiedu x-xbieha tat-Terzjarja Dumnikana, Skolastika Muscat, li kienet mhux biss proprjetarja tal-Kappella, imma wkoll benefattriċi tagħha [100].

**Il-Kappella ta' S. Kosma u S. Damjan** twaqqfet min-nobbli Salvu de Fauzono, iżda ma nafux sewwa s-sena li fiha twaqqfet; ċertament qabel it-8 ta' Jannar 1517 (1516 ab Incarn.) meta l-imsemmi Fauzono ħalla fl-atti tan-nutar Gulju Cumbo biex jindifen fil-Kappella tiegħu tal-Qaddisin Martri Kosma u Damjan [101]. Il-kwadru tal-Kappella kien jirrappreżenta lil S. Kosma u S. Damjan u f'nofshom, il-Madonna bil-Bambin; fuq il-Madonna kien hemm Ġesù Kristu mniżżel mis-Salib b'Marija Maddalena u b'Marija Klejofa, fil-ġenb kien hemm il-Lunzjata [102]. Però dan il-kwadru sar wara s-sena 1512, li biha tagħlaq il-kitba tagħna [103].

**Il-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju** nbniet mill-Patrijiet; naħsbu li mill-bidu kienet iddedikata lill-Madonna tar-Rużarju. Kien fiha artal bix-xbieha tal-Madonna tar-Rużarju mpittra fuq it-tila [104]; il-ħitan tal-Kappella kienu mżejna b'bosta figuri mpittrin bil-qaddisin [105]; ma nafux sew meta saru l-kwadru u l-pittura mal-ħitan. Il-kuruna antika ħafna b'domna bix-xbieha ta' San Duminku li nstabet f'qabar fil-Kappella tal-Madonna tal-Għajnuna forsi kellha xi relazzjoni mad-devozzjoni antika lejn il-Madonna tar-Rużarju f'din il-Kappella [106].

**Ir-raba' Kappella fuq in-naħa tal-Vanġelu** ma nafux sew la min bnieha lanqas lil min kienet iddedikata. Jista' jkun li bnewha l-Patrijiet bħalma bnew il-Kappelli tar-Rużarju, ta' S. Pietru u ta' S. Brandanu, iżda wisq probabbli bnietha n-nobbli

99. L-istess, f. 126v.
100. L-istess, ff. 126 u 257v n. 141.
101. Giuliana Antica II, f. 559; Azzoppardo, Descrittione I, f. 248v n. 88; Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p. 405.
102. Azzoppardo, Descrittione I, f. 126v.
103. Għal aktar tagħrif ara Giuliana Antica II, 559v, u Azzoppardo, Descrittione I, ff. 126v u 249v n. 97.
104. Mill-kopja awtentika tal-għoti ta' din il-Kappella lill-Konfraternità tar-Rużarju fis-sena 1578 fl-atti tan-nutar Anġlu Barthalo; ara Giuliana Antica I, f. 432 u l-folji ta' wara.
105. Azzoppardo, Descrittione I, f. 126v.
106. Ara l-kitba fil-bidu ta' din il-paġna.

Ventura de Episcopo. Din fis-7 ta' Mejju tas-sena 1520, fl-atti tan-nutar Anton Rapa, ħalliet biex fil-Kappella mibnija minnha fil-Knisja tad-Dumnikani jsir kwadru, quddiesa kull nhar ta' Sibt, jitkantaw Vespri, issir quddiesa f'jum il-festa u jinxtegħel il-lampier fis-Sibtijiet u fil-Festi prinċipali [107]. Minn dan kollu ma sar xejn minħabba xi tilwim mal-werrieta [108]. Wara dan nafu li fis-sena 1537 fir-raba' Kappella fuq in-naħa tal-Vanġelu twaqqfet il-Kappella tal-Madonna ta' Luretu min-nobbli Lawrenz Baglio [109]. Naħsbu li dan it-tibdil fi żmien hekk qasir kien il-kawża li din il-Kappella ta' Ventura de Episcopo ntesiet mill-kittieba kollha.

**Il-Kappelli ta' S. Pietru Martri u S. Brandanu Abbati** kienu l-ewwel żewġ Kappelli minn fuq għal isfel fuq in-naħa ta' l-Epistula, jiġifieri, minflok il-Kappelli ta' l-Isem ta' Ġesù u ta' S. Duminku li hemm fil-Knisja tal-lum. Mill-Azzoppardo nafu li dawn iż-żewġ Kappelli kienu fuq in-naħa ta' l-Epistula [110], iżda, li dawn kienu minflok il-Kappelli li semmejna nafuh mill-fatt li t-testment li għamel in-nobbli Girgor Xerri fis-sena 1548 biex tinbena l-Kappella tal-Lunzjata bejn il-Kappella ta' S. Pietru, li kienet l-ewwel waħda, u l-Kappella De Nava, li kienet it-tielet waħda (il-lum hemm il-Kappella ta' S. Tumas) [111], ma setax ikun imwettaq għax f'dak il-post kien hemm il-Kappella ta' S. Brandanu. Wara l-viżta ta' Mons. Duzzina ntlaħaq ftehim biex iż-żewġ Kappelli ta' S. Pietru u S. Brandanu jsiru żewġ Kappelli żgħar minflok il-Kappella ta' S. Pietru; b'hekk setgħet tinbena l-Kappella tal-Lunzjata minflok il-Kappella ta' S. Brandanu [112].

**Il-Kappella tal-Madonna ta' Luretu** twaqqfet min-nobbli Ġwann u Isabella de Nava kif jidher mit-testment tagħhom magħmul fl-1 ta' Novembru tas-sena 1487 fl-atti tan-nutar Pawlu

107. Giuliana Antica I, f. 145; Azzoppardo, Descrittione I, f. 249 n. 93; l-Azzoppardo bla ma nduna kiteb li dan il-legat sar fis-sena 1620 minflok fis-sena 1520.

108. Li kien hemm tilwim nafu mill-ftehim li ntlaħaq bejn P. Vincenz de Episcopo, O.P., iben Ventura, u n-nobbli Anjeże d'Alaimo, il-werrieta ta' Ventura; ara Giuliana Antica I, ff. 160-161, u l-Azzoppardo, Descrittione I, f. 249 n. 94.

109 Giuliana Antica I, f. 216; Azzoppardo, Descrittione I, ff. 126v - 127, u 251 n. 108.

110. Azzoppardo, Descrittione I, ff. 127 - 128v; hawn l-Azzoppardo ma kienx eżatt rigward fejn kienu fil-qedem dawn iż-żewġ Kappelli; l-istess Azzoppardo jikkoreġi din l-ineżattezza f'f. 252v; ara kwotazzjoni 112.

111. Giuliana Antica I, f. 231; Azzoppardo, Descrittione I, f. 252 n. 115.

112. Azzoppardo, Descrittione I, f. 252v. fejn hemm il-Viżta ta' Mons. Duzzina li tmiss din il-Kappella u t-tifsir ta' l-Azzoppardo fejn fost l-oħrajn jikteb "Dove oggi vi è la Cappella del Nome di Gesù prima v'erano due cappelle aperte una con l'altra cioè di S. Pietro martire e di S Brandano Abbate". Ara wkoll R.M.L., Ms. 643, Visitatio Apost. Duzzinae, p. 283.

# L-EWWEL KUNVENT U L-EWWEL K

PJAN TA' FUQ




Dan id-disinn inħadem mit-tifsir li tajna fuq il-Kunvent u l-Knisja, barra t-tqassim ta' l-uffiċini, u l-qisien u t-tqassim taċ-ċelel, tas-sagristija u tal-kampnar li nħażżu kif u fejn nobsru li setgħu kienu.

. TA' S. MARIJA TAL-GHAR, 1512



Bonello. Fl-atti msemmija Gwann de Nava ried li martu Isabella, u jekk din tkun mejta, il-werrieta, ikomplu l-Kappella mibdija minnu, iġibu xbieha jew statwa tal-Madonna tar-rħam ta' riliev



Il-Madonna tar-rħam li nġiebet għall-Kappella tal-Madonna ta' Luretu; din il-lum qiegħda fil-Kripta.

u jagħmlu ċertu quddies [113]. Minħabba xi tilwim il-legat imħolli minn Ġwann de Nava b'risq il-Kappella ġie ttraskurat; minħabba f'hekk il-Patrijiet talbu lil Viċirè ta' Sqallija ħalli jġiegħel lill-werrieta jagħmlu dmirhom. Għalhekk dan fl-1 ta' Mejju tas-

113. Giuliana Antica I, ff. 257 - 258; Azzoppardo, Descrittione I, f. 245 n. 53; min jixtieq ikun jaf it-testment kollu jara R.M.L., Ms. 635, Testamentum de Nava, ff. 63v - 66v. Fuq it-twaqqif ta' din il-Kappella ara wkoll l-Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p.404.

sena 1508 ħareġ provista fejn obbliga, taħt piena ta' elf fjorin, lil Pietru u Ġwann de Nava, ulied werrieta tan-nobbli Ġwann u Isabella de Nava, biex mill-aktar fis ilestu l-Kappella, iġibu x-xbieha tal-Madonna tar-rħam ta' riliev u jagħmlu l-quddies kif ħalla fit-testment tiegħu Ġwann de Nava[114]. Wara dan l-ordni tal-Viċirè ta' Sqallija ma sibna ebda tħaqqiqa oħra fuq dan il-legat. B'hekk il-Kappella tal-Madonna ta' Luretu kienet definittivament imwaqqfa.

Ġwann de Nava bit-testment tiegħu ma ħasebx biss biex titkompla l-Kappella mibdija minnu, imma ħaseb ukoll biex jibbenefikaha; fost l-oħrajn ried li tinġieb xbieha jew statwa tal-Madonna tar-rħam, waqt li ma jingħadx li ħaseb għall-kwadru tal-Kappella. Dan iġigħelna naħsbu li din ix-xbieha kellha tkun minflok il-kwadru; f'dan il-każ din riedet b'xi mod tirrappreżenta lill-Madonna tad-Dar ta' Nazaret; din tkun imfissra wisq tajjeb bix-xbieha tal-Madonna tħaddan lill-Bambin Ġesù. Ċertament ix-xbieha tal-Madonna fuq l-ordni tal-Viċirè nġiebet u naħsbu li tqiegħdet bħala titular ta' din il-Kappella. Iżda ġara li l-werrieta, wisq probabbli qabel is-sena 1537[115], bidlu t-titular tal-Kappella f'dak ta' S. Katerina minn Siena. Ċertament din il-bidla saret wara ftit snin biss mindu tlestiet il-Kappella, tant li l-Azzoppardo fid-deskrizzjoni storika ta' din il-Kappella jikteb li kienet iddedikata lil S. Katerina bla ma jsemmi li qabel kienet iddedikata lill-Madonna ta' Luretu[116]. Hu wisq probabbli li meta saret din il-bidla l-Patrijiet talbu x-xbieha tal-Madonna tar-rħam bil-ħsieb li jqegħduha fil-Għar, għax il-Madonna tħaddan lill-Bambin kienet tfisser tajjeb ħafna kif dehret il-Madonna lill-Kaċċatur, u l-irħam kien l-aktar materjal li jiflaħ għall-umdità tal-Għar. Din il-probabilità tissokta tissaħħaħ mill-istil Sansovino (1486 - 1570) tax-xbieha tal-Madonna tar-rħam li hemm fil-Għar[117].

**Il-Kappella ta' Sant'Ursula** kienet l-ewwel Kappella li twaqqfet fil-Knisja ta' P. Zurki. Proprjament din kienet Knisja żgħira mibdija fis-sena 1467 minn Randino u Pawla Vella, u minn Pawlu u Isolda Tabuni, li ħallew ukoll ċerti beni biex titkompla tinbena,

114. Mill-oriġinal tal-provista msemmija, ara Giuliana Antica I, ff. 189 - 190.

115. Kieku fis-sena 1537 il-Kappella De Nava kienet għadha ddedikata lill-Madonna ta' Luretu naħsbu li n-nobbli Lawrenz Baglio ma kienx jiddedika l-Kappella tiegħu taħt dan it-titlu.

116. Azzoppardo, Descrittione I, f. 129.

117. Niżżuħajr lill-iskultur u dekoratur G. Galea, mir-Rabat, għat-tifsir fuq l-istil tax-xbieha tal-Madonna.

u għall-għixien tas-Saċerdot li jieħu ħsiebha; dan kellu jkun magħżul mill-aħħar wieħed jew waħda li tibqa' ħajja fosthom [118]. Aħna ċerti li din il-Knisja żgħira ngħatat lid-Dumnikani. Fl-arkivju ta' dawn il-Patrijiet għad hemm żewġ kopji notarili tal-fundazzjoni ta' din il-Knisja jew Kappella ta' Sant'Ursula fl-atti tan-nutar Luqa Sillato tat-18 ta' Novembru tas-sena 1467 [119].



Silta mill-fundazzjoni tal-Kappella ta' S. Ursula

Ma nafux meta din il-Kappella ngħatat lid-Dumnikani; aħna tal-fehma li tawhielhom żmien qabel ma bdew jinbnew il-Kappelli fil-Knisja li bena P. Zurki, jiġifieri qabel is-sena 1485; b'hekk ġara li l-Patrijiet tellgħuha Knisja għaliha, u meta bnew il-Kappelli niffduha mal-Knisja permezz tal-Kappella De Nava [120].

118. Giuliana Antica I, ff. 117 u 118; Azzoppardo, Descrittione I, f. 242 n. 9; Abela, Descrittione di Malta. lib. III, not. IX, p. 407.

119. Fiż-żewġ kopji awtentiċi li hemm fuq din il-Kappella fil-Giuliana Antica I, ff. 117 u 118 tissemma' biss il-fundazzjoni tal-Kappella u mhux l-għoti wkoll tagħha lid-Dumnikani.

120. Abela, Descrittione di Malta. lib. III, not. IX, p. 407.

### 5. Ħidma mwettqa mill-Ewwel Dumnikani

Qabel din il-kitba nixtiequ ntennu fehmitna mfissra fil-"Kelmtejn Qabel" li "Mhix ħaġa ħafifa, anzi, ta' wisq taħbil il-moħħ tikteb fuq il-miġja u l-ħidma ta' l-Ewwel Dumnikani fi Gżiritna". Għalhekk nitolbu lill-qarrejja jagħdru xi ftit aktar din il-kitba nieqsa minn tagħrif li aktarx wieħed jistenna wara tfittxija twila li għamilna. Nixtiequ lil ħaddieħor xorti aħjar fuq hekk.

Bla tlaqliq, il-ħidma ewlenija tal-Patrijiet Dumnikani fl-ewwel żmenijiet tagħhom f'Malta kienet tmiss lill-Kripta ta' S. Marija, lill-Knisja ta' Slampa, lill-bini tal-Kunvent u tal-Knisja kbira. Fuq dawn kollha ktibna fit-tul [121]. Iżda l-Ewwel Dumnikani wettqu ħidma aktar barra minn din; tassew li fl-ewwel snin din ma setgħetx tkun ħafna għax fost l-ewwel tliet Patrijiet li ġew wieħed minnhom biss, P. Pietru Zurki, kien Malti [122]; għalhekk il-ħidma kollha kienet taqa' fuqu billi hu biss seta' jiftiehem mal-Maltin bl-ilsien tagħhom [123]. Iż-żewġ Patrijiet Dumnikani, Indrì de Morisea u Pietru de Plathea, li ġew Malta flimkien ma' P. Zurki, setgħu jwettqu xogħol ieħor xejn anqas iebes u meħtieġ, bħalma kien li jmorru jaqdu kull ħtieġa fi Sqallija b'biża' kbir li jinqabdu rsiera mill-iġfna torok, iwettqu l-ministeru appostoliku fost in-nobbli ta' l-Imdina u tal-Kastell fuq il-Baħar (Kastell Sant'Anġlu) u fost il-baħrin tax-xwieni tal-Kmandant tal-Kastell li, wisq probabbli, kollha kienu jifhmu bl-Isqalli; dawn kienu ġejjin u sejrin lejn il-portijiet ta' Sqallija. Naħsbu li kien frott tal-ħidma ta' l-Ewwel Dumnikani fost in-nobbli ta' l-Imdina li dawn, imlaqqgħin fil-Kunsill Popolari tal-15 ta' Marzu 1462, qatgħu li ssir talba lill-Papa ħalli l-Knisja ta' S. Marija tal-Għar tingħata lid-Dumnikani [124]; u aktar tard, fis-sena 1466, l-istess

121. Ara p. 33 u l-paġni ta' wara.

122. Ara p. 26.

123. Għalkemm, sa fejn nafu, il-Malti f'dak iż-żmien ma kienx jinkiteb, iżda aħna ċerti li Gżiritna mhux biss kellha l-Ilsien tagħha, imma wkoll li l-Maltin kienu jitħaddtuh kif jidher sew mill-Kunsill Popolari mlaqqa' fit-28 ta' Jannar 1482 (1481 ab Incarn.) biex jaraw x'jagħmlu fuq il-Kappillan il-ġdid tal-Katidral li kien għadu żagħżugħ u ma jafx bl-Ilsien Malti, "quid agendum sit de hujusmodi negocio cappellani ex quo iste missus est juvenis et linguam hujus insulae ignorat"; ara R.M.L., Ms. Univ. 11, ff. 471 - 473; ara wkoll p. 70. In-nutar Bartilmew de Sillato f'atti tiegħu tas-sena 1496 fisser l-isem ta' għalqa "di lu iudeu, in lingua maltensi talliudi"; ara Giuliana Antica I, f. 76. Sibna wkoll li n-nutar Lawrenz Haius fisser atti tiegħu tas-sena 1525" in lingua maltensi"; ara Giuliana Antica I, f. 160.

124. Ara pp. 31 - 32. Kif wieħed jista' jara mid-deċiżjoni miktuba fil-paġni kkwotati n-nobbli kellhom sehem ewlieni fil-Kunsill; ara wkoll La Diocesi di Malta, Anno II (1917), n. 2, pp. 41 - 44.

nobbli ta' l-Imdina flimkien mat-tliet Dumnikani msemmija hawn fuq, talbu u qalgħu minn għand l-Isqof ta' Malta, Mons. Anton d'Alagona diversi bċejjeċ ta' raba' b'risq id-Dumnikani [125]. Barra minn hekk ma sibna xejn aktar fuq iż-żewġ Dumnikani Sqallin, Indrì de Morisea u Pietru de Plathea, ħlief li l-ewwel wieħed fis-sena 1467 kien ekonomu tal-Kunvent, kif jidher mill-atti tan-nutar Luqa Sillato [126]. In-nutar Indrì Allegritto fir-Rollo jew Cabreo tal-beni tal-Kunvent imniżżel fl-atti tiegħu tas-16 ta' Marzu 1610 (1609 ab Incarn.) jikteb li dawn il-Patrijiet iltaqgħu ma' xi tfixkil 'aliqua incommoda passi sunt'' [127], bla ma jgħid x'kien dan it-tfixkil.

Ma nafux sew meta ż-żewġ Patrijiet Sqallin telqu lura lejn arthom; iżda ż-żewġ donazzjonijiet magħmula fis-sena 1468 minn Carsona Bindini u Wistin Burg lil P. Zurki, Vigarju u Ekonomu [128], jagħtuna nifhmu li huma kienu diġà telqu fis-sena msemmija: kieku ma kienx hekk, kien jagħmilha ta' ekonomu wieħed minnhom u mhux l-istess Vigarju. Iżda aħna ċerti li P. Zurki baqa' Malta jaħdem flimkien ma' Dumnikani oħra biex ifittex ilesti sehem mill-ewwel Kunvent fejn ikunu jistgħu jgħammru tnax-il reliġjuż [129], kif ukoll iħejji kull ħtieġa oħra għat-twaqqif tal-post tagħhom f'Kunvent Formali. Fost l-oħrajn, għal dan il-għan P. Zurki ġieb minn Sqallija, minn għand is-Superjur tiegħu, il-Vigarju Ġenerali tar-Riformati, xi dokumenti awtentiċi tal-Privileġġi ta' l-Ordni Dumnikan u għamel kopji legali tagħhom miktubin fuq il-pergamena.

Nafu żgur li Zurki għamel kopja legali tal-Bulla Appostolika maħruġa fid-29 ta' April tas-sena 1440 mill-Papa Ewġenju IV fejn hemm miġbura u kkonfermati l-Privileġġi kollha mogħtija lill-

125. Mid-diploma oriġinali ta' dan l-għoti miżmum fis-sala tad-Dumnikani tar-Rabat; ara wkoll § 29 p. 37, kwot. 26.

126. Giuliana Antica I, f. 144; Azzoppardo, Descrittione I, ff. 242 n. 8, u 181 n. 2. P. Coniglione, f'La Provincia Domenicana, p.88, isemmi xi ħidma mwettqa fis-sena 1479 minn P. Indrì de Amorosio minn Katanja; jista' jkun li dan kien l-istess Indrì li ġie Malta flimkien ma' P. Zurki biex iwaqqaf l-Ordni Dumnikan; għaliex għalkemm fid-diploma ta' l-Isqof Anton d'Alagona dan jissejjaħ Indrì de Morisea, iżda n-nutar Luqa Sillato kiteb li kien "de Amorosa", Ara Giuliana Antica I, f. 144.

127. Giuliana Antica I, f. 31; Azzoppardo, Descrittione I, f. 181 n. 3.

128. Għal-legat ta' Carsona Bindini, ara Frammenti della Giuliana Antica f. 527, Giuliana Antica I, . 360 u Azzoppardo, Descrittione I, f. 243 n. 15; għal-legat ta' Wistin Burg, ara Giuliana Antica I, ff. 108 u 111, Azzoppardo, Descrittione I, f. 243, n. 16.

129. Biex ma ngħidux l-istess ħaġa nitolbu lill-qarrejja jaraw pp. 36 - 38 fuq il-ħidma mwettqa mid-Dumnikani f'dan iż-żmien għall-bini tal-Kunvent.

Ordni tal-Predikaturi mill-Papiet ta' qalbu; din il-kopja saret fit-18 ta' Marzu tas-sena 1471 (1470 ab Incarn.) fl-atti tan-nutar Ġakbu Sabbara de Sansone [130]. Għamel ukoll kopja legali tal-Bulla Appostolika maħruġa mill-Papa Ewġenju IV fil-21 ta' Marzu 1444 (1443 ad Incarn.) fejn hemm imfisser kif għandha tiftiehem il-klawsola "Salva justitia Ecclesiarum, a quibus mortuorum corpora assumuntur" [131], tal-Bulla Appostolika maħruġa mill-Papa Nikol V fis-27 ta' Novembru tas-sena 1451 fejn dan iħassar dak li hu nnifsu kien ħareġ biex titħallas jew le l-Portio Canonica [132], u kopja tal-konferma tal-kundanna ta' l-iżbalji tal-Majjistru Ġwann de Polliaco magħmula mill-Papa Nikol V fid-29 ta' Ġunju tas-sena 1448 [133]. Dawn l-aħħar tliet kopji legali saru fit-8 ta' Marzu tas-sena 1470 (1469 ab Incarn.) fl-atti tan-nutar Ġakbu Sabbara de Sansone kif wieħed jista' jara mill-kopji legali tagħhom. Jista' jkun li Zurki għamel kopji ta' Bulli Appostoliċi oħra; jekk inhu hekk, dawn intilfu, tista' tgħid, bla ebda tama li jinstabu.

Id-Dumnikani f'Malta kellhom kollox lest biex id-Dar tagħhom titwaqqaf kanonikament f'Kunvent Formali; għal dan il-għan tressqet talba fil-Kapitlu Ġenerali ta' l-Ordni Dumnikan li sar f'Basilea fis-sena 1473 fejn ix-xewqa tagħhom ġiet mismugħa: "Item acceptamus locum Melitensem et Pollientis, provinciae Trinaclie, pro conventu" [134]. B'hekk id-Dumnikani kellhom l-ewwel Kunvent Formali f'Malta. B'sogħba kbira nistqarru li ma nibniex la min kien l-ewwel pirjol lanqas min kienu l-ewwel Patrijiet fi żmien l-erezzjoni kanonka ta' dan il-Kunvent u għal-

130. L-Azzoppardo fid-Descrittione I, ff. 39 - 46 kiteb il-kopja legali ta' din il-Bulla Appostolika; il-kopja awtentika ntilfet. Din il-Bulla ġiet stampata fil-Bullarium Ordinis Praedicatorum, III, pp. 117 - 121.

131. Din il-kopja legali miktuba fuq il-pergamena tinsab fl-Arkivju tad-Dumnikani tar-Rabat; ġiet traskritta mill-Azzoppardo fid-Descrittione I, ff. 51 - 53, u stampata fil-Bullarium O.P., III, p. 180.

132. Din il-kopja legali miktuba wkoll fuq il-pergamena tinsab fis-sala tad-Dumnikani tar-Rabat; l-Azzoppardo għandu kopja tagħha fid-Descrittione I, ff. 53v - 56v; ġiet stampata fil-Bullarium O.P., III, pp. 304 - 305.

133. Din il-kopja legali miktuba fuq il-pergamena tinsab fis-sala tad-Dumnikani tar-Rabat. L-Azzoppardo għamel kopja tagħha fid-Descrittione I, ff. 47 - 50v. Din ġiet stampata fil-Bullarium O.P., III, pp. 206 - 207 u 256.

134. Hieronymus de Bursellis O.P., Cronica Magistrorum Generalium Ord. Frat. Praed., Bologna, Bibl. Univ., cod. lat. 1999, f. 232. Dan id-dokument ta' l-akbar importanza għadu kemm sabu u xandru l-istoriku S. L. Forte, O.P., fl-artiklu Prior of Valletta and Vicar of Malta, fl-Archivum Fratrum Praedicatorum XXXIV (1964) p. 278.

kemm nafu ftit mill-ħidma tagħhom, madankollu isimhom baqa' mitluf fid-dlam taż-żmien nofsani.

Mat-twaqqif tal-Kunvent Formali l-Patrijiet Dumnikani kisbu jeddijiet u tgħabbew b'pisijiet ġodda bħalma kien dak li jridu jieħdu sehem fil-Purċissjonijiet li jsiru mill-Katidral. F'dawn il-Purċissjonijiet l-Agostinjani taw id-dritta lid-Dumnikani; iżda, sitt snin wara t-twaqqif tal-Kunvent Formali tad-Dumnikani, jiġifieri fis-sena 1479, il-Pirjol ta' l-Agostinjani deherlu li huma għandhom jieħdu d-dritta għax il-Kunvent tagħhom f'Malta twaqqaf qabel dak tad-Dumnikani. Min-naħa l-oħra l-Patrijiet Dumnikani dehrilhom li d-dritta tmiss lilhom minħabba l-preċedenza ta' l-Ordni tagħhom, l-approvazzjoni tiegħu mill-Knisja, u għax hekk kienet id-drawwa kullimkien [135].

Fuq hekk infetħet kawża fil-Kurja ta' l-Isqof. Il-Patrijiet Dumnikani ħadu l-parir legali ta' żewġ dutturi fil-liġi, Merlo Sollima, U.J.D., u Ġakbu de Ribaldis, Decretorum Doctor; il-fehma ta' dawn kienet li d-Dumnikani għandhom jieħdu d-dritta lill-Agostinjani minħabba "Prioritas Ordinis, Prioritas Approbationis et Consuetudinis Universalis" [136]. Kif nafu minn tagħrif li sibna meħud mill-atti tal-Kurja ta' l-Isqof, din it-tħaqqiqa nħallet fl-istess sena li nbdiet billi l-Pirjol ta' l-Agostinjani, P. Wistin ta' S. Luchia, quddiem tliet Patrijiet Agostinjani, Pietru Chauchi (?), Ġulju Delia u Nikol de Aste, għaraf li l-Patrijiet Predikaturi ta' S. Duminku għandhom jieħdu d-dritta lill-

135. Mill-oriġinal tal-"Consulto Legale" tad-dutturi fil-liġi, Merlo Sollima u Ġakbu de Ribaldis; ara Giuliana Antica I, ff. 42 - 43. Fil-Giuliana ta' P. V. Zammit, O.P., Vol. I, ff. 4v - 6v hemm traskrizzjoni ta' dan il-Consulto Legale. Li t-tħaqqiqa fuq il-preċedenza bdiet sitt snin wara l-erezzjoni kanonka tal-Kunvent tad-Dumnikani nafuh mill-istess Consulto kif hemm imfisser tajjeb fl-opra ta' G. F. Abela — G. A. Ciantar, Malta Illustrata ovvero Descrizione di Malta Isola nel mare Siciliano e Adriatico con le sue antichità ed altre notizie, Vol. II (Malta 1780), lib. III, not. VIII, pp. 270 - 272. Iż-żewġ Patrijiet, L. M. Muscat, O.E. S.A. u A. M. Grech, O.P., tlewmu bla ħtieġa fuq din it-tħaqqiqa tal-preċedenza bejn il-Patrijiet Agostinjani u Dumnikani; ara kif inħallet din it-tħaqqiqa mid-dokument li rnexxilna nsibu u l-kitba mxandra minn L. M. Muscat, Antichità e Priorità del Convento di S. Agostino nella Notabile, Malta 1913, pp. 86 - 106 u Replica al Malto Rev. P. Alberto M. Grech, S.Th.Lect., dei Predicatori, Malta 1914, pp. 76 - 108, 121 - 126, u minn A. M. Grech, Piccola Risposta al Molto Rev. P. Mro. Luigi Muscat degli Agostiniani, Malta 1914, P. III, Il Consulto Legale sulla lite di precedenza fra gli Agostiniani e i Domenicani del Rabato, pp. 150 - 185, u Lettera Aperta al M.R.P. Mro Luigi Muscat degli Agostiniani, Malta 1914. Ara wkoll ir-reċensjoni ta' Mons. A. Mifsud għall-ktieb ta' L. M. Muscat, Antichità e priorità del Convento di S. Agostino della Notabile, Malta 1913, fl-Archivum Melitense, Vol. II (1914), pp. 104 - 105.

136. Giuliana Antica I, ff. 42 - 43.

Patrijiet ta' S. Wistin fil-Litaniji u l-Purċissjonijiet [137].

Id-Dumnikani kien għad ma kellhomx salib tal-kleru fiż-żmien li nqalgħet u nħallet il-kwestjoni fuq il-preċedenza bejnhom u bejn l-Agostinjani. Żmien wara, jiġifieri, madwar is-sena 1491 [138], riedu jagħmel wieħed; iżda, billi l-Agostinjani fl-istqarrija li biha għarfu l-preċedenza tad-Dumnikani ma semmewx is-salib, il-Patrijiet Dumnikani bagħtu jieħdu parir legali minn għand Petrus Petrolus, duttur fil-liġi, dwar "jekk is-salib li bi ħsiebhom jagħmlu jkollux l-istess preċedenza tagħhom" [139]. Għal dan id-"Dubium" Petrus Petrolus wieġeb: "Billi r-Reliġjużi ta' S Duminku jieħdu l-preċedenza l-aktar għolja fil-Purċissjonijiet u fil-Litaniji, u dawn isiru bis-salib, hi ħaġa naturali li s-salib tagħhom għandu jkollu l-istess preċedenza, għax dan hu parti integrali mill-Kommunità Reliġjuża" [140]. Id-Dumnikani għamlu s-salib tal-kleru u ma nqalgħet ebda diffikultà fuqu. B'hekk intemmet għal kollox it-tħaqqiqa fuq il-preċedenza bejn il-Patrijiet Agostinjani u d-Dumnikani. Min dak in-nhar 'l hawn qatt ma nqala' tilwim aktar fuq dan il-jedd. Ta' min ifaħħar u jimxi fuq is-sura li biha ż-żewġ naħiet fittxew il-ħaqq u s-sewwa bl-imħabba.

Aħna wisq neqsin minn tagħrif ieħor fuq il-ħidma tad-Dumnikani wara l-erezzjoni kanonka tal-Kunvent tagħhom. Nafu li sew sew f'dan iż-żmien huma waqfu għal xi snin mill-bini tal-Kunvent u tal-Knisja [141], għalhekk b'anqas tfixkil setgħu jħarrġu l-ministeru appostoliku. Għandna nifhmu li huma ssoktaw il-ħidma mibdija minn Zurki u sħabu fost in-nobbli ta' l-Imdina

137. Giuliana Antica I, f. 155. It-tħaqqiqa fuq il-preċedenza bdiet sitt snin wara l-erezzjoni kanonka tal-Kunvent tad-Dumnikani, jiġifieri, fis-sena 1479. L-istqarrija fejn il-Pirjol ta' l-Agostinjani għaraf il-preċedenza tad-Dumnikani saret fit-XII l-indizzjoni li taħbat sewwa sew fis-sena 1479; għalhekk it-tħaqqiqa nħallet fl-istess sena li bdiet. Ma setax ikun li nħallet fis-sena 1494, meta terġa' taħbat l-istess indizzjoni, kif wieħed jista' jara mill-kwotazzjoni li ġejja.

138. Id-diffikultà fuq is-salib tal-kleru tressqet mill-Patrijiet Dumnikani lil Petrus Petrolus flimkien ma' diffikultajiet oħra fuq il-legat ta' Ġwann u Isabella de Nava li kien ilu ma jitħallas tliet snin; ara Giuliana Antica I, ff. 178 - 179. Petrus Petrolus wieġeb lill-Patrijiet li huma setgħu jieħdu passi legali kontra l-werrieta wara sena li jkunu għamlulhom twissija; ara l-istess kwot. Fi Frar tas-sena 1492 (1491 ab Incarn.) Pietru de Nava, werriet ta' Missieru Ġwann, wiegħed li jħallas il-legat, magħduda wkoll it-tliet snin mhux imħallsa; ara Giuliana Antica I, f. 195. Għalhekk nistgħu ngħidu b'ċertezza li d-diffikultajiet fuq il-legat De Nava u fuq is-Salib tal-Kleru saru qabel Frar 1492.

139. Giuliana Antica I, f. 179v.

140. L-istess kwotazzjoni.

141. Ara p. 40.

u tal-Kastell fuq il-Baħar; fost dawn ta' l-aħħar sibna li n-nobbli Ġwanna, mart Ġakbu Spatafora, offriet għall-għixien tal-Patrijiet Dumnikani salma qamħ kull sena għal għaxar snin, kif wieħed jista' jara mill-atti tan-nutar Ingomes de Brancato magħmula fl-1 ta' Jannar 1475 (1474 ad Incarn.) [142]; u li n-nobbli Margerita, mart Ġwann di Mazzara, offritilhom is-somma sabiħa ta' għaxart ewieq, fl-atti tan-nutar Pawlu Bonello tat-12 ta' Mejju 1477 [143]. Barra l-ħidma msemmija fost l-aħjar nies ta' l-Imdina u tal-Kastell fuq il-Baħar, id-Dumnikani ma naqsux jaqdu dmirhom ukoll f'kull raħal u kull fejn kien hemm ġemgħa ta' gabillotti fil-gżejjer ta' Malta u Għawdex; naħsbu li dawn kienu ġenerużi ħafna mad-Dumnikani u tawhom bosta għajnuna għall-għixien tagħhom; dan l-għoti ma sarx bis-solennità ta' nutari u xieħda mnejn dawn in-nies twajba setgħu jiksbu l-grazzi u t-tifħir mill-warranin; iżda, forsi kisbu grazzi akbar minn Alla li kien dejjem xhud fl-għemil tagħhom.

Ftit snin fuq it-twaqqif ta' l-ewwel Kunvent Formali, id-Dumnikani ssòktaw il-bini tal-Knisja u tal-Kunvent [144]. Fost l-oħrajn ħasbu biex itellgħu l-post għan-Novizzjat bil-għan li jkattru l-għadd tar-Reliġjużi Dumnikani Maltin. Dan il-post fis-sena 1479 kien diġà mibni [145], iżda ma nafux sew jekk intużax bħala Novizzjat. Jista' jkun li fih id-Dumnikani kienu jħejju bit-tagħlim meħtieġ lill-ġuvintur imħajrin li jħaddnu l-Ordni tagħhom [146]. Din it-tifsira tissaħħaħ mill-fatt li mis-sena 1487 'l quddiem l-għadd tal-Patrijiet Dumnikani Maltin beda jikber u ssokta jiżdied bla qatt ma qata' [147]. Wara l-bini tan-Novizzjat, id-Dumnikani ssoktaw ikabbru u jibbenefikaw il-Knisja u l-Kunvent tagħhom; għal dan il-għan kisbu l-għajnuna ta' l-Isqof ta' Malta Mons. Ġwann Paternò, tal-Kanonċi tal-Katidral, u ta' bosta oħrajn [148].

Il-qima tal-Maltin lejn id-Dumnikani ssoktat tikber ukoll; din tfissret minnhom mhux biss b'donazzjonijiet mogħtija b'wirja ta' qima lejn dawn il-Patrijiet, bħalma għamel Pawlu

142. Giuliana Antica I, f. 52; Azzoppardo, Descrittione I, f. 243 n. 21.
143. Giuliana Antica I, f. 50; Azzoppardo, Descrittione I, f. 243 n. 26.
144. Ara p. 40 - 41.
145. R. Pirro — A. Mongitore, Sicilia Sacra, Vol. II, p. 923.
146. F'dak iż-żmien f'Malta kien hawn nuqqas kbir ta' tagħlim tant li xi wħud mill-imħajrin għall-Patrijiet kien jeħtiġilhom saħansitra jitgħallmu jiktbu.
147. Ara pp. 74 - 75.
148. Biex ma nirrepetux il-lista tagħhom nitolbu lill-qarrejja jaraw pp. 41 - 44.

Tabuni fis-27 ta' April 1481 fl-atti tan-nutar Luqa Sillato, li ħallielhom kulma kellu[149], imma wkoll billi ħafna Maltin riedu jindifnu fil-Knisja tagħom. L-għadd ta' dawn il-funerali kiber. Il-Kappillani bdew jieħdu x-xema kollu mill-funerali tas-Servi u Minuri. Meta l-Isqof ta' Malta, Ġwann Paternò, sema' b'dan, bagħat iwissihom b'reskritt tas-26 ta' Mejju 1480 biex f'dawn il-funerali ma jeħdux xema' barra dik li tingħata lilhom barra l-Knisja[150]. B'hekk l-Isqof Ġwann Paternò ssokta jsaħħaħ il-privileġġ ta' l-eżenzjoni mill-ħlas tal-Quarta Funeraria jew Portio Canonica mogħti lid-Dumnikani mill-Papa Ewġenju IV[151].

Wara bosta snin ta' taħbit u sagrifiċċi liema bħalhom biex id-Dumnikani jlestu sehem ġmielu mill-bini tal-Knisja u tal-Kunvent, fis-sena 1481 sabu rwieħhom mheddin bl-ikreh mit-torok li jgarrfulhom ix-xogħol kollu tagħhom. Din forsi kienet l-akbar prova li s'issa qatt kellhom. Nafu li fil-5 ta' Jannar 1481 (1480 ab Incarn.) ingħatat ordni biex il-Maltin li kienu fi Sqallija, imma li kellhom darhom f'Malta, jiġu lura ħalli jħarsu l-Gżira[152]; fl-10 ta' Marzu ta' l-istess sena ħarġet ordni biex ilestu l-fosos tal-ħitan tal-Belt[153]; u ftit jiem wara, fl-24 ta' Marzu, ħarġet twissija biex igħassu tajjeb għax l-armata torka kienet qed tbaħħar[154]. Minn din s-sena 'l quddiem dan it-theddid ma qatax[155], u fis-sena 1488 it-torok irnexxielhom ukoll jinżlu u jidħlu fil-Borgo tal-Kastell fuq il-Baħar, fejn għamlu ħsara, serqu merkanzija u ħadu bosta Maltin irsiera[156].

Il-Patrijiet Dumnikani mmexxijin mill-qalbieni Pijunier, P. Pietru Zurki, li f'dan iż-żmien ikreh kien Pirjol[157], laqgħu din il-prova bl-akbar kuraġġ. U minkejja li kienu jafu tajjeb f'liema periklu kienu jinsabu l-Knisja u l-Kunvent tagħhom, huma baqgħu sħaħ fil-fehma u fil-ħeġġa li kellhom. Bilkemm laħqet

149. Giuliana Antica I, f. 122; Azzoppardo, Descrittione I, f. 242 n. 13.

150. Ara l-kwotazzjoni n. 41 ta' dan il-Kapitlu.

151. Ara l-kitba li ġbarna fuq din it-tħaqqiqa mill-miġja tad-Dumnikani f'Malta sal-lum f'manuskritt imsejjaħ "Id-Dumnikani tar-Rabat huma eżenti mill-ħlas tal-Quarta Funeraria"; dan il-Ms. jinsab għand il-kittieb.

152. Arkivju tal-Katidral, Ms. 32a, Index Documentorum (imperf.), T.I., taħt id-data 5 Gennaio 1480.

153. L-istess, taħt id-data 10 ta' Marzu 1480.

154. L-istess, taħt id-data 24 ta' Marzu 1480.

155. Dan jidher mill-Ms. 32a ta' l-Arkivju tal-Katidral li għadna kemm ikkwotajna.

156. Ara l-istess Ms. 32a taħt id-data 19 ta' Settembru 1488; ara wkoll l-Abela, Descrittione di Malta, lib. IV, not. I, pp. 432 - 433.

157. Ara p. 78.

għaddiet it-theddida tas-sena 1481, P. Pietru Zurki f'isem il-Kunvent ordna f'Katanja, għand l-aħwa mgħallmin Parisio u Pietru Anton Calachura, kor kbir b'għoxrin siġġu f'kull naħa, maħdum bl-injam tal-ġewż u tal-qastan, imżejjen b'bosta figuri



Silta mill-kuntratt għall-Kor bejn P. Zurki u l-aħwa Calachura

tal-mużajk, kif jidher mill-atti tan-nutar Ġwann Nerik Candacha (?) tat-2 ta' Jannar tas-sena 1482 (1481 ab Incarn.) [158]. Fuq il-ftehim li sar bejn P. Zurki u l-aħwa Calachura, dan il-kor kellu jitlesta fi żmien sentejn, iżda provvidenzjalment tlesta aktar

158. Ara l-kopja awtentika tal-kuntratt fil-Giuliana Antica I, f. 47; din issibha wkoll miktuba fl-Azzoppardo, Descrittione I, f. 101, u fir-R.M.L., Ms. 635, Miscellanea di Documenti, ff. 211v - 213. Fil-Museum tal-Katidral hemm il-panej ta' dan il-kor, imżejna b'bosta figuri tal-mużajk, fosthom hemm Qaddis Dumnikan. Mons. P. Pullicino ħallilna deskrizzjoni sabieħa ħafna tiegħu fil-ktieb, Il nuovo Coro della Chiesa Cattedrale di Malta, Malta 1877. Ara wkoll l-opra ta' Mrs. Jameson, Sacred and Legendary Art, London 1848, Vol. I, p. 70, u Vol II, pp.X, 131 u 140.

tard. Għedna provvidenzjalment għaliex f'Jannar tas-sena 1487 (1486 ab Incarn.) l-Università riedet tordna kor għall-Katidral u l-Isqof qies li din il-ħaġa tmiss lilu biss[159]. Kellhom ikunu d-Dumnikani, Pietru Zurki u sħabu, li jħollu din it-tħaqqiqa billi offrewlhom il-kor maħdum għall-Knisja tagħhom u minfloku



**Xi wħud mill-panej tal-Kor li fis-sena 1482 P. Zurki kien ordna għand l-aħwa Calachura għall-Knisja mibnija minnu**

huma ħadu l-kor qadim tal-Katidral[160]. Il-Patrijiet Dumnikani, b'mod partikulari P. Zurki, ħadu dan il-pass mhux bla għafsa ta' qalb; imma huma għamluh minħabba l-qima li kellhom lejn il-benefatturi kbar tagħhom l-Isqfijiet ta' Malta, l-Kanonċi tal-Katidral u l-Università mnejn bosta drabi kisbu għajnuna eko-

159. A. Mifsud, Frammenti Storici, Doc. XIV, l' Giurati, il Vicario e la fabbrica del coro della Cattedrale, fir-rivista La Diocesi di Malta, Anno III, nn. 9-10 (1918 - 1919), p. 254.

160. Azzoppardo, Descrittione I, f. 102; Abela, Descrittione di Malta. lib. III, not. II, p. 334; G. Bosio, Dell'Istoria della Sacra Religione ed Illustrissima Militia di S. Giovanni Gierosolimitano, P. III (Roma 1602), lib. XV, p. 301; A. Mifsud, La Cattedrale e l'Università, ossia il Comune e la Chiesa in Malta, f'La Diocesi di Malta, Anno II n. 3 (1917), pp. 70 - 71; R.M.L., Ms. 635, f. 213.

nomika u morali. Kemm P. Zurki kien miġjub mill-Università jidher mill-fatt li f'Kunsill magħmul fis-sena 1482 inqata' li jiktbu lill-Vigarju Generali ta' l-Ordni ta' l-Osservanza ta' S. Duminku biex P. Zurki jkun "Cappellano Maggiore" (illum Arċipriet) tal-Katidral, minflok ieħor mibgħut mill-Isqof li ma kienx jaf bil-malti [161].

Kif diġà għedna, mis-sena 1487 'il quddiem l-għadd tal-Patrijiet Dumnikani żdied sewwa; m'għandna ebda dubju li l-ħidma tagħhom kibret ukoll, mhux biss għax ħasbu biex jibnu l-Kappelli fil-ġnub tal-Knisja u jtemmu l-bini tal-Kunvent, imma wisq aktar b'żjieda fil-ħidma appostolika; iżda, b'sogħba ntennu li aħna neqsin minn tagħrif partikulari fuq hekk [162]. Iż-żjieda fl-għadd ta' donazzjonijiet ma tħallilna ebda dubju li huma ssoktaw ikattru l-ħidma tad-Dumnikani ta' qabilhom, speċjalment fost in-nobbli ta' l-Imdina u tal-Kastell fuq il-Baħar wara l-ħatra ta' P. Dumink de Barthalo għall-uffiċċju ta' Inkwiżitur Delegat għall-Gżejjer ta' Malta u Għawdex, magħmula madwar is-sena 1492 [163]. Hu wisq probabbli li bis-saħħa ta' l-Inkwiżitur, P. Dumink de Barthalo, il-Viċirè ta' Sqallija Ferdinandu d'Acugna, fiż-żjara li għamel lil Malta fis-sena 1492, ta lid-Dumnikani tazza tal-fidda biex biha jagħmlu kalċi [164]; dan naħsbu li nħadem qabel Awissu tas-sena 1492 kif iġegħilna nifhmu l-kont imħallas minn P. Bartilmew Pachi lill-arġentier Vincenz de Archifello "pro conzatura et mastria cuiusdam calicis" [165].

P. Zurki, sa minn qabel ma kienet lesta għal kollox il-Knisja,

161. R.M.L., Ms. Univ. 11, ff. 471 - 473; A. Mifsud, Frammenti Storici, Doc. XII, Sulla elezione del Parrocco della Cattedrale che non sapeva il maltese A.D. 1481, f'La Diocesi di Malta, Anno III, nn.7 - 8 (1918 - 1919), pp. 203 - 205.

162. Ma naħsbux li fost id-dokumenti li għandna fi Gżiritna jista' jinstab tagħrif aktar milli ktibna fuq il-ħidma ta' l-Ewwel Dumnikani f'Malta; iżda għad baqa' tama li tinstab xi ħaġa aktar fuqhekk fl-arkivji barra minn Malta, speċjalment fl-arkivju ta' l-istat ta' Palermo meta dan jerġa' jiġi ordinat mill-ħsarat li ġarrab fl-aħħar gwerra dinjija u, aktar tard, mill-ħruq tal-post fejn kienu r-reġistri ta' dan l-arkivju.

163. Abela Descrittione di Malta, lib. IV, not. IV, p. 559. Naħsbu li għall-anqas xi kawżi nkwiżitorjali saru fir-"Regia Gran Corte" tal-Kastell fuq il-Baħar fejn l-Abela fost id-dokumenti li kien hemm sab li d-Dumnikan imsemmi kien inkwiżitur. Fil-Kjostru tal-Kunvent tal-Lunzjata, il-Birgu, kien hemm il-kitba: "P. M. Dominicus Bartolo Melitensis Ordinis Praedicatorum Inquisitor hujus Insulae qui eius virtute patriam decoravit anno 1492"; ara Azzoppardo, Descrittione I, f. 166v.

164. L-Abela jgħid li ħa t-tagħrif fuq l-għoti tat-tazza tal-fidda lid-Dumnikani minn kitba li ġġib id-data 13 ta' Mejju 1492; Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p. 406.

165. Azzoppardo, Descrittione I, f. 103.

ħaseb biex tkun mgħammra b'kull ħtieġa, tant li Knejjes oħra kienu sselfu l-affarijiet minn għand id-Dumnikani. Iżda billi dan kien ikun ta' ħsara, u l-Patrijiet ma kenux f'qagħda li setgħu jżidu spejjes, il-General ta' l-Ordni, fid-19 ta' Ġunju tas-sena 1500, bagħat jordna taħt piena ta' skomunika, biex il-Pirjol u l-Patrijiet ma jisilfux aktar ħwejjeġ tas-Sagristija lill-barranin [166]. Ma rnexxielna nsibu mkien l-inventarju ta' l-affarijiet li l-Knisja ta' S. Marija tal-Għar, mibnija minn Zurki, kellha f'dak iż-żmien. Fost l-oħrajn kien hemm Salib tal-Kleru maħdum madwar is-sena 1492 [167], kalċi maħdum mit-tazza tal-fidda li tahom il-Vicirè ta' Sqallija Ferdinandu d'Acugna, u ġilandra tal-fidda ndurata għall-espożizzjoni tas-Sagrament ordnata f'Katanja għand l-arġentier Vincenz de Archifello, fit-22 ta' Mejju 1492, minn P. Bartilmew Pachi, fl-atti tan-nutar Gullielmu de Sancta Cruce [168]; din tlestiet f'Lulju ta' l-istess sena u tħallset fit-8 ta' Awissu tas-sena msemmija flimkien max-xogħol ta' kalċi, minn P. Bartilmew Pachi [169]. Sa mitejn sena wara sibna din il-ġilandra mniżżla fl-inventarji ta' l-arġenterija tal-Knisja [170]; jidher li kienet għal qalb il-Patrijiet biex dawn f'kull theddida u ħbit mit-torok qagħdu jġorruha magħhom u jeħduha għall-kenn f'dar fl-Imdina li l-Patrijiet kienu żammew għalhekk [171]. Niftakru li l-Patrijiet, barra l-ġilandra li kienet goffa u tqila, kellhom bosta ħwejjeġ oħra x'jieħdu magħhom; fost dawn qatt ma ħallew il-kitba ta' l-atti notarili ta' donazzjonijiet, legati eċċ. miġbura fl "xkora ħamra" maqfula fl-arkivju tal-Kunvent, lesta għalkemm jeħduha kull meta kien jingħata s-sinjal ta' xi theddida mit-torok. B'hekk aħna, flimkien ma' l-Abela [172], jidhrilna li għandna nfaħħru lill-Ewwel Dumnikani għall-ħarsien tajjeb ta' dawn id-dokumenti mnejn l-Azzoppardo seta' jiġbor, u aħna nxandru, il-għemil qalbieni tagħhom b'din il-kitba.

Wara li l-Patrijiet Dumnikani lestew il-Knisja u l-Kunvent

166. Arch. Gen. O.P., IV. 13, f. 90.
167. Ara p. 65.
168. Giuliana Antica I, ff. 45 - 46; Azzoppardo, Descrittione I, ff. 102 - 103; ara wkoll R.M.L., Ms. 635, ff. 213 - 214v.
169. Giuliana Antica I, f. 46; Azzoppardo, Descrittione I, f. 103.
170. Azzoppardo, Descrittione I, f. 137; Liber Cons. 1643 - 1690, fl-aħħar folji mhux impaġinati fejn hemm bosta inventarji tal-Knisja u tal-Kunvent.
171. Azzoppardo, Descrittione I, f. 244v n. 48. Ma nafux sew liema kienet din id-dar; nafu li nofsha kienet ta' Salvu Fauzuni.
172. Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p, 406.

u għammruhom kif setgħu, sabu rwieħhom ekonomikament magħfusin mhux ftit. Din il-qagħda ma ttejbetx malajr tant li fis-sena 1511 fil-Kunvent "Kien hemm tant għaks u faqar li bil-kemm seta' jinkiseb dak li hu meħtieġ għall-ikel" [173]. Għalhekk il-Pirjol flimkien mal-Patrijiet tal-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar talbu l-għajnuna lir-Re ta' Spanja, Ferdinandu l-Kattoliku. Hu wisq probabbli li t-talba tagħhom ġiet irrikmandata minn Garcias Jan, Kaptan Spanjol ta' l-armi tal-Belt ta' l-Imdina, li kien iqim ħafna lid-Dumnikani [174]. Għal dan l-għan il-Patrijiet, fit-12 ta' Ottubru 1511, qalgħu l-permess minn għand il-Ġeneral ta' l-Ordni tagħhom biex P. Pietru Xara jmur fi Spanja [175]. Dan effettivament mar u qala' minn għand ir-Re Ferdinandu disa' bċejjeċ ta' raba' li jinħadem, sitta fil-Fiddien u tlieta f'Binguirad "għall-għixien tal-Patrijiet u tar-Reliġjużi tal-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar", kif jidher mid-diploma miktuba fuq il-pergamena maħruġa mill-Belt ta' Burgos fil-31 ta' Jannar tas-sena 1512 (a Nativitate), iffirmata mill-istess Re Ferdinandu [176]. L-għoti formali ta' dan ir-raba' sar fil-post tal-Fiddien, fil-25 ta' Awissu tas-sena 1512, lil P. Franġisk Gaudixi, Pirjol tal-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar, u lil P. Pietru Xara, prokuratur speċjali maħtur għalhekk, minn Gwann de Guevara, Segretarju u Prokuratur Rjali għal Malta u Għawdex, u min-nobbli Manfredu Rogerju Caxaro, Assistent Segretarju, quddiem in-nutar Pawlu Bonello [177].

L-għoti tar-raba' mir-Re Ferdinandu kien tassew barka għall-Patrijiet Dumnikani. Id-dħul minnu mhux biss ħelishom mill-qagħda ekonomikament imwiegħra li kienu fiha, imma, saħħaħ-

173. Mid-Diploma tal-għoti tar-raba' lid-Dumnikani mir-Re ta' Spanja, Ferdinandu; l-oriġinal jinsab fis-sala tad-Dumnikani tar-Rabat, iżda wieħed jista' jara kopja tiegħu fl-Azzoppardo, Descrittione I, ff. 106v 108v, u fir-R.M.L., Ms. 635, ff. 215 - 218.

174. Azzoppardo, Descrittione I, f. 106.

175. Registrum Litterarum Fr. Thomae de Vio Caietani O.P. Magistri Ordinis 1508 - 1513, ed. Albertus de Meyer O.P., Monumenta Ordinis Fratrum Praedicatorum Historica, Vol. XVII, Romae 1935, (= MOPH XVII), p. 208, n°64.

176. Ara l-oriġinal ta' dan l-għoti jew kopja tiegħu skond ma ktibna fil-kwotazzjoni 173. Il-kelma *"binguirad"* ktibniha kif inhi fid-diploma; fuq in-naħa ta' wara ta' l-istess diploma, aktar tard, ġie miktub "Concessio terrenarum di lo fiddien e li *binguerrad*.....". L-Azzoppardo fid-Descrittione I, f. 106 iġib nota fuq dan l-għoti meħuda mir-Regia Cancelleria ta' Sqallija fejn kiteb *"binguerrat"*; ma' ġenb l-istess kitba l-Azzoppardo jġib nota marġinali meħuda wkoll mir-Regia Cancelleria ta' Sqallija: *"beni-arad alias venerando culea feudum"*. L-Abela fid-Descrittione di Malta, lib. I, not. I, p. 26 jikteb din il-kelma: *"Benuarrat"*, figlio dell'erede, detto anticamente *"Venerànt Cala"*; u fil-lib. III, not. IX, p. 406 kitibha: *"Binuarrat"*. Ktibna dan kollu fuq din il-kelma bit-tama li nagħtu dawl lil xi kittieba li xtaqu tagħrif fuqhekk.

177. Azzoppardo, Descrittione I, f. 108v.

hom tant tajjeb li setgħu jfittxu aktar bil-ħeffa l-ħidma b'risq il-ġid ta' l-erwieħ [178]. B'hekk l-Ewwel Dumnikani temmew b'wiċċ il-ġid it-twaqqif ta' l-Ordni tagħhom f'Malta. Dawn b'radd il-ħajr għall-għajnuna msemmija għamlu diversi "Mergoli Reali" fuq il-ħajt tal-ġnien ta' taħt it-twieqi tad-dormitorju l-ġdid (fil-



Ir-Re Ferdinandu qiegħed jagħti l-għajnuna lil P. Pietru Xara

Kunvent il-qadim), u fuq il-ħajt tal-faċċata tal-bieb tal-Kunvent il-qadim; dawn ġew meqruda fis-sena 1672 biex seta' jitkompla l-bini tal-Kunvent il-ġdid [179]. Biex il-warranin ma jinsewx l-għajnuna rjali msemmija, id-Dumnikani, meta bi ħtieġa kellhom iġarrfu t-tifkiriet imsemmija, ħasbu jqiegħdu fuq il-bieb tat-

178. Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p. 406, u lib. IV, not. IV, p. 561.
179. Azzoppardo, Descrittione I, f. 182v.

taraġ tal-Kunvent kwadru mpitter biż-żejt fuq it-tila fejn jidher ir-Re Ferdinandu qed jagħti lil P. Pietru Xara d-diploma tal-għoti tar-raba'; taħt il-kwadru qiegħdu wkoll din il-kitba:

*Foelix de Crypta Claustrum, quod Sceptra decorant.*
*En animo recolit Regia dona suo.*
*Catholici siquidem Solii monimenta per Aevum*
*Aedibus, et Templo splendida dextra tulit.*
*Sic Ferdinando dum gestit reddere grates*
*Nostra sibi summo plaudit honore Domus.* [180]

## 6. Il-Pijunieri ta' l-Ordni Dumnikan f'Malta

Għalkemm fit-tagħrif li s'issa ġbarna u ktibna fuq il-miġja u l-ħidma ta' l-Ewwel Dumnikani f'Malta, il-Patrijiet imsemmija huma biss ftit, ma jfissirx li ma kienx hemm oħrajn; difatti rnexxielna niġbru lista sabiħa tagħhom. Iżda f'din il-lista jonqos inżidu l-Patrijiet li kienu ma' P. Zurki ftit qabel u ftit wara t-twaqqif tal-Kunvent Formali fis-sena 1473. S'issa ma rnexxilniex insibuhom, kif ukoll ma stajniex insibu l-ismijiet tal-Fratelli Kooperaturi li flimkien ma' l-Ewwel Patrijiet ħadmu u qasmu t-tbatijiet fit-twaqqif ta' l-Ordni Dumnikan f'Malta. Iċ-ċirkustanzi taż-żmien iġegħluna naħsbu li l-Kunvent qatt ma kien nieqes minnhom; iżda, isimhom baqa' mistur għal kollox għat-tifħir tal-bnedmin. Ir-raġuni ta' dan in-nuqqas ta' tagħrif fuqhom ġej mill-fatt li, kemm l-Azzoppardo u wisq aktar aħna, kellna nsawru l-kitba tagħna minn diplomi, kopji notarili u dokumenti oħra bħal dawn. La l-Azzoppardo, lanqas aħna ma sibna Giuliana tal-Kunvent miktuba bħalma tinkiteb il-lum; il-Giuliana Antica li ta' sikwit semmejna fil-kitba tagħna tikkonsisti f'ġabra tad-dokumenti msemmija li fihom b'ebda mod ma jidħlu l-Fratelli Kooperaturi.

F'ras il-lista tal-Pijunieri ta' l-Ordni Dumnikan f'Malta nsibu t-tliet Patrijiet, Pietru Zurki, Indrì de Morisea u Pietru de Plathea, imniżżlin fid-diploma tal-għoti tar-raba' magħmul mill-Isqof Anton d'Alagona fis-sena 1466 [181]. Warajhom, mill-Arkivju Generali ta' l-Ordni Dumnikan f'Ruma, sibna lill-Patrijiet Fran-ġisk Kristofru (1474), Dumink de Barthalo (1477) u lill-istudent

180. Giuliana miktuba minn P. V. Zammit, O.P., Vol. I, f. 19v.
181. L-oriġinal ta' dan id-diploma qiegħed fis-sala tad-Dumnikani tar-Rabat; ara kwotazzjoni 26 ta' dan il-kapitlu.

Anton (1477) li kien fi Trapani [182]; fil-Frammenti della Giuliana Antica fis-sena 1478 jissemma għall-ewwel darba P. Bartilmew Pachi [183] li kien id il-leminija ta' Żurki; u fis-sena 1484 jissemma P. Damjan Mule u P. Anton Gaudixi [184]; dan ta' l-aħħar, però, aktarx kien l-istess Anton li jissemma fl-Arkivju Ġenerali ta' l-Ordni Dumnikan.

Mis-sena 1487 'il quddiem il-għadd tal-Patrijiet żdied ġmielu u għandna lista tassew sabiħa tagħhom. Fl-Arkivju Ġenerali O.P. jissemmew il-Patrijiet, Kristofru, Salvu u Gullielmu, li fis-sena 1489 ġew assenjati fil-Kunvent tagħhom f'Malta [185]; fl-istess Arkivju nsibu ismijiet oħrajn, iżda, billi dawn huma bla kunjom jista' wieħed ifixkilhom ma' oħrajn ta' l-istess isem; għalhekk ħallejnihom, imma, niżżilnihom minn dokumenti oħra fejn huma miktuba bil-kunjom ukoll. Mill-arkivju msemmi sirna nafu wkoll li P. Pietru Xara fis-sena 1508 ġie affiljat mal-Kunvent ta' art twelidu mill-Kunvent ta' Sirakuża [186]; fil-istess sena jissemma wkoll l-istudent Wistin de Muscato [187]. L-Azzoppardo ma' dawn l-ismijiet iżid bosta oħrajn miġbura minnu mid-dokumenti tal-Giuliana Antica. Dawn huma l-Patrijiet: Nikol Fauzuni (1487), Marku Fauzuni (1488), Ġlormu Fercacheni (1488), Bartilmew Fercacheni (1488), Franġisk Gaudixi (1488), Mattew de Episcopo (1495), Mikiel de Episcopo (1495), Marku Vella (1496), Ġwann Fercacheni (1496), Ġakbu Buiubbe (1496), Beneditt Gaudixi (1499), Nikol Skembri (1503), Gullielmu Chilia (1503) u Manfredu de Episcopo (1503) [188]. Ma' dawn irid jiżdied P. Gullielmu Chumi (1508) [189] li hu nieqes mill-lista ta' l-Azzoppardo għaliex dan bla ma ntebaħ, fixkel dan l-isem ma' dak ta' Chilia li kien diġà kitbu [190].

Dawn kienu l-Pijunieri, li nafu bihom, tat-twaqqif ta' l-Ordni Dumnikan f'Malta. Tneħħi xi wħud li kienu Sqallin, kollha kienu Maltin; iżda dan ma jfissirx li huma qattgħu għomorhom kollu

182. Arch. Gen. O.P. IV. 3 (Reg. Leonardi de Mansuetis, 1474 - 78), ff. 96, 103v, 104v u 136v.
183. Ara f. 507; ara wkoll l-Azzoppardo, Descrittione I, f. 243v n. 23 u f. 182v.
184. Giuliana Antica I, ff. 101 - 102.
185. Arch. Gen. O.P. IV. 9 (Reg. Joachimi Turriani 1487 - 91), f. 137v.
186. MOPH XVII, p. 202, n°12.
187. L-istess, p. 202, n°18.
188. Azzoppardo, Descrittione I, f. 182v.
189. Giuliana Antica I, ff. 100 u 360.
190. Azzoppardo, Descrittione I, f. 247 n. 73.

jaħdmu fil-Kunvent tagħhom; ħafna minnhom ġew mibgħuta f'Kunventi oħra ta' l-istess Provinċja ta' Sqallija. M'għandniex tagħrif biżżejjed fuq liema Patrijiet kienu jgħaqqdu l-Kommunità Reliġjuża tal-Kunvent, speċjalment fl-ewwel żmenijiet. Bilgħan li nimlew, b'xi mod, dan in-nuqqas, sejrin inġibu l-ismijiet tal-Patrijiet li f'diversi snin kienu jiffurmaw il-Kunsill tal-Kunvent; dawn ġbarnihom minn atti notarili tal-Giuliana Antica u tal-Frammenti della Giuliana Antica [191].

L-ewwel Kunsill Kunventwali sibnih fl-atti tan-nutar Ingomes de Brancato tat-12 ta' April tas-sena 1484; minn dawn l-atti jidher li fil-Kunsill imsemmi ħadu sehem il-Patrijiet: Bartilmew Pachi, Vigarju, Anton Gaudixi u Damjan Mule; il-Pirjol P. Pietru Zurki ma setax jieħu sehem għax kien barra l-Kunvent [192]. It-tieni Kunsill li nafu bih sar fis-6 ta' Lulju tas-sena 1489 fl-atti tan-nutar Mattew de Vassallo; fih ħadu sehem il-Patrijiet: Pietru Zurki, Pirjol, Nikol Fauzuni, Bartilmew Fercacheni u Franġisk Gaudixi [193]. Fil-Kunsill magħmul fl-1 ta' Ottubru tas-sena 1496, imniżżel fl-atti tan-nutar Bartilmew de Sillato ħadu sehem il-Patrijiet, Pietru Zurki, Pirjol, Bartilmew Pachi, Vigarju u Ekonomu, Franġisk Gaudixi, Marku Vella, Ġwann Fercacheni u Ġakbu Bulubbe [194]. Fil-Kunsill imniżżel fl-atti ta' l-istess nutar Bartilmew de Sillato tas-7 ta' Ottubru tal-15 indizzjoni (1496) ħadu sehem il-Patrijiet, Pietru Zurki, Pirjol, Bartilmew Pachi, Vigarju u Prokuratur, Marku de Fauzono, Marku Vella u Ġwann Fercacheni [195]. L-aħħar Kunsill li nafu bih, magħmul sewwa sew meta l-Pirjol P. Pietru Zurki kien sejjer jispiċċa l-aħħar prijurat tiegħu, sar fit-13 ta' Jannar tas-sena 1500 (1499 ab Incarn.), kif jidher mill-atti tan-nutar Ġakbu Sabbara; ħadu sehem fih il-Patrijiet, Pietru Zurki, Pirjol, Bartilmew Pachi, Sottopirjol,

191. Ngħarrfu lill-qarrejja li barra l-Patrijiet li sejrin insemmu, fil-Kunvent kien hemm oħrajn li ma kenux tal-Kunsill Kunventwali; setà wkoll jagħti l-każ li xi wħud tal-Kunsill ma setgħux ikunu hemm, kif ma kienx hemm l-istess P. Zurki fl-ewwel Kunsill li sejrin insemmu

192. Giuliana Antica I, ff. 101 - 102.

193. L-istess, f. 74.

194. L-istess, f. 76; Azzoppardo, Descrittione I, f. 244v n. 48.

195. Ara Frammenti della Giuliana Antica, f. 503 u l-Azzoppardo, Descrittione I, f. 246v n. 64. Kemm fil-Frammenti kemm fl-Azzoppardo mhemmx data, iżda l-indizzjoni biss; imma s-sena ma setgħetx tkun ħlief is-sena 1496 li fiha taħbat l-indizzjoni ħmistax: meta terġa' taħbat l-istess indizzjoni, ħmistax-il sena wara, P. Zurki kien mejjet, u ħmistax-il sena qabel in-nutar imsemmi kien għadu ma bediex jaħdem; terġa' sewwa sew fis-sena 1496 insibu lil Bartilmew Pachi, Vigarju u Prokuratur; ara Giuliana Antica I, ff. 56 u 75.

Franġisk Gaudixi, Beneditt Gaudixi u Ġwann Fercacheni[196]. B'dan nagħlqu l-lista tal-Kunsilji Kunventwali li rnexxielna nsibu, li saru fiż-żmien li fuqu qed niktbu tat-twaqqif ta' l-Ordni Dumnikan f'Malta.

Il-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani f'Malta mill-miġja tagħhom sas-sena 1473 meta twaqqaf Kunvent Formali kien immexxi




Il-Kripta kif tidher il-lum mibdula f'Santwarju

minn Vigarju, u mis-sena 1473 'il quddiem minn Pirjol. Billi fid-dokumenti bejn is-snin 1450 - 1466 ma jissemma ebda Patri b'ismu ma nafux b'ċertezza min kien Vigarju tal-Kunvent jew aħjar tad-Dar tal-Patrijiet f'dan iż-żmien, għalkemm naħsbu

196. Giuliana Antica I, f. 93; Azzoppardo, Descrittione I, f. 247 n. 65.

li kien P. Pietru Zurki, li nafu b'ċertezza li kien Vigarju fis-snin 1466 - 1473 [197].

Ma stajna nsibu mkien il-Prijuri tal-Kunvent fis-snin 1473 - 1480; iżda wara dan iż-żmien, irnexxielna niġbru, tista' tgħid, il-Prijuri kollha sas-sena 1512, meta mhux biss tlestew il-Knisja u l-Kunvent, imma kien ukoll imsaħħaħ għal kollox l-għixien tal-Patrijiet bl-għoti tar-raba' mir-Re Ferdinandu. Dawn ġbarnihom mill-atti notarili tal-Giuliana Antica, tal-Frammenti della Giuliana Antica, mill-Azzoppardo u mid-diploma tar-Re ta' Spanja, Ferdinandu [198].

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1481 | — 1482 | = | P. Pietru Zurki. |
| 1483 | — 1484 | = | ,, ,, |
| 1485 | — 1486 | = | P. Duminк de Barthalo. |
| 1487 | — 1488 | = | P. Pietru Zurki. |
| 1489 | — 1490 | = | ,, ,, |
| 1491 | — 1492 | = | ,, ,, |
| 1493 | — 1494 | = | ,, ,, |
| 1495 | — 1496 | = | ,, ,, |
| 1497 | — 1498 | = | |
| 1499 | — 1500 | = | P. Pietru Zurki [199]. |
| 1500 | — 1501 | = | P. Franġisk Gaudixi. |
| 1502 | — 1503 | = | P. Bartilmew Pachi. |
| 1504 | — 1505 | = | |
| 1506 | — 1507 | = | P. Franġisk Gaudixi. |
| 1508 | — 1509 | = | P. Gullielmu Chumi [200]. |
| 1510 | — | | |
| 1511 | — 1512 | = | P. Franġisk Gaudixi. |
| 1513 | — 1514 | = | P. Pietru Xara. |

197. Azzoppardo, Descrittione I, ff. 39, 47 u 181; Giuliana Antica I, f. 108; u d-diplomi li P. Zurki għamel kopji tagħhom li huma msemmija f'pp. 62 - 63 ta' din il-kitba.

198. Giuliana Antica I, ff. 74, 76, 79, 93, 95, 122, 126, 148, u 195; Frammenti della Giuliana Antica, ff. 502, 503 u 506; Azzoppardo, Descrittione I, ff. 103v, 181, 182v, 247 n.73 u 248 n. 82; u d-diploma tar-Re Ferdinandu fis-sala tal-Kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat.

199. P. Zurki spiċċa minn Pirjol qabel l-20 ta' Gunju tas-sena 1500; ara Arch. Gen. O.P., IV., 13, f. 90.

200. Dan il-Pirjol insibuh imsemmi fil-Giuliana Antica I, f. 100, fl-atti tan-nutar Pietru d'Alaimo tat-8 ta' Novembru ta' l-indizzjoni 12; għalkemm f'dawn l-atti mhemmx imniżżla s-sena, iżda l-indizzjoni tnax ma setgħetx tkun ħlief dik li taħbat fis-sena 1508, billi fis-snin li taħbat l-istess indizzjoni qabel u wara s-sena 1508 nafu min kien Pirjol. L-Azzoppardo fl-opra tiegħu, Descrittione I, f. 247 n. 73 isemmi dawn l-atti tan-nutar Pietru d'Alaimo, iżda, bla ma nduna, kiteb isem il-Pirjol Chilia minflok Chumi.

# *ŻJIDIET*

## 1. Il-Knisja ta' S. Mark tħalliet lid-Dumnikani

L-Azzoppardo fil-bidu ta' l-opra tiegħu "Descrittione delli tre Conventi che l'Ordine dei Predicatori tiene nell'Isola di Malta" jġib il-proċess li sar fis-sena 1537 fuq il-Knisja ta' S. Mark, fejn illum hemm il-Patrijiet Agostinjani tar-Rabat, li fis-sena 1431 kienet tħalliet lid-Dumnikani tal-Provinċja ta' Sqallija biex jiġu jwaqqfu Kunvent tagħhom f'Malta [1]. Għalkemm il-kitba tagħna hi biss fuq il-miġja u l-ħidma ta' l-ewwel Dumnikani, iżda jidhrilna li m'għandniex inħallu barra għal kollox il-proċess imsemmi, mnejn jidher sew li l-Knisja msemmija tħalliet lid-Dumnikani madwar għoxrin sena qabel il-miġja tagħhom fi Gżiritna. Għalhekk ħsibna li nġibuh b'żjieda jew appendiċi fi tmiem il-kitba tagħna.

Il-Wisq Rev. Dun Mikiel de Fabro, Kanonku tal-Katidral ta' Malta, fis-sena 1402 bena l-Knisja ta' S. Mark [2], fejn illum hemm il-Knisja ta' l-Agostinjani tar-Rabat, Malta. Ġara li l-imsemmi Mons. De Fabro fis-sena 1431 kien marid sewwa; għalhekk fis-17 ta' Mejju ta' din is-sena għamel it-testment fl-atti tan-nutar Luqa Sillato. Fost l-oħrajn ried li l-Knisja ta' S. Mark u ċerti beni mniżżlin fit-testment, wara mewtu, jingħataw lill-Provinċjal tad-Dumnikani ta' Sqallija; f'każ li dan jilqa' dan l-għoti, ikollu jibgħat fi żmien sena xi Patrijiet Dumnikani ħalli jibnu hemm Kunvent tagħhom; jekk il-Provinċjal imsemmi jiċħad din l-offerta jew jonqos li jibgħat xi Patrijiet fi żmien sena, il-Knisja msemmija ssir benefiċċju tal-Katidral ta' l-Imdina [3]. Iżda l-Pro-

1. L-Azzoppardo kiteb il-proċess fuq il-Knisja ta' S. Mark fid-Descrittione I, ff. 1 - 22; fil-folji 22 - 31 jissokta jġib tagħrif aktar fuq l-istess proċess mill-Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. I, pp. 313 - 316, u not. VIII, pp. 396 - 401, u minn diversi atti notarili. Fir-R.M.L., Ms. 635, ff. 224 - 237 hemm l-aktar bċejjeċ importanti tal-proċess fuq il-Knisja ta' S. Mark, aktarx ikkuppjati mill-Azzoppardo, kif sibna li għamel il-kittieb fuq ġrajjiet oħra mniżżla fl-istess Ms.

2. Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. VIII, p. 401; Ferris, Descrizione Storica delle Chiese, p. 115.

3. Ara kopja tat-testment fl-Azzoppardo I, ff. 7 - 9; ara wkoll l-Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. VIII, p. 398.

vinċjal tad-Dumnikani ma ġie mgħarraf b'xejn minn dan wara l-mewt ta' Dun Mikiel de Fabro 4.

Aktar minn mitt sena wara li De Fabro għamel it-testment tiegħu, il-Patrijiet Dumnikani li kienu diġà Malta u li kienu jagħmlu mal-Provinċja ta' Sqallija, semgħu xi ħaġa fuq l-aħħar rieda ta' l-imsemmi Monsinjur 5; għaldaqstant dawn fittxew li jiftiehmu ma' Dun Anton de Mangione, Kantur tal-Katidral 6, li kien kiseb il-beneficċju tal-Knisja ta' S. Mark permezz ta' Bulla Appostolika maħruġa minn Ruma fl-20 ta' Settembru tas-sena 1531 7; iżda ma rnexxilhomx jilħqu ftehim miegħu 8.

Billi d-Dumnikani ma kellhomx provi biżżejjed biex ifittxu l-jeddijiet tagħhom quddiem l-awtorità kompetenti, huma talbu l-għajnuna tas-Santa Sede. Għalhekk il-Papa Pawlu III fis-16 ta' Lulju 1536 ħareġ Bulla Appostolika fejn hedded bi skomunika lil dawk li għandhom xi ħaġa tal-Monasteru ta' S. Duminku u ma jrodduhiex fiż-żmien li jiġi determinat mill-Arċidjaknu tal-Katidral, Mons. Duminku Dimech 9. P. Duminku Tabuni, O.P., f'isem id-Dumnikani ppreżenta din il-Bulla lill-Ordni Gerosolmitan fil-15 ta' Jannar 1537 (1536 ab Incarn.) 10, u tlitt ijiem wara ngħatat l-approvazzjoni maħruġa minn "Castello Melitensi" (Sant'Anġlu) li din il-Bulla setgħet tiġi mwettqa 11. Fl-14 ta' Marzu 1537 il-Patrijiet Dumnikani ppreżentawha lill-Awtorità kompetenti biex tkun imwettqa; dan seħħ fl-istess jum billi l-Arċidjaknu, Mons. Duminku Dimech, stqarr quddiem in-nutar Appostoliku, Brandanu

4. Azzoppardo, Descrittione I, ff. 1 u 11; Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. VIII, pp. 398 - 399.

5. Mill-Cabreo tal-beni tal-Kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat magħmul min-nutar Indrì Allegritto fl-atti tiegħu tas-16 ta' Marzu 1610 (1609 ab Incarn.); ara wkoll Giuliana Antica I, f. 34, Azzoppardo, Descrittione I, ff. 29 u 314v; u R.M.L., Ms. 635 f. 224. L-Allegritto fl-atti msemmija jgħid li d-Dumnikani semgħu xi tagħrif fuq il-legat tal-Knisja ta' S. Mark madwar sitt snin qabel fetħu l-proċess, jiġifieri fis-sena 1531. Naħsbu li hemm xi żball fid-data; it-tilwim bejn id-Dumnikani u Mons. De Mangione fuq dan il-legat ma setax beda qabel Ġunju 1535, meta nafu li dan, li f'dak iż-żmien kien ukoll Kappillan tal-Knisja ta' S. Lawrenz fil-Birgu, ġie affiljat ma' l-Ordni Dumnikan "pro beneficiis religioni exhibitis"; ara Ruma, Arch. Gen. Ord. Praed, IV, 24 (Reg. Vic. et Proc. Gen. 1532 - 38), f. 172 u p. 91 ta' dan il-ktieb.

6. L-istess kwotazzjoni.

7. Ara l-Azzoppardo, Descrittione I, ff. 20v - 22r fejn hemm kopja sħiħa tal-Bulla Appostolika msemmija.

8. Ara l-istess kwotazzjonijiet tan-numru 5.

9. Ara kopja sħiħa tal-Bulla fl-Azzoppardo, Descrittione I, ff. 12v - 13r.

10. L-istess Ms. f. 6r in calce.

11. L-istess Ms. f. 13.

Caxaro, u x-xiehda Lawrenz Baglio u Luqa Caxaro, li hu lest biex iwettaq il-mandat mogħti lilu mis-Santa Sede [12].

Bis-saħħa tax-xandir tal-Bulla Appostolika bit-theddida ta' l-iskomunika, id-Dumnikani ġew mgħarrfin sew bil-legat li ħallielhom Mons. De Fabro fis-sena 1431 [13]; għalhekk P. Paskal Barletta, li kien Vigarju Generali tad-Dumnikani f'Malta, bla telf ta' żmien laqa' l-legat imsemmi u talab lill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, Sede Vacante, biex tiġi mħarsa r-rieda ta' Mons. De Fabro [14]. P. Duminik Tabuni, prokuratur tal-Kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat u prokuratur maħtur biex imexxi din il-kawża [15], fl-24 ta' April 1537, ippreżenta nota tal-għemil tal-Vigarju Ġenerali, P. Paskal Barletta; din ġiet milqugħa mill-Imħallef tal-Kurja "Laurentius" fis-26 ta' l-istess xahar u sena msemmija [16]; dak inhar stess il-Kurja ta' l-Isqof qabbdet lil Ġwann Axac ixandar bannu jew proklama fl-imkejjen pubbliċi u fejn kienu jiġu mxandra, li min għandu l-Knisja ta' S. Mark u r-renti tagħha jrid jidher il-Kurja ma' tul il-jum ta' l-għada [17].

Fit-28 ta' April 1537 il-Kantur tal-Katidral, Dun Anton de Mangione, mar il-Kurja fejn stqarr li hu għandu f'idejh il-Knisja ta' S. Mark b'benefiċċju li ġie mogħti lilu bil-"Bulla Apostolica S. Marci et S. Margheritae" maħruġa minn Ruma fl-20 ta' Settembru tas-sena 1531 [18]. Fis-16 ta' Ġunju 1537, tliet werrieta tal-werrieta ta' Dun Mikiel de Fabro, in-nutari, Mikiel de Falsono, Federiku de Falsono u Nardu Calavà, f'atti pubbliċi tan-nutar Brandanu de Caxaro, stqarrew li D. Mikiel de Fabro ħalla l-Knisja ta' S. Mark u ċerti beni lid-Dumnikani biex huma jiġu jibnu Kunvent tagħhom fil-Knisja msemmija. Fl-istess kitba huma fissru li għamlu din l-istqarrija minħabba l-iskomunika papali; hi xewqa tagħhom, issoktaw igħidu, li r-rieda tat-testatur tkun imħarsa bir-reqqa; jekk hu meħtieġ huma kienu lesti li jerġgħu jġeddu l-għoti tal-Knisja ta' S. Mark lid-Dumnikani. Għal dan

12. L-istess kwotazzjoni; l-Azzoppardo kiteb bi żball li d-Dumnikani ressqu l-Bulla biex tiġi esegwita fl-14 ta' Mejju; din trid tiġi kif ktibniha, fl-14 ta' Marzu; dan l-iżball jidher sew mill-istess Ms. ta' l-Azzoppardo, f. 6.

13. Azzoppardo, Descrittione I, ff. 1, 6 u 11.

14. L-istess, f. 6r - v.

15. L-istess, ff. 9v - 11r fejn hemm kopja ta' din il-ħatra mniżżla f'atti pubbliċi tan-nutar Dun Ġorġ Buttigieg.

16. L-istess, f. 6v.

17. L-istess kwotazzjoni ta' qabel.

18. L-istess, ff. 6v - 7r, u ff. 20v - 21v fejn hemm kopja tal-Bulla msemmija.

l-att kien hemm P. Dumink Tabuni, O.P., li bħala prokuratur imqabbad għal din il-kawża laqa' l-istqarrija u l-offerta magħmula mill-werrieta tal-werrieta ta' Mons. De Fabro [19].

Sadattant il-Vigarju Ġenerali, P. Paskal Barletta, O.P., bagħat igħarraf lill-Provinċjal tiegħu, il-Majjistru P. Stiefnu Bulani, bl-aċċettazzjoni tal-legat ta' Dun Mikiel de Fabro kif ukoll bl-għemil kollu li kellu x'jaqsam ma' din il-kwistjoni. Dan minnufih ikkonferma l-aċċettazzjoni tal-legat u l-għemil tal-prokuratur. P. Dumink Tabuni, kif jidher mill-atti tat-28 ta' Mejju 1537 magħmula f'Katanja min-nutar Bernardu de Bona Fide [20]. Il-Provinċjal imsemmi, dak inhar stess, fl-atti ta' l-istess nutar, għamel ukoll kitba oħra legali fejn ħatar b'solennità akbar "solemnius" lil P. Dumink Tabuni biex ikun prokuratur jew "Nuncium Speciale" għall-kawża fuq il-legat tal-Knisja ta' S. Mark [21].

P. Dumink Tabuni ma kien jonqsu xejn biex jibda l-kawża; għalhekk fl-20 ta' Lulju 1537 ippreżenta lill-Kurja ta' l-Isqof kull kitba meħtieġa ħalli d-Dumnikani jiksbu d-drittijiet tagħhom fuq il-Knisja ta' S. Mark li kienet għand Dun Anton de Mangione [22]; il-kawża bdiet minnufih quddiem l-Imħallef tal-Kurja, Lawrenz Caxaro. Mhix ħaġa possibbli nġibu l-proċess sħiħ kif inhu fl-Azzoppardo; iżda min jixtieq tagħrif aktar, jista' jara l-libell tal-proċess, il-kapitli, l-interrogatorji u x-xiehda mressqa minn P. Tabuni; l-aċċettazzjoni tal-legat minn P. Paskal Barletta; it-testment ta' Dun Mikiel de Fabro u l-istqarrija ta' dan it-testment mill-werrieta ta' De Fabro; il-ħatra ta' P. Tabuni biex imexxi din il-kawża; l-aċċettazzjoni tal-legat mill-Provinċjal Stiefnu Bulani; il-konferma mill-istess Provinċjal tal-ħatra ta' P. Tabuni biex imexxi din il-kawża u legalità ta' din il-ħatra magħmula f'Katanja; il-Bulla Appostolika maħruġa mill-Papa Pawlu III li thedded bi skomunika lil dawk li għandhom ħwejjeġ tad-Dumnikani u ma jrodduhomx; tifsir ta' żewġ Kataniżi, dutturi fil-liġi, favur id-Dumnikani; stqarrija tan-Nutar tal-Kurja ta' Malta fuq dan it-tifsir. Il-kitba kollha msemmija ġiet ippreżentata minn P. Tabuni biex jitlob il-jeddijiet tad-Dumnikani fuq il-legat tal-Knisja ta' S. Mark imħollija lilhom minn De Fabro [23].

19. L-istess, f. 9r-v, fejn hemm kopja ta' l-atti min-nutar Brandanu de Caxaro.
20. L-istess f. 11, fejn hemm kopja ta' l-atti msemmija.
21. L-istess, ff. 11v - 12v fejn hemm kopja ta' din il-ħatra.
22. L-istess, f. 1.
23. L-istess, ff. 1 - 15.

Il-beneficjat tal-Knisja ta' S. Mark, Mons. Anton de Mangione, Kantur tal-Katidral, ippreżenta wkoll id-difiża tal-jeddijiet tiegħu f'din it-tilwima: il-kapitli, ix-xiehda u l-Bulla Appostolika li biha kiseb il-benefiċċju tal-Knisja ta' S. Mark[24]. Is-smigħ tal-proċess ingħalaq fit-18 ta' Settembru 1537[25].

P. Tabuni, fid-19 ta' Settembru, l-għada li ngħalaq il-proċess, ippreżenta lin-nutar tal-Kurja, Pietru d'Armenia, tliet dokumenti: wieħed miktub minn Dun Glormu Gisimundo, u ieħor min-nutar Nerik de Medico, fejn fihom hemm imfissra tajjeb ħafna d-diffikultà tal-preskrizzjoni ta' erbgħin sena; u dokument ieħor li jibda "Rev. Pasqualis Barletta"[26]. In-nutar tal-Kurja ma laqax dawn id-dokumenti, iżda, l-Imħallef, billi kien għadu ma qarax il-proċess, aċċettahom "tamquam allegationes juris", kif jidher minn nota miktuba u ffirmata minnu[27].

Mill-atti tan-nutar Indrì Allegritto tas-16 ta' Marzu 1610 (1609 ab Incarn.) nafu li l-kawża ġiet maqtugħa fl-24 ta' Settembru 1537 favur il-Patrijiet Dumnikani, u Dun Anton de Mangione ġie mġiegħel jagħtihom il-Knisja ta' S. Mark u l-ġid kollu tagħha bil-frott sa mill-jum mindu bdiet il-kawża[28]. Mill-istess atti nafu wkoll li De Mangione appella lill-Kurja Metropolita f'Palermo, iżda billi dan l-appell sar tard, il-Kurja msemmija b'sentenza mogħtija fit-8 ta' April 1538 ma aċċettatux. De Mangione mbagħad appella lir-Regia Monarchia ta' Sqallija, iżda din, b'sentenza tat-18 ta' Ġunju 1538 ma laqgħetx l-appell tiegħu għax il-proċess ma kienx sar quddiemha. Għalhekk fit-3 ta' Lulju 1538 ġew mibgħuta l-ittri mill-Kurja ta' Malta biex tiġi mwettqa s-sentenza mogħtija fl-24 ta' Settembru tas-sena 1537; l-Allegritto fl-atti tiegħu msemmija hawn fuq jikteb li dawn l-ittri huma f'borża ħamra flimkien ma' kitb'oħra fl-arkivju tal-Kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat[29].

24. L-istess ff. 16 - 22.
25. L-istess, f. 2v.
26. L-istess, f. 15v; ara kopja ta' l-ewwel żewġ dokumenti f'ff. 13 - 15.
27. L-istess, ff. 15 - 16.
28. Mill-Cabreo tad-Dumnikani tar-Rabat magħmul min-nutar Indrì Allegritto fl-atti tas-16 ta' Marzu 1610 (1609 ab Incarn.) fejn in-nutar jikteb fil-qosor il-kapitlu: "Legatum D. Michaelis de Fabro pro fundando Conventu in Ecclesia S. Marci"; ara Azzoppardo, Descrittione I, ff. 29 u 314v - 315, Giuliana Antica I, f. 34; ara wkoll kopja ta' l-istess kapitlu ta' l-istess atti fir-R.M.L., Ms. 635, f. 22r - v.
29. Dan kollu nafuh mill-kapitlu fuq il-legat ta' Dun Mikiel de Fabro mniżżel fl-atti ta' l-Allegritto; ara l-kwotazzjonijiet fin-numru ta' qabel.

Minkejja s-sentenza maqtugħa favur id-Dumnikani, De Mangione baqa' jżomm il-beneficċju tal-Knisja ta' S. Mark. S'issa ma rnexxilniex insibu għaliex din is-sentenza ma twettqetx. Jista' jkun li l-beneficjat De Mangione talab dan il-favur minn għand il-Ġeneral ta' l-Ordni Dumnikan li, fit-23 ta' Ġunju 1535, kien affiljah għall-beneficċi ta' l-Ordni [30]; u dan b'wirja ta' qima laqa' t-talba tiegħu; iżda, fuqhekk ma sibna xejn imniżżel fl-Arkivju tal-Ġeneral, f'Ruma.

F'dak iż-żmien il-Patrijiet ta' S. Wistin kellhom Knisja u Kunvent imbegħdin biss madwar ħmistax-il pass mill-Knisja ta' S. Mark [31]. Ġara li fis-sena 1551 it-Torok niżlu f'Malta b'qawwa kbira bl-għan li jaħbtu għall-Imdina [32]; f'din l-okkażjoni l-Knisja u l-Kunvent ta' l-Agostinjani ġew imġarrfa [33], waqt li l-Knisja ta' S. Mark għallanqas ma ġġarfetx għal kollox. Għalhekk l-Isqof ta' Malta, Mons. Duminku Cubelles, bl-approvazzjoni tal-Kanonċi tal-Katidral u tal-beneficjat, Dun Bartilmew Mangione, fit-28 ta' Awissu tas-sena 1555, ta lill-Patrijiet imsemmija l-Knisja beneficjali ta' S. Mark [34]; dan l-għoti ġie kkonfermat mill-Papa Piju IV. Iżda l-beneficċju mħolli lill-Knisja ta' S. Mark ma ngħatax lill-Agostinjani, imma ġie applikat flimkien ma' beneficċi oħra fit-twaqqif tas-Seminarju fl-Imdina skond id-degrieti tal-Konċilju Tridentin; u aktar tard, bl-approvazzjoni appostolika, fit-twaqqif tal-Kulleġġ tal-Ġiżwiti fil-Belt il-ġdida [35].

## 2. Il-Knisja u l-Kunvent tal-Lunzjata fil-Birgu [36]

Fis-sena 1512, li biha għalaqna l-kitba tagħna fuq l-Ewwel Dumnikani f'Malta, il-Kunvent ta' S. Marija tal-Għar kien mgħammar biżżejjed b'għadd ta' Patrijiet Maltin; dawn issoktaw jiżdiedu tant li, f'qasir żmien, setgħu jilqgħu l-offerta biex

30. Arch. Gen. O.P., IV. 24, f. 172; ara wkoll p. 91.

31. Azzoppardo, Descrittione I, ff. 18v - 20v.

32. Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. VIII, p. 396.

33. Jingħad li dawn iġġarrfu mill-Maltin biex it-Torok ma jinqdewx bihom għall-ħbit fuq l-Imdina; ara Abela, il-kwotazzjoni ta' qabel.

34 Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. VIII, p. 399; Ferris, Descrizione Storica delle Chiese, p.115.

35. L-istess kwotazzjoni ta' qabel.

36. Il-fonti ewlenin ta' din iż-żjieda huma: a) L-Atti tan-nutar Pietru de Alaimo ta' l-4 ta' Frar 1528 meta d-Dumnikani ħadu pussess tal-Knisja tal-Lunzjata; b) Id-diploma li bih il-Vigarju Generali Ġakbu de Raficano reġa' ta lura l-Knisja tal-Lunzjata lid-Dumnikani; c) Il-konferma tal-għoti tal-Knisja lid-Dumnikani min-nies tal-Birgu magħmula fl-atti tat-18 ta' Novembru 1532 min-nutar Dun Ġorġ Buttigieg; u d) Id-diploma proviżorju li bih il-Vigarju

jiftħu post ieħor fil-Birgu [37]. Billi din l-offerta, b'xi mod, kienet frott tal-ħidma appostolika ta' l-Ewwel Dumnikani, dehrilna li għandna nżidu xi tagħrif fuqha. Mhux fehma tagħna li nsawru din iż-żjieda jew appendiċi b'ħafna rqaqat bħalma għamilna fuq is-suġġett ewlieni ta' dan il-ktieb; għalhekk sejrin niktbu biss tagħrif fuq fuq li jmiss it-twaqqif tal-Knisja u tal-Kunvent tal-Lunzjata fil-Birgu.

Fost in-nobbli li kienu jqimu lill-Ewwel Patrijiet Dumnikani f'Malta nsibu lil Imperja de Ribera li, fit-testment tagħha tat-3 ta' Ottubru 1509 magħmul fl-atti tan-nutar Ingomes de Brancato, ħalliet biex binha Ġwann de Guevara jagħti erbat ewieq lid-Dumnikani ta' S. Marija tal-Għar, għad-difna tagħha, għal xi quddies għal ruħha, għal ruħ ommha, u għal ruħ Pietru, l-ewwel raġel tagħha [38]. Naħsbu li l-imsemmi Ġwann de Guevara kien l-istess wieħed li fis-sena 1512, f'isem r-Re ta' Spanja, Ferdinandu, wettaq l-għoti tar-raba' fil-Fiddien u b'Binguirad, li r-Re msemmi kien ta lid-Dumnikani [39].

Il-familja De Guevara kienet magħrufa sew kemm fl-Imdina, fejn kellha dar bl-arma tagħha fuq il-faċċata [40] u fejn ħafna minnha kienu Ġurati u Kaptani ta' l-Università [41], kif ukoll fil-Birgu fejn kellha l-Knisja ta' S. Marija ta' Monserrat bl-arma tagħha fuq il-faċċata [42]. Naħsbu li minħabba din ir-rabta tal-

Ġenerali Kunsalvu Canchiur reġa' ta lura l-Knisja tal-Lunzjata lill-Kappillan Filippu de Guevara. Kopji ta' l-ewwel tliet dokumenti jinsabu fl-Azzoppardo, Descrittione Vol. II, P. II, ff. 1 - 2; fl-Arkivju tad-Dumnikani tal-Birgu Vol. F, ff. 124 - 126; fl-Arkivju tal-Katidral ta' Malta Ms. 3, Documenta Serie A, T. III, ff. 19r - 20v, u Ms. 2, Documenta Serie A, T. II, Erettione del Convento dei Padri di S. Domenico sub titulo Annunciationis nel Borgo del Castello S. Angelo, pp. 207 - 216; u fir-R.M.L., Ms. 635, ff. 240 - 241v. Kopja tar-raba' dokument tinsab fl-Arkivju tal-Katidral, Ms. 10, Documenta Serie A. T.X., Chiesa di S. Lorenzo nel Borgo data alla Sacra Religione Gerosolimitana. L'amministrazione delli Sacramenti nella Chiesa della B. V. Annunciata delli PP., pp. 249 - 251, u fir-R.M.L., Ms. 360, Miscellanea di documenti, Concessione dell'uso della Chiesa di Nunziata al Parroco del Borgo, pp. 660 - 661.

37. Il-Birgu jew aħjar il-Borgo tal-Kastell fuq il-Baħar (Sant'Anġlu), imsejjaħ Vittoriosa wara r-rebħa fuq it-Torok fis-sena 1565, f'dak iż-żmien kien il-port ewlieni ta' Malta; ix-xwieni kienu jidħlu fih mhux biss biex iħottu l-merkanzija, imma wkoll ħalli jkunu mħarsa mill-ħbit tat-Torok u biex jagħmlu t-tiswijiet meħtieġa. Għalhekk fil-Birgu kienu jgħammru għadd ġmielu ta' familji Maltin.

38. Giuliana Antica I, ff. 183 u 266; Azzoppardo, Descrittione I, f. 247v n.76; Abela, Descrittione di Malta, lib. III, not. IX, p. 405.

39. Ara p. 72; Azzoppardo, Descrittione I, f. 108v.

40. Abela, Descrittione di Malta, lib. IV, not. III, p. 489.

41. L-istess, pp. 488 - 489.

42. L-istess, p. 488; ara wkoll R.M.L., Ms. 643, Visitatio Apostolica Duzzinae 1575, pp. 249 - 250.

familja De Guevara ma' l-Imdina u mal-Birgu, Mons. Filippu de Guevara fis-sena 1505 laħaq Kappillan tal-Parroċċa ta' S. Lawrenz, fil-Birgu 43, waħda mill-aktar parroċċi mportanti ta' Malta.

Billi d-Dumnikani kienu miġjuba ħafna mill-Kanonċi tal-Katidral, mill-Università u mill-Familji Nobbli ta' Malta, naħsbu li l-ħatra tal-Kappillan De Guevara switilhom biex huma jissoktaw ikattru l-ħidma tagħhom fil-Birgu mibdija mill-Ewwel Dumnikani. Certament il-ħidma tad-Dumnikani fil-Birgu ġiegħlet lin-nies ta' hemm iqimuhom u jħobbuhom; u kif fl-imgħoddi l-ħidma ta' dawn il-Patrijiet nisslet fi qlub il-Maltin ix-xewqa biex huma jiġu jwaqqfu Kunvent tagħhom f'din il-Gżira, hekk ukoll ġara li bil-ħidma tagħhom fil-Birgu n-nies ta' hemm riduhom iwaqqfu Kunvent fil-Parroċċa tagħhom. Għal dan l-għan offrewlhom il-Knisja tal-Lunzjata. Il-Kappillan tal-Birgu, Filippu De Guevara, li kien ukoll Kappillan tal-Knisja msemmija, ma sab ebda diffikultà għal din ix-xewqa qaddisa, anzi, hu qies li "dan hu ġieħ għall-Birgu u ta' l-akbar ħtieġa għal dawk li jgħammru fih"; għalhekk approva u kkonferma r-rieda tal-Parruċċani tiegħu b'kuntratt li sar fit-12 ta' Ottubru tas-sena 1527 fl-atti tan-nutar Pietru de Alaimo 44.

M'hemmx għalfejn ngħidu li d-Dumnikani laqgħu l-offerta tal-Knisja tal-Lunzjata biex hemm iwaqqfu Kunvent tagħhom. Għalhekk f'anqas minn erba' xhur, sewwa sew fl-4 ta' Frar tas-sena 1528 45, it-tliet Patrijiet, Indrì de Gaudisio, Ġwann Manjuni u Ljun de Armanino 46, għat-talba tan-nies tal-Birgu, li ħafna

43. Ferris, Descrizione Storica delle Chiese, p. 275.

44. It-tagħrif ta' dan il-paragrafu ħadnih mill-għoti lura tal-Knisja tal-Lunzjata lid-Dumnikani mill-Vigarju Ġenerali, Mons. Ġakbu de Raficano; ara Azzoppardo, Descrittione Vol. II, P. II, f. 1r-v, u l-kwotazzjonijiet l-oħra fuq dan id-dokument imniżżla fl-ewwel kwotazzjoni ta' din iż-żjieda.

45. Ordinarjament f'Malta kienu jiktbu s-sena "Ab Incarnatione", iżda din, kif inhi miktuba fi-Azzoppardo, Descrittione Vol. II, P. II, f. 1 hi "A Nativitate", kif wieħed jista' jara jekk iqabbilha ma' l-indizzjoni.

46. L-ismijiet tat-tliet Dumnikani ħadnihom mill-għoti lura tal-Knisja tal-Lunzjata lid-Dumnikani mill-Vigarju Ġenerali De Raficano; ara Azzoppardo, Descrittione Vol. II, P. II, f. 1r–v. Mhux in-nutari kollha kitbu xorta waħda l-kunjomijiet tal-Patrijiet Indrì u Ljun; il-kunjomijiet tagħhom sibnihom miktubin: Gaudixi, De Gaudixi, Degaudixi, Gaudisio, De Gaudisio, Degaudisio, Armanino, De Armanino, Dearmanino u Darmanino, ara Giuliana Antica I. ff. 74, 76, 93 101 - 102, 139, 149, 153, 188, 217, 247 u diversi atti notarili oħra fl-istess Giuliana; ara wkoll Ruma, Arch. Gen. Ord. Praed., IV. 24, ff. 54 u 55. F'xi dokumenti Ljun de Armanino nkiteb Ljun d'Armenia; ara Azzoppardo, Descrittione Vol. II, P. II, ff.1 - 2; iżda

minnhom kienu preżenti, daħlu u ħadu pussess tal-Knisja tal-Lunzjata bil-fehma li jwettqu r-rieda ta' l-istess nies li jibnu hemm Kunvent tagħhom. Iċ-ċerimonja ntemmet b'tiżżija ta' ħajr lil Alla bil-kant tat-Te Deum; imbagħad tniżżlet fl-atti tan-nutar Pietru de Alaimo, quddiem ix-xieħda Glormu Cumbo, Onoratu Candido Raficano u oħrajn 47. B'hekk il-Patrijiet Dumnikani fetħu t-tieni Dar tagħhom f'Malta magħrufa b-isem ta' "Beatae Mariae Annuntiatae suburbii maris Malthae" 48.

F'dak iż-żmien l-Ordni tal-Kavalieri ta' S. Ġwann kien fi ftehim ma' l-Imperatur Karlu V biex jieħu l-Gżejjer ta' Malta u Għawdex; fuq talba tal-Papa Klement VII, l-imsemmi Imperatur ta l-Gżejjer tagħna lill-Kavalieri fl-24 ta' Marzu 1530 49. Il-Gran Mastru Filippu Villiers de L'Isle Adam u l-Kavalieri, imlaqqgħin f'Kapitlu Generali li sar f'Sirakuża fil-25 ta' April ta' l-istess sena, laqgħu l-offerta ta' l-Imperatur u ġew Malta fis-26 ta' Ottubru 1530 50. Il-Gran Mastru stabbilixxa l-Ordni tiegħu fil-Birgu; għalhekk kellu bżonn tal-Knisja ta' S. Lawrenz biex tkun il-Knisja Kunventwali tal-Kavalieri. Il-Kappillan De Guevara bil-kunsens tan-nies tal-Birgu ma riedx jiċħad din ix-xewqa tal-Gran Mastru 51; għalhekk talab lill-Vigarju Ġenerali, Sede Vacante, Kunsalvu Canchiur, biex minflok il-Knisja ta' S. Lawrenz jieħu l-Knisja tal-Lunzjata ħalli fiha jkun jista' jamministra s-sagramenti lill-Parruċċani tiegħu minkejja l-fehma kuntrarja ta' xi wħud mill-Patrijiet li kienu fil-Knisja msemmija bir-rieda

dan hu żball għax Armenia hu kunjom ieħor; ara Abela Descrittione di Malta, lib. IV, not. III, pp. 454 - 456. Minħabba l-iżball imsemmi l-Abela niżżel lil P. Ljun de Armanino b'iben innobbli Anton d'Armenia; ara l-Abela, l-istess kwotazzjoni.

47. Azzoppardo, Descrittione Vol. II, P. II, f. 1; fl-ewwel kwotazzjoni għal din iż-żjieda ssib riferenzi oħra għal dan id-dokument.

48. Arch. Gen. O.P., IV. 24, f. 55r-v.

49. Giacomo Bosio, Istoria della Sacra Religione ed Illustrissima Militia di S. Giovanni Gierosolimitano, P. III, (Roma 1602), lib. V, pp. 80 - 82; Abela, Descrittione di Malta, lib. II, not. XIV, pp. 291 - 292.

50. Bosio, l-istess kwotazzjoni, pp. 82 - 83, u 89; Abela, l-istess kwotazzjoni, pp. 292 - 293.

51. Dan it-tagħrif u kulma ktibna f'dan il-paragrafu ħadnih mid-"Decreto Provisionale del Vicario, Sede Vacante, Canciur circa la Parochia del Borgo, che si faccia nella Nunciata, dandovi la Chiesa di S. Lorenzo alla Religione Gerosolimitana"; ara Arkivju tal-Katidral ta' Malta, Ms. 32b, Index Documentorum, taħt id-data 8 ta' Nov. 1530, u Ms. 10, pp. 249 - 251; ara wkoll l-istess degriet fir-R.M.L., Ms. 360, pp. 660 - 661. Fl-Arkivju tal-Knisja Kolleġġjata ta' S. Lawrenz, il-Birgu, fil-Memorie Raccolte dal Rev. Sac. D. L. Lanzon, Vol. I, not. I, ff. 3 - 4, kien hemm ukoll kopja ta' dan id-dokument; iżda llum il-folji fejn kien hemm dan id-dokument huma neqsin mill-opra ta' Lanzon. Ara R.M.L., Ms. 371, Cenni Istorici Ecclesiastici Maltesi ricavate dalle Memorie Raccolte dal Rev. Sac. D. L. Lanzon, p. 1.

ta' ftit nies u bla permess ta' l-Isqof. L-imsemmi Vigarju Ġenerali, fuq talba ta' l-istess Kappillan, mar il-Birgu flimkien ma' l-Imħallef tal-Kurja Lawrenz Caxaro; meta Canchiur ra li l-maġġoranza tan-nies kienet trid li l-Knisja tal-Lunzjata tingħata lill-Kappillan De Guevara, u li dan jamministra fiha s-sagramenti, sejjaħ lill-Patrijiet, Ljun de Armanino u Ġwann Manjuni, u staqsihom b'liema jedd huma kisbu u qegħdin fil-Knisja tal-Lunzjata; dawn ma weġbux għax dehrilhom li hu ma kienx l-Imħallef li għandu jaqta' din it-tilwima. Għaldaqstant il-Vigarju Canchiur, wara li qies kollox, speċjalment li l-Knisja tal-Lunzjata tagħmel mal-Parroċċa ta' S. Lawrenz, u fuq kollox hi rieda tal-Parruċċani li l-Lunzjata tingħata lill-Kappillan tagħhom, fit-8 ta' Novembru 1530 ħareġ degriet proviżorju fejn reġa' ta l-Knisja tal-Lunzjata lill-Kappillan Filippu de Guevara bil-kundizzjoni "li jkunu mħarsa l-jeddijiet li jista' jkollhom il-Patrijiet." Canchiur għalaq dan id-degriet bl-istqarrija li hu dejjem lest jisma' r-raġunijiet tal-Patrijiet u jagħti ħaqq lil min jistħoqqlu. Minn dak inhar l-Ordni Ġerosolmitan ħa l-Knisja ta' S. Lawrenz biex tkun il-Knisja Kunventwali tal-Kavalieri [52].

B'hekk il-Kappillan De Guevara beda jamministra s-sagramenti lin-nies tal-Birgu mill-Knisja tal-Lunzjata; jidher li l-Patrijiet baqgħu wkoll iwettqu l-ħidma tagħhom f'din il-Knisja. Naħsbu li d-Dumnikani minnufih għarrfu b'kollox lill-Awtorità kompetenti, li ma setgħetx tkun ħlief il-Kurja Arċiveskovili ta' Palermo billi d-Djoċesi ta' Malta kienet tiddependi minnha. Huma kienu jafu li l-Vigarju Generali ta' l-Arċisqof ta' Palermo kien l-Isqof Dumnikan, Bertu de Nasis, li sewwa sew meta ħadu pussess tal-Knisja tal-Lunzjata kien ġie jagħmel Viżta Pastorali f'Malta [53]; naħsbu li f'din l-okkażjoni d-Dumnikani qalgħu minn għandu stess il-konferma tal-għoti tal-Knisja tal-Lunzjata, u minħabba f'hekk huma qiesu li l-Awtorità Kompetenti fit-tilwima li kellhom fuq il-Knisja tal-Lunzjata kienet il-Kurja Arċiveskovili ta' Palermo.

52. Ferris, Descrizione Storica delle Chiese, p. 266; ara wkoll Bosio, Istoria della Sacra Religione, P. III, lib.V, p. 89.

53. Arkivju tal-Katidral, Ms.2, Documenta, Visita del Vescovo de Nasis, pp. 219 - 245 u l-paġni ta' wara; Ferris, Descrizione Storica delle Chiese, p. 34. L-Isqof Dumnikan, Bertu de Nasis, f'din il-Viżta Pastorali kien qata' "li l-Kanonku Kunsalvu Canchiur, bħala Vigarju Ġenerali, m'għandux jieħu l-preċedenza (lill-Kanonċi l-oħra) la fil-kor lanqas fil-purċissjoni"; ara l-kwotazzjonijiet imsemmija; ara wkoll P. Galea, O.P., Melita Dominicana, Malta 1948, pp. 17 - 19.

Għalkemm ma nafux x'għadda bejn il-Patrijiet Dumnikani u l-Kurja ta' Palermo, u bejn din il-Kurja u l-Kurja ta' Malta fuq it-tilwima msemmija [54], iżda, aħna ċerti li t-tħaqqiqa li nħolqot biċ-ċirkustanzi taż-żmien tal-miġja tal-Kavalieri, inħallet f'qasir żmien mill-Vigarju Ġenerali, Sede Vacante, Mons. Ġakbu de Raficano, suċċessur ta' Kunslavu Canchiur, bil-Privileġġ jew Diploma maħruġ mill-Kurja ta' Malta fil-25 ta' Mejju 1531 fl-atti tan-nutar ta' l-istess Kurja, Pietru d'Armenia, iffirmata mill-Vigarju De Raficano u mill-Imħallef tal-Kurja, Lawrenz Caxaro. Billi dan id-diploma ġie aċċettat mill-Kapitlu Provinċjalizju tad-Dumnikani, ġie ffirmat mill-Provinċjal Bastjan Constantino, u mid-Definituri tal-Kapitlu, Ferdinandu de Faso, Stiefnu Holonicus, Tumas Fazellu u Ludoviku de Thesauro [55]. Dan id-diploma fih tliet taqsimiet: fl-ewwel taqsima hemm imfisser kif kienu diġà għaddew tliet snin mindu d-Dumnikani, Indrì de Gaudisio Ġwann Manjuni u Ljun de Armanino, marru fil-Knisja tal-Lunzjata biex hemm jibnu Kunvent tagħhom fuq talba tan-nies tal-Birgu, approvata minn qabel b'kuntratt mill-Kappillan tal-Birgu u tal-Knisja msemmija, Dun Filippu de Guevara; iżda, ġara li f'dan iż-żmien ġie Malta l-Ordni Ġerosolmitan u kellu bżonn il-Knisja ta' S. Lawrenz; għalhekk il-Vigarju Ġenerali Canchiur ta lura l-Knisja tal-Lunzjata lill-Kappillan imsemmi [56]; fit-tieni taqsima hemm kif il-Patrijiet Dumnikani u l-Kappillan ta' S. Lawrenz xtaqu jwettqu r-rieda tajba u l-imħabba tan-nies tal-Birgu; għaldaqstant il-Kappillan De Guevara ried li l-Knisja tal-Lunzjata tkun tal-Patrijiet, u talab li din ir-rieda tiegħu u tal-poplu tal-Birgu tiġi kkonfermata mid-Dumnikani; fit-tielet taqsima l-Vigarju De Raficano stqarr li laqa' t-talba ġusta tagħhom, għalhekk ikkonferma l-għoti tal-Knisja tal-Lunzjata lill-Patrijiet ta' l-Ordni tal-Predikaturi. Dan l-għoti ġie aċċettat mid-Dumni-

54. Barra l-Viżti Pastorali, id-dokumenti tal-Kurja ta' Malta jibdew fis-sena 1540; ma nafux jekk hemmx dokumenti fuq din it-tilwima fl-arkivji tal-Kurja u ta' l-Istat ta' Palermo biex infissru l-għemil tal-Vigarji Ġenerali Canchiur u Raficano, u tal-Kappillan De Guevara.

55. Ara kopja tad-diploma li biha l-Vigarju Ġenerali Ġakbu de Raficano reġa' ta lura lid-Dumnikani l-Knisja tal-Lunzjata fil-kwotazzjonijiet li tajna fin-numru 36. Ta' min jinnota li s-sena li fiha ngħata dan id-diploma jew privileġġ trid tiġi 1531; dan jidher sew billi f'dan id-dokument jissemma' l-għoti lura tal-Knisja tal-Lunzjata lill-Kappillan De Guevara mwettaq f'Novembru 1530 bħala fatt li sar "f'Novembru li għadda", kif ukoll billi fl-istess diploma jingħad li d-Dumnikani kienu diġà ilhom aktar minn tliet snin li marru fil-Birgu u dawn kienu marru fl-4 ta' Frar 1528. Dan jitwettaq ukoll mill-indizzjoni miktuba fuq id-diploma li taqbel ma' Mejju tas-sena 1531 u mhux ma' Mejju 1530.

56. Ara pp. 87 - 88.

kani fil-Kapitlu Provinċjalizju kif jidher mill-firma tal-Provinċjal u ta' l-erba' Definituri tal-Kapitlu [57].

B'hekk ir-relazzjonijiet mill-aħjar bejn id-Dumnikani u l-Kappillan De Guevara, jekk kienu nkisru, reġgħu għal li kienu; u dan seta', bl-akbar ftehim mal-Patrijiet, jamministra s-sagramenti lill-parroċċani tiegħu mill-Knisja tal-Lunzjata. Dan il-ftehim kien ta' siwi għal kulħadd, b'mod partikulari għall-Kappillan li sab għajnuna sħiħa mill-Patrijiet fix-xogħol tal-Parroċċa li mal-miġja ta' l-Ordni Ġerosolmitan kien żdied ġmielu. Minħabba f'hekk il-Patrijiet Dumnikani fil-Birgu żdiedu wkoll; fis-sena 1532 fid-Dar Formali tal-Lunzjata kien hemm dawn il-Patrijiet: Ljun de Armanino, Vigarju tad-Dar, Nikol Bonavia, Ġwann Manjuni, Pietru Pisano (il-kbir), Mikiel de Armanino u Pietru Pisano (iż-żgħir) [58]. Naħsbu li f'din is-sena jew ftit xhur qabel twaqqfet fil-Knisja tal-Lunzjata l-għaqda tal-"Fratelli tal-Lunzjata" [59].

Il-Kappillan ta' S. Lawrenz, Dun Filippu de Guevara miet fl-1532; fl-istess sena laħaq minfloku Dun Anton de Mangione, Kanonku tal-Katidral ta' Malta [60]. Jista' jkun li dan it-tibdil nissel fil-Patrijiet, fil-Fratelli ,tal-Lunzjata u n-nies tal-Birgu biżgħa ieħor fuq it-tilwima li dawn kellhom fl-imgħoddi fuq il-Knisja tal-Lunzjata; forsi minħabba f'hekk dawn, fit-18 ta' Novembru 1532, iltaqgħu fil-Knisja msemmija biex iġeddu u jikkonfermaw l-għoti u l-aċċettazzjoni tal-Knisja b'atti pubbliċi tan-nutar Dun Ġorġ Buttigieg [61].

Il-Kappillan ġdid De Mangione, bħal Kappillan ta' qablu, inqeda bil-Knisja tal-Patrijiet biex fiha jamministra s-sagramenti lill-parruċċani tiegħu. Hu mhux biss għaraf iżomm relazzjonijiet

57. Ara l-kopja tad-diploma ta' l-għoti lura tal-Knisja tal-Lunzjata lid-Dumnikani mill-Vigarju Ġenerali De Raficano fil-kwotazzjonijiet indikati fin-numru 36. L-għemil tal-Kappillan De Guevara u tan-nies tal-Birgu mfisser f'dan id-diploma ma jaqbel xejn ma l-għemil tagħhom imfisser fid-diploma li bih il-Vigarju Ġenerali Canchiur reġa' ta lura l-Knisja tal-Lunzjata lill-Kappillan imsemmi. Jisgħobbina li ma sibniex dokumenti biex inħollu din id-diffikultà.

58. Dan nafuh mill-konferma tal-għoti tal-Knisja tal-Lunzjata lid-Dumnikani min-nies tal-Birgu magħmula fl-atti tat-18 ta' Novembru 1532 tan-nutar Dun Ġorġ Buttigieg; ara l-kwotazzjonijiet ta' dan id-dokument indikati fin-numru 36.

59. Kieku l-għaqda tal-Fratelli tal-Lunzjata kienet ilha mwaqqfa qabel is-sena 1532, din ma kenitx tissemma' biss fil-konferma tal-għoti tal-Knisja tal-Lunzjata lid-Dumnikani magħmula f'din is-sena, imma kienet tissemma' wkoll fid-dokumenti l-oħra kkwotati fin-numru 36.

60. Ferris, Descrizione Storica delle Chiese, p. 275.

61. Ara kopja ta' din il-konferma fil-kwotazzjonijiet indikati fin-numru 36.

mill-aħjar mal-Patrijiet, imma kien benefattur tagħhom ukoll [62]. B'hekk id-Dumnikani, bis-saħħa tan-nies tal-Birgu speċjalment tal-Fratelli tal-Lunzjata, f'qasir żmien kważi lestew sehem mill-ewwel Kunvent [63] biex igħammru tnax-il Reliġjuż ħalli jkun jista' jitwaqqaf Kunvent Formali. B'wirja ta' qima lejhom il-Ġeneral ta' l-Ordni Dumnikan affilja, fl-20 ta' Frar 1535 lill-Fratelli tal-Lunzjata, kemm irġiel kemm nisa, u fit-23 ta' Ġunju ta' l-istess sena lill-Kappillan Dun Anton de Mangione, għall-benefiċċi ta' l-Ordni [64].

Id-Dar Formali tal-Lunzjata tad-Dumnikani, il-Birgu, sa l-1 ta' Marzu 1535, kienet għadha ma twaqqfetx f'Kunvent Formali billi f'din id-data l-Ġeneral ta' l-Ordni ħatar lil P. Mark Mule biex ikun Vigarju tal-post [65]; iżda l-erezzjoni kanonka ta' dan il-Kunvent seħħet qabel l-14 ta' April 1537, billi nafu li f'din s-sena P. Paskal de Barletta kien Pirjol tal-Birgu [66]. Hu wisq probabbli li t-twaqqif ta' dan il-Kunvent Formali sar fis-sena 1536 meta jidher li saret l-istituzzjoni ta' l-ewwel Pirjol, P. Paskal Barletta [67]. Li dan ġie stitwit u mhux magħżul mill-Patrijiet m'għandna l-ebda dubju meta nafu li dan la kien Malti lanqas kien Malta qabel laħaq Pirjol. Fehmitna li De Barletta kien l-ewwel Pirjol tissejjes mill-fatt li mit-tfittxija li għamilna jidhrilna li dan kien

62. Ir-relazzjonijiet tajba bejn il-Kappillan Dun Anton de Mangione u l-Patrijiet Dumnikani tħassru bit-tilwima li nqalgħet bejniethom fuq il-Knisja benefiċjali ta' S. Mark; ara Żjidiet "Il-Knisja ta' S. Mark tħalliet lid-Dumnikani", pp. 79 - 84.

63. Mill-kitba li kien hemm f'nofs it-taraġ tad-dormitorju tal-Kunvent tal-Lunzjata jidher li l-Kunvent tlesta għal kollox fis-sena 1546; ara Azzoppardo, Descrittione Vol. II, P.II, f.4.

64. "Recepta est societas B. M. Annuntiatae suburbii maris Malthae tam presentis temporis quam futuri utriusque sexus ad beneficia ordinis propter largitionem nostro ordini conventus illius terrae", Arch. Gen. O.P., IV. 24, f. 55; "Dominus Antonius Mangiona de Malta cappellanus ecclesiae S. Laurentii Burgi Maltae pro beneficiis religioni exhibitis recipitur in filium religionis et ordinatur quod recipiatur in conventibus ordinis et humane tractetur, presertim in conventibus Maltae et loco Annuntiatae Burgi Maltae prout illi commodum et opportunum fuerit ac recipitur ad beneficia ordinis in vita et in morte"; ara l-istess kwotazzjoni f. 172.

65. "Fr. Marcus Mule de Malta factus est sub precepto vicarius loci S. Mariae Annuntiatae suburbii Maltae cum auctoritate in spiritualibus et temporalibus, quam prior habet secundum constitutiones nostras in conventu suo, et quilibet alius vicarius est absolutus"; Arch. Gen. O.P., IV. 24, f. 55v.

66. "Il Padre Predicatore Fra Pasquale di Barletta Priore nel Borgo, e Vicario delli due conventi in Malta a tempo del P. Maestro Provinciale Fra Stefano Bulano nel 1537", Azzoppardo, Descrittione I, f. 184; ara wkoll f. 6.

67. Skond il-liġijiet Dumnikani meta jitwaqqaf Kunvent Formali l-ewwel Pirjol ikun istitwit u mhux magħżul.

l-ewwel Vigarju Provinċjali **għaż-żewġ Kunventi f'Malta**[68]. L-imsemmi Pirjol kien diġà spiċċa s-sentejn ta' l-uffiċċju tiegħu fit-28 ta' Novembru 1538, billi f'din id-data nafu li kien Pirjol tal-Birgu P. Gwann Manjuni[69]; iżda ma setax ikun li kien ilu ħafna li spiċċa billi l-imsemmi Manjuni fl-istess sena 1538 kien Pirjol fil-Kunvent tar-Rabat[70]. B'hekk nistgħu ngħidu li P. Paskal de Barletta ġie stitwit bħala l-ewwel Pirjol fis-sena 1536, u fl-istess sena seħħ it-twaqqif tat-tieni Kunvent Formali tad-Dumnikani f'Malta, li kien u għadu magħruf bl-isem: Il-Kunvent tal-Lunzjata.

68. Ara kwotazzjoni 66.

69. Azzoppardo, Descrittione II, P.II, f.24; Arkivju tal-Kunvent tal-Lunzjata, il-Birgu, Vol. F., f. 196r - 197v.

70. Azzoppardo, Descrittione I, f. 183.

# *BIBLJOGRAFIJA*

## 1. Manuskritti

*Il-Belt, Arkivju tal-Kunvent tal-Portu Salvu:*

— Azzoppardo, F.M.,O.P., Giuliana del Venerabile Convento dell'Ordine dei Predicatori e della Chiesa Parrocchiale sotto titolo di Santa Maria di Porto Salvo sito nella Valletta dell'Isola di Malta; il-Werrej biss.

— Reg. Vestiario 1646 - 1688.

*Il-Belt, Arkivju tal-Kurja Provinċjalizja O.P.:*

— Callus, Ugo, O.P., Irradiazione Domenicana alla Vittoriosa attraverso quattro Secoli 1528 - 1942.

*Il-Belt, Bibljoteka Rjali ta' Malta:*

— Ms. Universitatis Notabilis 1450 - 1498, n.11.

— Ms. 4, Stromatum Melitensium lib. XVI collecta a Rev. Ignatio Mifsud.

— Ms. 360, Miscellanea di Documenti.

— Ms. 371, Cenni Istorici Ecclesiastici Maltesi ricavati dalle Memorie Raccolte dal Rev. Sac. D. L. Lanzon.

— Ms. 635, Miscellanea di Documenti.

— Ms. 643, Visitatio Apostolica Duzzinae 1575.

— Ms. 1369, Notizie dei Vicarii Generali della Diocesi di Malta... 1392 - 1728.

*Il-Birgu, Arkivju tal-Kunvent tal-Lunzjata:*

— Exito del Vestiario 1658 - 1696.

— Vol. F, Giuliana del Venerabile Convento dell'Ordine dei Predicatori sotto titolo della SS.ma Annunciata eretto nella Vittoriosa dell'Isola di Malta parte scritta e parte raccolta dal P.F.M. Azzoppardo, O.P.

— Vol. G, Miscellanea di Documenti.

*Ir-Rabat, Arkivju tal-Kuñvent ta' S. Marija tal-Għar:*

— Azzoppardo, F.M.,O.P., Descrittione delli tre Conventi che l'Ordine dei Predicatori tiene nell'Isola di Malta, Vol.I P.I, u Vol.II, PP.II u III.

— Frammenti della Giuliana Antica.

— Fsadni, M., O.P., Id-Dumnikani tar-Rabat huma eżenti mill-ħlas tal-Quarta Funeraria.

— Giuliana Antica, Parte I u Parte II.

— Introito Spirituale 1675 - 1783.

— Liber Consiliorum 1629 - 1642.

— Liber Consiliorum 1643 - 1690.

— Libro delli Protocolli overo Entrate Temporali del Ven. Convento di S. Maria della Grotta della Notabile, 1635 - 1689.

— Liber in quo scribantur receptiones et Professiones Novitiorum Simplicium 1660 - 1680.

— Reg. D. 32: Esito Ordinario 1591 - 1614, Esito Straordinario e Speciale 1591 - 1614, Fabbrica 1595 - 1613.

— Reg. D. 31: Esito Ordinario 1617 - 1663, codice inverso, Esito della Fabbrica 1615 - 1662.

— Reg. D. 38, Esito Straordinario 1681 - 1698.

— Reg. J.27, Introito Temporale 1572 - 1611.

— Reg. Vestiario 1664 - 1738.

— Zammit, V.M., O.P., Delle Notizie raccolte da diverse scritture, dagli Consigli antichi e moderni, e dall'Azzoppardo ed altre cose miscellanee scritte per commodità dei Religiosi Alunni di questo Venerabile e Regio Convento di S. Maria della Grotta, 1757. Libro Primo [1]).

— Zammit, V.M., O.P., Giuliana e Compendiosa Istoria del Venerabile Convento di S. Maria della Grotta dell'Ordine dei Predicatori, Parte I 1466 - 1699, u Parte II 1700 - 1796.

— Diversi Pergameni: Il-Privileġġi jew Diplomi oriġinali tal-għoti tar-raba' lid-Dumnikani fis-snin 1466 u 1480 mill-Isqfijiet ta' Malta Anton d'Alagona u Gwann Paternò; id-Diploma oriġinali tal-għoti tar-raba' lid-Dumnikani fis-sena 1512 mir-Re ta' Spanja, Ferdinandu; u diversi kopji legali ta' Bulli Appostoliċi magħmula fuq talba ta' P. Pietru Zurki, O.P.

1. Li dan il-Ms. kitbu V. M. Zammit, D.P., nafuh mill-Giuliana tiegħu, P.II, f. 194.

*L-Imdina, Arkivju tal-Katidral:*

— Ms. 2, Documenta Serie A, T.II.

— Ms. 3, Documenta Serie A, T.III.

— Ms. 10, Documenta Serie A, T.X.

— Ms. 32a, Index Documentorum (imperf.), T.I.

— Ms. 32b, Index Documentorum (imperf.), T.II.

*Ruma, Arkivju Gen. ta' l-Ordni tal-Predikaturi:*

— IV. 3: Reg. Leonardi de Mansuetis, 1474 - 78, ff. 96, 103v, 104v u 136v.

— IV. 9: Reg. Joachimi Turriani, 1487 - 91, ff. 136v, 137v, 139v u 140v.

— IV. 10: Reg. Joachimi Turriani, 1491 - 94, f. 141v.

— IV. 11: Reg. Joachimi Turriani, 1494 - 96, f. 105.

— IV. 13: Reg. Joachimi Turriani, 1500, ff. 88, 89v u 90.

— IV. 20: Reg. Francisci Silvestri Ferrariensis, 1523 - 28, f. 88.

— IV. 24: Reg. Vic. et Proc. Gen., 1532 - 38, ff. 51, 53, 54, 55, 55v, 57v u 172.

— IV. 116: Reg. Joannis Baptistae de Marinis, 1657 - 70, f. 50.

— IV. 163: Reg. Antonini de Monroy, 1677 - 86, f. 47.

— IV. Lib. F, pp. 860 - 867: De Conventibus Ordinis Praedicatorum in Insula Melitensi.

**2. Kotba u Rivisti**

Abela, G. F., Della Descrittione di Malta Isola nel mare Siciliano con le sue antichità ed altre notitie, Malta 1647.

Abela, G. F., — Ciantar, G. A., Malta Illustrata ovvero Descrizione di Malta Isola nel mare Siciliano e Adriatico con le sue antichità ed altre notizie, Vol. I (Malta 1772), Vol. II (Malta 1780).

Armellini, M., Gli antichi cimiteri cristiani di Roma e d'Italia, Roma 1893.

Bosio, G., Dell'Istoria della Sacra Religione ed Illustrissima Militia di S. Giovanni Gierosolimitano, P. III (Roma 1602).

Bullarium Ordinis FF. Praedicatorum, T. III (Romae 1731).

Callus, D. M., O.P., I Domenicani in Malta, 2 ed., Malta 1921.

— Giaimo Vescovo di Malta, Archivum Melitense, Vol. III (1918), pp. 104 - 107.

— Quattro Secoli e Dieci Lustri di Vita Domenicana in Malta 1466 - 1916, Archivum Melitense, Vol. IV (1921), pp. 131 - 153.

— Ħames mija u ħamsin sena ta' ħajja Dumnikana f'Malta 1466 - 1916, Ir-Rużarju Mqaddes (1916) pp. 249 - 260.

Caruana, A. A., Ancient pagan tombs and christian cemeteries in the islands of Malta, Malta 1898.

— Ancient Pottery from Ancient pagan tombs and christian cemeteries in the islands of Malta, Malta 1899.

De Meyer, A., O.P., Registrum Litterarum Fr. Thomae de Vio Caietani O.P. Magistri Ordinis 1508 - 1513, Monumenta Ordinis Fratrum Praedicatorum Historica, Vol. XVII, Romae 1935.

Coniglione, M. A., O.P., La Provincia Domenicana di Sicilia, Catania 1937.

— Pietro Geremia, O.P., Catania 1952.

— Beato Giovanni Liccio, Palermo 1955.

Ferris, A., Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo. Malta 1866.

— Storia Ecclesiastica di Malta, Malta 1877.

Forte, S. L., O.P., Prior of Valletta and Vicar of Malta, fl-Archivum Fratrum Praedicatorum XXXIV (1964), pp. 277 - 341.

— The Cardinal-Protector of the Dominican Order, Dissertationes Historicae, fasc. XV, Romae 1959.

Galea, J., Storja tal-Knisja ta' San Mark u tal-Kunvent ta' l-Agostinjani tar-Rabat, Malta 1957.

Galea, P., O.P., Sidtna Marija tal-Għar (Il-Crypta, il-Knisja u l-Kunvent), Malta 1949.

— Melita Dominicana, Malta 1948.

— Pre-Dominican Malta, Scientia, Vol. IX (1943), pp. 129 - 132.

— Our Lady of the Grotto, The Teachers' Magazine, Vol III (1945), pp. 442 - 443.

— The Sanctuary of Our Lady of the Grotto, The Teachers' Magazine, Vol. IV (1946), pp. 114 - 116.

Grech, A. M., O.P., Piccola Risposta al Molto Rev. P. Mro Luigi M. Muscat degli Agostiniani, Malta 1914.

— Lettera Aperta al M.R.P. Mro Luigi Muscat degli Agostiniani, Malta 1914.

Jameson, Mrs., Sacred and Legendary Art, London 1848.

Leopardi, E. R., Santa Maria da la Gructa, Scientia, Vol. XXIII (1957), pp. 102 - 108.

Maggio, A. di, O.P., — Mirone, T., O.P., De Conventibus Sacri Ordinis Fratrum Praed. in Insula Melitensi, Analecta Sacri Ordinis Praedicatorum, Anno III (1895), pp. 292 - 293.

Mifsud, Mons. A., Reċensjoni għall-ktieb ta' L. M. Muscat, O.E.S.A., Antichità e priorità del Convento di S. Agostino della Notabile, Malta 1913, fl-Archivum Melitense, Vol. II nn. 13 - 16 (1912 - 1913), pp. 104 - 105.

— Il Capitulo della nostra Cattedrale, La Diocesi di Malta, Anno I (1917), n.10, pp. 295 - 298, u n.11, pp. 331 - 336.

— La Cattedrale e l'Università, ossia il Comune e la Chiesa in Malta, La Diocesi di Malta, Anno II (1917), n.2 pp. 41 - 44, u n.3, pp. 68 - 72.

— Frammenti Storici Doc. X, Fabbrica del Convento di S. Domenico alla Notabile, La Diocesi di Malta, Anno III (1918), n.3, p.84.

— Frammenti Storici Doc.X B, Pretesa Giuratale a riguardo delle amministrazioni di beni degli enti ecclesiastici, La Diocesi di Malta, Anno III (1918), n.4, p. 100.

— Frammenti Storici Doc. XII, Sulla elezione del Parroco della Cattedrale che non sapeva il maltese A.D. 1481, La Diocesi di Malta, Anno III, nn. 7 - 8 (1918 - 1919), pp. 203 - 205.

— Frammenti Storici Doc. XIV, I Giurati, il Vicario e la fabbrica del coro della Cattedrale, La Diocesi di Malta, Anno III, nn. 9 - 10 (1918 - 1919), p. 254.

— Frammenti Storici Doc. XV, Assistenza prestata dall'Autorità municipale al Diocesano, La Diocesi di Malta, Anno IV nn. 1 - 2 (1919 - 1920), p. 34.

Muscat, L.M., O.E.S.A., Antichità e priorità del Convento di S. Agostino nella Notabile, Malta 1913.

— Replica al Molto Rev. P. Alberto M. Grech, S.Th. Lect., dei Predicatori, Malta 1914.

Nastasi, E., O.P., — Fsadni, M., O.P., Il-Madonna tal-Għar, Malta 1957.

Pirro, R., — Mongitore, A., Sicilia Sacra Disquisitionibus et notitiis illustrata, ed. III, T. II (Panormi 1733).

Pullicino, Mons. P., Il nuovo Coro della Chiesa Cattedrale di Malta, Malta 1877.

Sant, H., O.P., Dominican Foundations in Malta, The Maltese Rosary, Vol. 3, n.2 (1952) pp. 57 - 60.

Vella, A., O.P., The Tribunal of the Inquisition in Malta — Royal University of Malta Historical Studies (1) - Malta 1964.

— The University of S. Maria Portus Salutis, Journal of the faculty of Arts, Vol. II, n.2 (1962), pp. 164 - 180.

— Storja tal-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu, Malta 1965.

Zammit, T., Malta, The Islands and their History, 2nd. Ed. Malta 1929.

— Archaeological Discoveries in Malta during the year 1911 - 1912, Archivum Melitense, Vol. II nn. 13 - 16 (1912 - 1913), pp. 68 - 69.



## *BENEFATTURI*

*L-illustrazzjonijiet f'dan il-ktieb saru bl-għajnuna ta':*

B. TAGLIAFERRO & SONS, *Bank Est. 1812,* St. John's Square, Valletta.

GAETAN BORG, *Commission Agent,* Merchants Str., Valletta.

P. CARABOTT, *Music Establishment,* Merchants Str., Valletta.

A. CALAFATO, *Coffee Merchants,* Merchants Str., Valletta.

C. DEBONO, *Rix Photo Studio,* College Str., Rabat.

E. BARTOLI, *Import — Export Merchant,* Inguanez Str., Rabat.

"CONSIGLIO", *Western Radio Service,* High Str., Hamrun.

D. TANTI & CO., *Opticians,* St. John's Square, Valletta.

G. B. MALLIA PULVIRENTI, *Casa Vinicola,* Rabat.

GIUSEPPE CUTAJAR, *Blacksmith,* Kingsway, Valletta.

VIVIAN COMMERCIAL CORPORATION, Old Bakery Str., Valletta.

J. CIANCIO, *Royal Studio,* Old Theatre Str., Valletta.

W. GALEA, *Wholesale Dealer,* Mediatrix Square, Zabbar.

CARMEL MUSCAT, *Artilux,* Kingsway, Valletta.

LOUIS BARTOLI & SONS, *Candle Manufacturers,* Rabat.

I. BONAVIA, *Marble Merchant,* Birkirkara.

A. PISANI, *Electrician & Merchant* High Str., Hamrun.

NANI *Piano & Church Organs,* South Str., Valletta.